MT 2018

Nru 19

Rapport Speċjali

# Netwerk ferrovjarju Ewropew ta’ veloċità għolja: mhuwiex realtà iżda huwa sistema frammentata u ineffettiva

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

## TIM TAL-AWDITJAR

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit tal-UE. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla II tal-Awditjar li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni, u li hija mmexxija minn Iliana Ivanova, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Oskar Herics, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Thomas Obermayr, Kap tal-Kabinett; Pietro Puricella, Maniġer Prinċipali; Luc T'Joen, Kap tal-Kompitu; Marcel Bode, Dieter Böckem, Guido Fara, Aleksandra Klis-Lemieszonek, Nils Odins, Milan Smid, Awdituri. Richard Moore pprovda appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Thomas Obermayr, Guido Fara, Milan Smid, Aleksandra Klis-Lemieszonek, Richard Moore, Luc T'Joen, Marcel Bode, Pietro Puricella, Dieter Böckem, Oskar Herics.

WERREJ

Paragrafu

Abbrevjazzjonijiet u Glossarju

Sommarju eżekuttiv I - XI

Introduzzjoni 1 - 13

Il-ferroviji ta’ veloċità għolja fl-Ewropa 1 - 2

In-netwerk ferrovjarju ta’ veloċità għolja fl-UE qed jikber fid-daqs u fir-rata tal-użu 3 - 4

Il-politiki tal-UE dwar il-ferroviji ta’ veloċità għolja 5 - 9

Politika dwar it-trasport 5 - 7

Politika ta’ koeżjoni 8 - 9

L-appoġġ tal-UE għall-bini ta’ linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja: huwa sinifikanti, iżda jirrappreżenta biss frazzjoni tal-ispiża totali 10 - 13

Ambitu u approċċ tal-awditjar 14 - 20

Osservazzjonijiet 21 - 95

L-investimenti kkofinanzjati mill-UE għall-ferroviji ta’ veloċità għolja jistgħu jkunu ta’ benefiċċju, iżda ma jeżisti ebda approċċ strateġiku u solidu fil-livell tal-UE 21 - 36

Il-ferroviji ta’ veloċità għolja huma mezz ta’ trasport ta’ benefiċċju li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-UE relatati mal-mobbiltà sostenibbli 21 - 22

Is-setgħat tal-Kummissjoni huma limitati, u l-pjan tagħha li jiġi ttriplikat it-tul tan-netwerk ferrovjarju ta’ veloċità għolja mhuwiex probabbli li jintlaħaq 23 - 26

L-Istati Membri jippjanaw u jiddeċiedu dwar in-netwerks nazzjonali tagħhom, u dan iwassal għal sistema frammentata ta’ netwerks ferrovjarji nazzjonali ta’ veloċità għolja b’konnessjonijiet inadegwati 27 - 36

It-teħid ta’ deċiżjonijiet mhuwiex ibbażat fuq analiżijiet affidabbli tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji 37 - 58

Il-“veloċità għolja ħafna” mhix meħtieġa kullimkien 37 - 44

Il-kontrolli tal-kostefiċjenza huma rari 45 - 48

L-analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ma jintużawx bħala għodda għat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Istati Membri 49 - 51

L-ispejjeż ogħla milli ppjanat, id-dewmien fil-kostruzzjoni u fil-bidu tal-operat: in-norma minflok l-eċċezzjoni 52 - 58

Il-fehma ta' ċittadin: valutazzjoni reali tal-ħinijiet tal-ivvjaġġar, il-prezzijiet u l-konnessjonijiet, is-servizzi tal-passiġġieri u l-istazzjonijiet u ż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela tagħhom 59 - 77

Il-ħinijiet tal-ivvjaġġar u l-prezzijiet tal-biljetti, huma fatturi importanti għas-suċċess 59 - 63

Jeħtieġ li jkun hemm aktar titjib fil-ħruġ tal-biljetti ferrovjarji, u fil-monitoraġġ tad-*data* tas-servizzi tal-passiġġieri 64 - 67

L-għadd u l-post tal-istazzjonijiet huma żewġ aspetti importanti 68 - 77

Is-sostenibbiltà tal-ferroviji ta' veloċità għolja: l-effettività tal-kofinanzjament mill-UE tinsab f'riskju 78 - 85

Analiżi tad-*data* tal-passiġġieri: tlieta minn seba' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja kkompletati jittrasportaw anqas passiġġieri mill-parametru referenzjarju ta' disa' miljun fis-sena 79

L-analiżi taż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela u tal-għadd ta' persuni li jgħixu tul il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja: għal 9 minn 14-il linja u meded ta' veloċità għolja awditjati, l-ammont ta' passiġġieri potenzjali mhuwiex għoli biżżejjed 80 - 82

Il-kompetittività tal-ferroviji ta' veloċità għolja mqabbla ma' mezzi oħra ta' trasport: sa issa għad ma hemmx il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" 83 - 85

Operazzjonijiet ferrovjarji transkonfinali ta' veloċità għolja li jkunu kompetittivi u jiffunzjonaw mingħajr xkiel: xi ħaġa li għadha mhix universali 86 - 95

Minħabba li għad hemm ħafna ostakli, fadal ħafna xi jsir qabel ma s-swieq isiru miftuħa u kompetittivi fir-rigward tal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja fl-UE 86 - 88

L-imposti fuq l-aċċess għall-binarji: ikkumplikati wisq, u huma xkiel potenzjali għall-kompetizzjoni 89 - 92

Regolatur b'saħħtu u indipendenti: huwa ħtieġa li mhux dejjem hija possibbli 93 - 95

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 96 - 106

L-operazzjonijiet ferrovjarji ta’ veloċità għolja għandhom ħafna vantaġġi, iżda l-UE la għandha pjan realistiku fuq terminu twil u lanqas netwerk ta’ veloċità għolja 96 - 98

Il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba ma ġewx applikati b’mod konsistenti għall-investimenti fl-infrastruttura ferrovjarja ta’ veloċità għolja awditjati 99 - 100

Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni għaċ-ċittadini tal-UE tenfasizza l-vantaġġi tal-ferroviji ta’ veloċità għolja, filwaqt li s-sostenibbiltà tal-kofinanzjament mill-UE għal dawn il-linji tinsab f’riskju 101 - 103

Għad fadal xi jsir biex l-operazzjonijiet ferrovjarji transkonfinali ta’ veloċità għolja jkunu kompetittivi u jiffunzjonaw mingħajr xkiel 104 - 106

Anness I – Mappa tan-Netwerk Ferrovjarju ta’ Veloċità Għolja Ewropew

Anness II – Stampa ġenerali tal-finanzjament tal-HSR mill-Istati Membri mis-sena 2000 ’l hawn u l-modalità ta’ ġestjoni tagħhom

Anness III – Analiżi tal-proġetti

Anness IV – *Data* ewlenija relatata mal-HSR għal kull Stat Membru

Anness V – Analiżi tar-rendiment tal-veloċità

Anness VI – Il-fehma ta’ ċittadin: Valutazzjoni tal-ħinijiet tal-ivvjaġġar, tal-prezzijiet u tal-konnessjonijiet fuq il-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja awditjati: il-metodoloġija u d-*data*

Anness VII – L-impatt tal-istazzjonijiet fuq il-ħin u fuq il-veloċità tal-vjaġġ

Anness VIII – Mappa taż-żona ta’ attrazzjoni tal-klijentela u d-*data* ewlenija għal kull linja ta’ veloċità għolja awditjata, kif ukoll il-qsim tal-fruntieri li ġie eżaminat

Anness IX – Analiżi tal-istazzjonijiet

Ir-risposti tal-Kummissjoni

**ABBREVJAZZJONIJIET U GLOSSARJU**

| | |
|---|---|
| **Analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji (ASB)** | Għodda analitika użata għall-valutazzjoni ta' deċiżjoni ta' investiment billi jitqabblu l-ispejjeż imbassra tagħha u l-benefiċċji mistennija. L-għan ta' ASB huwa li tiffaċilita l-allokazzjoni tar-riżorsi b'mod aktar effiċjenti biex tgħin lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet sabiex jagħmlu deċiżjoni informata dwar jekk jimplimentawx jew le proposta ta' investiment jew alternattivi possibbli. |
| **Bażi ta' utenti** | F'dan il-kuntest, il-kejl tal-livell tal-użu ta' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja, iddefinit bħala l-ammont ta' passiġġieri li jużaw il-linja diviż bit-tul tal-linja, f'kilometri. |
| **CEF (Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa)** | Mekkaniżmu li, mill-2014 'il hawn, ipprovda għajnuna finanzjarja lil tliet setturi: l-enerġija, it-trasport u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT). F'dawn it-tliet oqsma, is-CEF tidentifika l-prijoritajiet ta' investiment li jeħtieġ li jiġu implimentati fid-deċennju li jmiss. Għat-trasport, dawn il-prijoritajiet jinvolvu l-kurituri interkonnessi tat-trasport u l-kisba ta' mezzi tat-trasport aktar nodfa. |
| **DĠ MOVE** | Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport |
| **DĠ REGIO** | Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana |
| **EAV (Valur miżjud tal-UE)** | Il-valur li jirriżulta minn intervent tal-UE li huwa addizzjonali għall-valur li inkella kien jinħoloq mill-azzjoni tal-Istat Membru waħedha. Għall-finijiet tal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja, il-fondi li l-UE tinvesti fil-linji fl-Istati Membri wkoll joħolqu valur miżjud għaċ-ċittadini tal-UE (pereżempju, billi jiffaċilitaw l-ivvjaġġar u jnaqqsu l-ħinijiet kumplessivi tal-ivvjaġġar). Madankollu, l-infiq fuq il-kurituri transnazzjonali biex jiġi kkompletat netwerk ċentrali tal-UE, awtomatikament, għandu probabbiltà akbar li jibbenefika minn azzjoni tal-UE, minħabba l-interess komuni tagħha: il-valur miżjud tal-UE huwa ogħla. |
| **ERA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji)** | L-Aġenzija, stabbilita fl-2004, li l-objettiv tagħha huwa li tappoġġa l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà, inkluż l-ERTMS, u li tikkontribwixxi għall-funzjonament taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea. |
| **ERTMS (Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju)** | Proġett Ewropew kbir li għandu l-għan li jissostitwixxi d-diversi sistemi nazzjonali ta' kontroll u ta' kmand tal-ferroviji biex jippromwovi l-interoperabbiltà. |
| **Ferroviji ta' veloċità għolja** | Servizzi ferrovjarji li joperaw fuq linji ġodda, speċifikament imfassla, b'veloċità operattiva massima ta' mill-inqas 250 km/h, u servizzi li joperaw fuq linji konvenzjonali b'veloċità operattiva massima ta' mill-inqas 200 km/h. |

| | |
|---|---|
| **FEŻR (Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali)** | Il-fond ta' investiment li l-objettiv tiegħu huwa li jirrinforza l-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-UE billi jirrimedja l-iżbilanċi reġjonali permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' infrastruttura, u jipprovdi investimenti produttivi li joħolqu l-impjiegi, prinċipalment għan-negozji. |
| **FK (Fond ta' Koeżjoni)** | Dan il-fond għandu l-għan li jtejjeb il-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jiffinanzja proġetti relatati mal-ambjent u t-trasport fl-Istati Membri li l-PNG *per capita* tagħhom huwa inqas minn 90 % tal-medja tal-UE. |
| **Imposti fuq l-aċċess għall-binarji** | It-tariffi mħallsa mill-operaturi ferrovjarji lill-maniġer tal-infrastruttura biex jirkupraw parti mill-ispejjeż tal-infrastruttura. |
| **INEA (Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks)** | Is-suċċessur tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T EA), li nħolqot mill-Kummissjoni Ewropea fl-2006 biex timmaniġġja l-implimentazzjoni teknika u finanzjarja tal-programm TEN-T tagħha. L-INEA bdiet l-operazzjonijiet tagħha fl-1 ta' Jannar 2014 biex timplimenta partijiet minn dawn il-programmi tal-UE li ġejjin: il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF); Orizzont 2020; u l-programmi ta' legat (TEN-T u Marco Polo 2007-2013). |
| **Interoperabbiltà** | L-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea għall-promozzjoni ta' suq uniku fis-settur ferrovjarju. L-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabbiltà jiddefinixxu l-istandards tekniċi meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti essenzjali biex tinkiseb l-interoperabbiltà. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu, fost oħrajn, is-sikurezza, l-affidabbiltà u d-disponibbiltà, is-saħħa, il-protezzjoni ambjentali u l-kompatibbiltà teknika, u jippermettu li l-ferroviji jkunu jistgħu joperaw bla problemi fuq kwalunkwe medda tan-netwerk ferrovjarju Ewropew. |
| **Kundizzjonalitajiet *ex ante*** | Il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati biex ikunu jistgħu jiġu appoġġati l-pjanijiet strateġiċi fuq terminu twil tal-infrastruttura, u li jintużaw bħala qafas għall-investiment ta' kofinanzjament mill-UE. |
| **Rendiment tal-veloċità** | Il-proporzjon tal-veloċità reali, kif esperjenzata mill-vjaġġatur, meta mqabbel mal-veloċità operattiva u pproġettata massima tal-linji ferrovjarji. |
| **SM (Stati Membri)** | L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. |
| **TEN-T (Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport)** | Sett ippjanat ta' netwerks tat-trasport ferrovjarju, bit-triq, bl-ajru u bl-ilma fl-Ewropa. In-netwerks TEN-T huma parti minn sistema usa' ta' Netwerks Trans-Ewropej (TENs), inklużi netwerk tat-telekomunikazzjoni (eTEN) u netwerk tal-enerġija (TEN-E) propost. |

| | |
|---|---|
| **Żona ta' attrazzjoni tal-klijentela** | Iż-żona li minnha l-istazzjon ta' ferroviji ta' veloċità għolja jista' jintlaħaq bil-karozza f'ħin partikolari (għall-finijiet ta' dan ir-rapport, 15, 30 jew 60 minuta). |

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. Il-ferroviji ta’ veloċità għolja huma mezz ta’ trasport komdu, sikur, flessibbli u ambjentalment sostenibbli. Il-prestazzjoni ambjentali u l-benefiċċji soċjoekonomiċi li jġibu magħhom jistgħu jappoġġaw l-objettivi tal-UE relatati mal-politika tat-trasport u mal-politika ta’ koeżjoni. Mis-sena 2000 ’l hawn, l-UE pprovdiet kofinanzjament ta’ EUR 23.7 biljun biex tappoġġa l-investimenti fl-infrastruttura ferrovjarja ta’ veloċità għolja.

II. Aħna wettaqna awditu tal-prestazzjoni fuq l-ippjanar strateġiku fuq terminu twil tal-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja fl-UE, fuq il-kosteffiċjenza (billi vvalutajna l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, id-dewmien, l-ispejjeż li kienu ogħla milli ppjanat u l-użu tal-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja li rċevew kofinanzjament mill-UE), kif ukoll fuq is-sostenibbiltà u l-valur miżjud tal-kofinanzjament mill-UE. Aħna wettaqna l-awditu tagħna f'6 Stati Membri, billi analizzajna l-infiq għal aktar minn 5 000 km ta’ infrastruttura fuq 10 linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja u 4 qsim tal-fruntieri, li jkopru madwar 50 % tal-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja fl-Ewropa.

III. Aħna sibna li l-pjan attwali tal-UE fuq terminu twil mhuwiex appoġġat minn analiżi kredibbli u mhuwiex probabbli li jitwettaq. Minbarra dan, huwa ma għandux approċċ strateġiku u solidu fil-livell tal-UE. Minkejja li t-tul tan-netwerks ferrovjarji nazzjonali ta’ veloċità għolja qed jiżdied, il-mira li l-Kummissjoni stabbiliet fl-2011, li tittripla l-għadd ta’ kilometri ta’ linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja sal-2030, mhix se tintlaħaq: attwalment qed jintużaw 9 000 km ta’ linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja, u madwar 1 700 km ta’ linji kienu jinsabu taħt kostruzzjoni fl-2017. Bħala medja, jgħaddu madwar 16-il sena bejn il-bidu tax-xogħlijiet ta’ linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja ġodda u l-bidu tal-operazzjonijiet tagħhom.

IV. Attwalment ma hemmx netwerk ferrovjarju Ewropew ta’ veloċità għolja, u l-Kummissjoni la għandha għodod legali u lanqas setgħat fit-teħid tad-deċiżjonijiet biex tiżgura li l-Istati Membri jagħmlu progress rapidu biex jikkompletaw il-kurituri tan-netwerk ċentrali stabbiliti fir-Regolament dwar it-TEN-T. B’riżultat ta’ dan, teżisti biss sistema frammentata ta’ linji ferrovjarji nazzjonali ta’ veloċità għolja, li ġew ippjanati u nbnew mill-Istati Membri b’mod iżolat. Din is-sistema frammentata nbniet mingħajr koordinazzjoni xierqa bejn il-fruntieri: il-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja li jaqsmu l-fruntieri nazzjonali mhumiex fost il-

prijoritajiet nazzjonali relatati mal-kostruzzjoni, minkejja li ġew iffirmati ftehimiet internazzjonali u ġew inklużi dispożizzjonijiet fir-Regolament dwar it-TEN-T li jirrikjedu l-kostruzzjoni ta' kurituri ta' netwerk ċentrali sal-2030. Dan ifisser li l-kofinanzjament mill-UE maħsub għall-investimenti fl-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja ma jipprovdix wisq valur miżjud.

V. Il-kwalità tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet reali fl-Istati Membri hija baxxa, u s-soluzzjoni alternattiva li jitjiebu l-linji ferrovjarji konvenzjonali eżistenti spiss ma tingħatax kunsiderazzjoni biżżejjed, minkejja li l-iffrankar miksub meta tintuża din l-għażla jista' jkun sinifikanti. Id-deċiżjoni li jinbnew linji ferrovjarji ta' veloċità għolja spiss tkun bbażata fuq kunsiderazzjonijiet politiċi, u ġeneralment ma jintużawx analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji biex isostnu t-teħid ta' deċiżjonijiet kosteffiċjenti.

VI. L-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja mhix irħisa, u qed issir dejjem aktar għalja: bħala medja, l-ispejjeż tal-linji li awditjajna kienu jammontaw għal EUR 25 miljun għal kull km (mingħajr ma jittieħed kont tal-proġetti ta' tħaffir ta' mini li huma aktar għaljin). Fil-fatt, l-ispejjeż involuti setgħu kienu ferm aktar baxxi, bi ftit jew ebda impatt fuq l-operazzjonijiet. Dan għaliex xi wħud mil-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja ħafna li nbnew mhux kullimkien kienu meħtieġa. F'ħafna każijiet, il-ferroviji joperaw fuq linji ta' veloċità għolja ħafna, b'veloċità medja li tkun ferm aktar baxxa minn dik li għaliha l-linji jkunu intenzjonati. L-ispiża ta' linja ferrovjarja tiżdied b'mod proporzjonali mal-veloċità pproġettata, u l-infrastruttura li kapaċi tittratta l-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja ħafna (300 km/h jew aktar) hija partikolarment għalja. Madankollu, dawn il-veloċitajiet għoljin qatt ma jintlaħqu fil-prattika: bħala medja, fuq il-linji ferrovjarji awditjati, il-ferroviji joperaw biss b'madwar 45 % tal-veloċità pproġettata tal-linja, u żewġ linji biss kienu qed jaħdmu b'veloċità medja ta' aktar minn 200 km/h, u ebda waħda b'veloċità ta' aktar minn 250 km/h. Il-fatt li l-veloċità medja hija daqshekk inqas mill-veloċità pproġettata iqajjem dubji dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba.

VII. Aħna analizzajna wkoll l-ispiża għal kull minuta ffrankata bl-introduzzjoni tal-ferroviji ta' veloċità għolja. Sibna li għal 4 mill-10 linji ferrovjarji li awditjana kull minuta ffrankata tkun tiswa aktar minn EUR 100 miljun. L-ogħla ċifra hija tal-linja ferrovjarja bejn Stuttgart u Munich, li għal kull minuta ffrankata tkun tiswa EUR 369 miljun. L-ispejjeż ogħla milli ppjanat,

li huma koperti mill-baġits nazzjonali, u d-dewmien kienu n-norma minflok l-eċċezzjoni. L-ispejjeż ogħla milli ppjanat aggregati għal-linji ferrovjarji u għall-proġetti li awditjajna kienu ta’ EUR 5.7 biljun fil-livell tal-proġetti, u ta’ EUR 25.1 biljun fil-livell tal-linji (44 % u 78 %, rispettivament). Id-dewmien fil-livell tal-proġetti u tal-linji ferrovjarji kien sinifikanti wkoll: 8 mit-30 proġett li awditjajna kellhom dewmien ta’ mill-inqas sena, u 5 linji (nofs il-kampjun awditjat) kienu esperjenzaw dewmien ta’ aktar minn 10 snin. Jekk l-elementi msemmija hawn fuq jingħataw aktar attenzjoni jistgħu jiġu ffrankati mijiet ta’ miljuni ta’ euro u jiġi żgurat li jsir użu tajjeb mil-linji ferrovjarji li jinbnew.

VIII. Biex niksbu għarfien approfondit dwar kif il-ferroviji ta’ veloċità għolja huma ta’ benefiċċju għaċ-ċittadini tal-UE, aħna analizzajna wkoll u qabbilna l-ħinijiet tal-ivvjaġġar minn bieb sa bieb, il-prezzijiet u l-għadd ta’ konnessjonijiet tal-ferroviji ta’ veloċità għolja u l-kompetituri tagħhom (it-trasport bl-ajru, il-ferroviji konvenzjonali u t-trasport bit-triq). Ikkonkludejna li l-ħin totali tal-ivvjaġġar u l-livell tal-prezz huma t-tnejn fatturi importanti għas-suċċess. Flimkien ma’ servizzi li jkunu effettivament regolari, dawn il-fatturi jistgħu jippermettu li l-ferroviji ta’ veloċità għolja jżidu s-sehem mis-suq tagħhom. Il-kompetizzjoni intermodali hija ħarxa, u taffettwa s-sostenibbiltà tal-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja: il-ferroviji ta’ veloċità għolja ma jikkompetux fuq bażi ugwali ma’ mezzi oħra tat-trasport.

IX. Aħna nivvalutaw li s-sostenibbiltà tal-kofinanzjament mill-UE tinsab f’riskju. Jekk niġġudikaw fuq il-bażi ta’ parametru referenzjarju, il-linja ferrovjarja ta’ veloċità għolja jenħtieġ li idealment ikollha disa’ miljun passiġġier fis-sena biex tkun ta’ suċċess. Madankollu, għal tlieta minn seba’ linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja kkompletati li awditjajna, l-ammont ta’ passiġġieri trasportati kien ferm aktar baxx. L-ispiża tal-infrastruttura ta’ dawn il-linji kienet ta’ EUR 10.6 biljun, li għalihom l-UE pprovdiet madwar EUR 2.7 biljun. Dan ifisser li hemm riskju għoli li l-nfiq fuq dawn il-linji taħt il-kofinanzjament mill-UE ma jkunx effettiv. Il-valutazzjoni tagħna tal-għadd ta’ persuni li jgħixu fiż-żoni ta’ attrazzjoni tal-klijentela tal-linji ferrovjarji awditjati tindika li għal 9 minn 14-il linja u konnessjonijiet transkonfinali awditjati, ma kellhomx biżżejjed passiġġieri potenzjali biex ikunu ta’ suċċess. Dawn jinkludu t-tliet linji indikati hawn fuq, li jittrasportaw ammont ta’ passiġġieri li huwa aktar baxx mill-parametru referenzjarju ta’ disa’ miljuni.

X. Fl-2010, aħna ħriġna rapport li fih appellajna biex tittieħed azzjoni urġenti sabiex jitneħħew l-ostakli tekniċi u amministrattivi, kif ukoll ostakli oħra, li jxekklu l-interoperabbiltà tal-ferroviji. Madankollu, sibna li dawn l-ostakli għadhom jippersistu fl-2018. Is-suq tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri mhuwiex miftuħ fi Franza u fi Spanja. Fl-Italja u, sa ċertu punt, fl-Awstrija, hemm kompetizzjoni bejn l-operaturi ferrovjarji; f'dawn l-Istati Membri, is-servizzi kienu aktar frekwenti u ta’ kwalità ogħla, filwaqt li l-prezzijiet tal-biljetti kienu aktar baxxi. L-introduzzjoni ta’ sistemi integrati għall-ħruġ tal-biljetti u aktar attenzjoni għall-monitoraġġ u għall-istandardizzazzjoni tad-*data* dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti u l-puntwalità, jistgħu jtejbu aktar l-esperjenza tal-passiġġieri.

XI. Biex il-kofinanzjament mill-UE għall-infrastruttura ferrovjarja ta’ veloċità għolja jkun jista’ jitkompla b’suċċess fil-perjodu ta’ programmazzjoni li jmiss, aħna nirrakkomandaw li jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu għadd ta’ passi, fosthom li:

(i) twettaq ippjanar realistiku fuq terminu twil; u tilħaq qbil mal-Istati Membri dwar liema meded strateġiċi ewlenin għandhom jiġu implimentati l-ewwel, filwaqt li jkun hemm monitoraġġ mill-qrib u setgħat infurzabbli biex jiġi żgurat li l-impenji għall-ikkompletar tan-netwerk ferrovjarju ċentrali ta’ veloċità għolja fl-UE jiġu rrispettati;

(ii) tgħaqqad l-appoġġ tal-kofinanzjament mill-UE mal-proġetti prijoritarji strateġiċi indikati, mal-kompetizzjoni effettiva bejn l-operaturi ferrovjarji kif ukoll mal-ksib ta’ riżultati;

(iii) tissimplifika l-kostruzzjonijiet transkonfinali fir-rigward ta’ proċeduri ta’ sejħiet għal offerti, l-użu ta’ “punti uniċi ta’ servizz” għall-formalitajiet, u t-tneħħija tal-ostakli kollha li jkun fadal;

(iv) tieħu azzjonijiet biex isir titjib fil-funzjonament mingħajr xkiel tal-operazzjonijiet ferrovjarji ta’ veloċità għolja għall-passiġġieri, bħal, pereżempju, is-sistemi ta’ biljetti elettroniċi, is-simplifikazzjoni tal-imposti fuq l-aċċess għall-binarji u t-titjib fir-rappurtar liċ-ċittadini dwar il-puntwalità u d-*data* dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti.

## INTRODUZZJONI

### *Il-ferroviji ta' veloċità għolja fl-Ewropa*

1. Il-ferroviji ta' veloċità għolja fl-Ewropa bdew wara l-kriżi tal-petrol fl-1974. Id-dipendenza enerġetika tal-Ewropa heddet il-mobbiltà interna, għalhekk bosta Stati Membri ddeċidew li jiżviluppaw mezz ta' trasport sikur, veloċi, komdu u ekoloġiku fil-forma ta' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja. L-Italja kienet l-ewwel pajjiż Ewropew li inawgura dan it-tip ta' linja ferrovjarja: il-linja minn Firenze u Ruma, li nfetħet fl-1977. Ftit wara, Franza inawgurat il-linji proprji tagħha "Trains à Grande Vitesse". L-ewwel linji ferrovjarji ta' veloċità għolja tal-Ġermanja, permezz tal-ferroviji "Intercity Express" (ICE), bdew fil-bidu tas-snin disgħin, filwaqt li s-servizz ferrovjarju ta' veloċità għolja ta' Spanja "Alta Velocidad Española" (AVE) beda jopera fl-1992.

2. Attwalment ma hemm ebda netwerk ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja: minflok, jeżistu diversi mudelli operazzjonali fi Stati Membri differenti (il-***Figura 1***). Pereżempju, hemm sistemi ferrovjarji ta' veloċità għolja li huma mħallta (fi Franza, Spanja u l-Italja) u oħrajn li huma kompletament imħallta (il-Ġermanja, l-Awstrija u żewġ sezzjonijiet fl-Italja).

**<u>Figura 1</u> - Mudelli operazzjonali għat-traffiku ferrovjarju ta' veloċità għolja**




*Sors:* De Rus, G. (ed.), I. Barrón, J. Campos, P. Gagnepain, C. Nash, A. Ulied u R.Vickerman (2009): *Economic Analysis of High Speed Rail in Europe* (Analiżi Ekonomika tal-Ferroviji ta' Veloċità Għolja fl-Ewropa). BBVA Foundation, Bilbao.

***In-netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja fl-UE qed jikber fid-daqs u fir-rata tal-użu***

3. Fi tmiem l-2017, l-UE kellha 9 067 km ta' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja (il-***Figura 2;*** l-***Anness I*** jipprovdi mappa dettaljata). Dan in-netwerk qed jespandi: attwalment hemm 1 671 km ta' linji li jinsabu taħt kostruzzjoni. Ladarba l-investimenti kollha ppjanati fl-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja jkunu ġew ikkompletati, Spanja se jkollha t-tieni l-itwal netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja fid-dinja, wara ċ-Ċina.

**Figura 2 - It-tul tan-netwerks ferrovjarji nazzjonali ta' veloċità għolja fl-UE – it-tkabbir matul iż-żmien**




*Sors:* Il-Ktejjeb tal-Istatistika 2017 tal-UE; UIC. *Nota:* Din iċ-ċart tinkludi biss linji (jew sezzjonijiet ta' linji) li fuqhom il-ferroviji f'ċertu punt jistgħu jaqbżu l-250 km/h matul il-vjaġġ tagħhom.

4. L-ammont ta' passiġġieri li jużaw il-ferroviji ta' veloċità għolja fl-Ewropa qed jiżdied b'mod kostanti: minn madwar 15-il biljun kilometru ta' passiġġieri[1] (pkm) fl-1990, id-domanda laħqet aktar minn 124 biljun pkm fl-2016. Fl-2015, is-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja kienu jirrappreżentaw aktar minn kwart (26 %) tal-ivvjaġġar ferrovjarju kollu tal-passiġġieri fl-Istati Membri fejn hemm disponibbli s-servizzi ta' veloċità għolja.

***Il-politiki tal-UE dwar il-ferroviji ta' veloċità għolja***

**Politika dwar it-trasport**

5. Il-programm tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport (TEN-T)[2] għandu rwol ewlieni fl-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Huwa jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-iżvilupp ekonomiku, tal-kompetittività reġjonali, tal-koeżjoni reġjonali u soċjali, u tas-sostenibbiltà ambjentali. Barra minn hekk, jistabbilixxi l-konnessjonijiet ewlenin meħtieġa għall-faċilitazzjoni tat-trasport, billi jottimizza l-kapaċità tal-infrastruttura eżistenti, jipproduċi speċifikazzjonijiet għall-interoperabbiltà tan-netwerk, u jintegra t-tħassib ambjentali. L-objettivi tat-TEN-T jinkludu l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks tat-trasport nazzjonali, l-integrazzjoni u l-interkonnessjoni ottimali tal-mezzi kollha tat-trasport, u l-użu effiċjenti tal-infrastruttura.

6. L-aħħar White Paper (WP) tal-2011 tal-Kummissjoni dwar it-Trasport[3] stabbiliet dawn il-miri speċifiċi li ġejjin fir-rigward tat-traffiku tal-passiġġieri għall-ferroviji ta' veloċità għolja[4]: (i) Sal-2030, it-tul tan-netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja eżistenti jenħtieġ li jiġi triplikat

---

[1] Pkm huwa l-kejl li jinkiseb billi jiġi kkombinat l-għadd ta' passiġġieri tal-HSR fis-sena mat-tul tal-vjaġġ tagħhom, sabiex jiġi ottimizzat il-kejl tal-użu tal-HSR.

[2] Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1).

[3] KUMM(2011) 144 finali tat-28.3.2011 "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti".

[4] Flimkien ma' dawn, l-UE stabbiliet miri ambizzjużi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju għad-deċennji li ġejjin (ara wkoll il-***paragrafu 22***).

biex, sal-2050, ħafna mit-trasport tal-passiġġieri fuq distanza medja jsir bil-ferroviji (bidla ta' 50 % mit-trasport bit-triq għal dak bil-ferroviji tal-vjaġġi bejn l-ibliet fuq distanza medja għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija). Jenħtieġ li l-ferroviji ta' veloċità għolja jkunu aktar rapidi mit-trasport bl-ajru għall-vjaġġi sa 1 000 km, u sal-2050, l-ajruporti kollha tan-netwerk ċentrali jenħtieġ li jkunu konnessi man-netwerk ferrovjarju, preferibbilment permezz ta' servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja.

7. F'Diċembru 2013, biex tavvanza lejn l-ilħuq ta' dawn l-għanijiet, l-UE adottat politika ġdida għall-infrastruttura tat-trasport[5] li għandha l-għan li tnaqqas id-diskrepanzi bejn in-netwerks tat-trasport tal-Istati Membri, tneħħi l-konġestjonijiet li għadhom ifixklu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u tegħleb l-ostakli tekniċi (eż. standards inkompatibbli għat-traffiku ferrovjarju). L-istrument tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)[6], li ġie adottat fl-istess mument, jappoġġa dawn l-objettivi b'mod finanzjarju.

**Politika ta' koeżjoni**

8. Mis-sena 2000 'l hawn, il-Fondi Strutturali huma meħtieġa li joperaw b'mod konsistenti ma' politiki oħra tal-UE, bħat-trasport[7]. Kemm taħt ir-Regolament tal-FEŻR kif ukoll taħt ir-Regolament tal-FK, ingħata appoġġ għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-istabbiliment u

---

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

[7] L-Artikolu 2(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

għall-iżvilupp ta’ netwerks tat-TEN-T[8], kif ukoll għall-proġetti ta’ infrastruttura tat-trasport ta’ interess komuni[9].

9. Taħt il-qafas attwali tal-politika ta’ koeżjoni għall-2014-2020, il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni tal-UE għadhom jappoġġaw l-infrastruttura tat-trasport iżda, biex tiżdied l-effettività tal-kofinanzjament mill-UE, ġew introdotti “kundizzjonalitajiet *ex ante*”. Dan ifisser li l-Istati Membri jridu juru li l-proġetti proposti se jiġu implimentati fi ħdan il-qafas ta’ pjan fuq terminu twil għat-trasport nazzjonali jew reġjonali komprensiv, adottat mill-partijiet ikkonċernati kollha li huma interessati u involuti.

***L-appoġġ tal-UE għall-bini ta’ linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja: huwa sinifikanti, iżda jirrappreżenta biss frazzjoni tal-ispiża totali***

10. Mis-sena 2000 sal-2017[10], l-UE pprovdiet EUR 23.7 biljun f’għotjiet biex tikkofinanzja l-investimenti fl-infrastruttura ferrovjarja ta’ veloċità għolja, kif ukoll appoġġ ta’ EUR 4.4 biljun għall-installazzjoni ta’ ERTMS fuq il-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja. Madwar EUR 14.6 biljun tal-kofinanzjament, jew 62 % tat-total, ġew ipprovduti taħt mekkaniżmi ta’ finanzjament ta’ ġestjoni konġunta (il-FEŻR u l-FK), filwaqt li EUR 9.1 biljun, jew 38 %, ġew allokati taħt l-iskemi ta’ investiment immaniġġjati b’mod dirett (eż. is-CEF). Il-kofinanzjament mill-UE jista’ jintuża biex jappoġġa studji kif ukoll xogħlijiet fl-infrastruttura, kemm għall-ħolqien ta’ linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja ġodda kif ukoll għat-titjib ta’ dawk konvenzjonali eżistenti biex ikunu jistgħu jiġu adattati għall-operazzjonijiet ferrovjarji ta’ veloċità għolja.

11. Minbarra din l-għajnuna, mis-sena 2000 ’l hawn, il-BEI pprovda wkoll self għall-valur ta’ EUR 29.7 biljun biex jappoġġa l-kostruzzjoni ta’ linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja.

---

[8] L-Artikolu 2(1) (b) tar-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

[9] L-Artikolu 3(1) u l-anness tal-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

[10] Id-*data* tinkludi l-aħħar (2017) sejħa tas-CEF. Iċ-ċifri kollha pprovduti huma espressi f’termini nominali.

12. Kważi nofs il-finanzjament mill-UE disponibbli għal investimenti fil-ferroviji ta' veloċità għolja (aktar minn EUR 11-il biljun) ġie allokat għall-investimenti fi Spanja. B'kollox, EUR 21.8 biljun – 92.7 % mit-total – ġew allokati lil 7 Stati Membri (il-***Figura 3*** u l-***Anness II***).

**Figura 3 - Stampa ġenerali tal-kofinanzjament mill-UE għall-ferroviji ta' veloċità għolja skont l-Istat Membru (2000-2017)**




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

13. Minkejja li dawn iċ-ċifri huma sinifikanti, il-kofinanzjament mill-UE jirrappreżenta biss frazzjoni żgħira tal-ammonti kumplessivi investiti fix-xogħlijiet tal-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja fl-UE. Pereżempju, skont l-istrumenti ta' finanzjament użati, ir-rata ta' kofinanzjament kienet tvarja minn 2 % fl-Italja għal 26 % fi Spanja. Bħala medja, il-kofinanzjament mill-UE kien ikopri madwar 11 % tal-ispiża totali tal-kostruzzjoni.

## AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

14. Aħna wettaqna awditu fuq il-kostefiċjenza u l-effettività tal-kofinanzjament mill-UE għall-investimenti fl-infrastrutturi ferrovjarji ta' veloċità għolja mis-sena 2000 'l hawn. Aħna vvalutajna: (i) jekk il-linji ta' veloċità għolja fl-UE kinux inbnew skont pjan strateġiku fuq

terminu twil; (ii) jekk il-proġetti relatati mal-ferroviji ta' veloċità għolja kinux ġew implimentati b'mod kosteffiċjent (billi vvalutajna l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, id-dewmien, l-ispejjeż li kienu ogħla milli ppjanat u l-użu tal-linji ta' veloċità għolja li rċevew appoġġ għall-investiment); (iii) jekk l-investimenti kinux sostenibbli wara l-ikkompletar tal-proġett (inkluż l-impatt tal-ferroviji ta' veloċità għolja fuq il-mezzi tat-trasport kompetituri), u (iv) jekk il-kofinanzjament mill-UE kellux valur miżjud. Sabiex iwieġeb dawn il-mistoqsijiet, dan ir-rapport l-ewwel janalizza l-ippjanar u t-teħid ta' deċiżjonijiet, imbagħad ikompli bil-valutazzjoni tal-ispejjeż u jadotta approċċ immirat għaċ-ċittadini tal-UE billi janalizza l-ħinijiet tal-ivvjaġġar, il-prezzijiet, il-konnessjonijiet u l-istazzjonijiet, u fl-aħħar jipprovdi l-valutazzjoni tal-ostakli u tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi ferrovjarji biex jikkonkludi dwar l-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja.

15. Aħna użajna sensiela ta' proċeduri tal-awditjar, bħal eżaminar ta' dokumenti u analiżijiet tal-pjanijiet tal-iżvilupp strateġiku fuq terminu twil mwettqa kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE għall-ferroviji ta' veloċità għolja; intervisti mal-persunal mill-Kummissjoni u mar-rappreżentanti tal-Istati Membri; laqgħat mal-operaturi ferrovjarji u mal-maniġers tal-infrastruttura; u stħarriġ li jinvolvi l-partijiet ikkonċernati ewlenin[11]. Aħna qabbadna esperti esterni biex jivvalutaw: (i) il-kwalità tal-analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji (ASB) u tal-analiżijiet tad-domanda futura[12]; (ii) l-aċċess, il-konnessjonijiet u l-effetti tar-riġenerazzjoni tal-istazzjonijiet ta' ferroviji ta' veloċità għolja magħżula[13]; (iii) il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Pariġi-Brussell-Amsterdam (PBA)[14], u (iv) l-prezzijiet, il-ħinijiet tal-ivvjaġġar u l-għadd ta' konnessjonijiet bl-użu ta' diversi mezzi tat-trasport[15]. Wettaqna

---

[11] Aħna rċevejna bosta risposti minn membri individwali ta' tliet gruppi ta' partijiet ikkonċernati: il-Komunità tal-Kumpaniji tal-Infrastruttura u l-Ferroviji Ewropej (CER), l-Unjoni Internazzjonali Ferrovjarja (UIC), u l-Unjoni tal-Industrija tas-Sinjalar (UNISIG).

[12] Università ta' Brussell (VUB).

[13] Il-konsorzju ta' Professuri u riċerkaturi minn Lyon, Milan, Barċellona u Berlin.

[14] L-Università ta' Antwerp.

[15] Il-kumpanija Advito.

wkoll valutazzjoni komparattiva bejn ir-riżultati tal-awditi tagħna u l-operazzjonijiet ferrovjarji ta’ veloċità għolja u s-servizzi tal-passiġġieri fil-Ġappun u fl-Iżvizzera.

16. Aħna wettaqna l-awditu tagħna fil-Kummissjoni Ewropea (id-DĠ MOVE, inklużi l-INEA u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA), u d-DĠ REGIO) u f’sitt Stati Membri (Franza, Spanja, l-Italja, il-Ġermanja, il-Portugall u l-Awstrija). Dawn l-Istati Membri rċevew 83.5 % tal-finanzjament kollu mill-UE allokat għal-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja mis-sena 2000 ’l hawn (EUR 23.7 biljun, li jikkorrispondu għal EUR 46 għal kull resident tal-UE)[16].

17. Għall-awditjar tagħna, aħna għażilna għaxar linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja permezz ta’ kombinament ta’ kriterji speċifiċi tal-kampjunar relatati mal-ammont tal-kofinanzjament mill-UE, mat-tul tal-linja, u jekk il-linja kinitx konnessa ma’ xi belt kapitali jew le. Fir-rigward tad-daqs tagħhom, aħna awditjajna erba’ linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja fi Spanja u tnejn fil-Ġermanja, fl-Italja u fi Franza. Ivvalutajna wkoll erba’ proġetti transkonfinali: il-konnessjonijiet bejn Munich u Verona; bejn Spanja u Franza (kemm fuq in-naħa tal-Atlantiku kif ukoll fuq in-naħa tal-Mediterran), u bejn Spanja u l-Portugall (il-***Figura 4***).

[16] Sors: Il-Eurostat, il-popolazzjoni tal-UE ta’ 512-il miljun persuna fl-2017: http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/.

**<u>Figura 4</u> - Stampa ġenerali tal-linji ferrovjarji awditjati (10 linji ta' veloċità għolja, erba' konnessjonijiet transkonfinali)**




Cartography: Eurostat — GISCO, 02/2018 Source data: © EuroGeographics © DG MOVE

*Sors:* Il-QEA u l-Eurostat.

18. Billi l-awditjar tagħna kien ibbażat fuq il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja, aħna stajna nivvalutaw aktar minn 5 000 km ta' linji, kemm ikkompletati kif ukoll taħt kostruzzjoni jew fil-fażi tal-ippjanar (għal stampa ġenerali dettaljata dwar it-tul tal-linji awditjati, ara t-***<u>Tabella 4</u>***). B'dan il-mod, aħna koprejna aktar minn 50 % tal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja li qed joperaw jew li jinsabu taħt kostruzzjoni fl-UE.

19. Analizzajna wkoll 30 proġett ikkofinanzjat mill-UE relatati magħhom (l-akbar proġetti taħt kull modalità ta' ġestjoni). L-ispiża proposta totali tat-30 proġett awditjat kienet ta' EUR 41.56 biljun. L-ammont ta' għotjiet tal-UE li ngħataw għall-proġetti awditjati kien ta' EUR 6.18 biljun, li minnhom EUR 3.64 biljun kienu tħallsu saż-żmien meta twettaq l-awditjar, u EUR 967 miljun kienu ġew diżimpenjati (***<u>Tabella 1</u>***).

**<u>Tabella 1</u>- Stampa ġenerali tad-*data* finanzjarja ewlenija dwar il-proġetti awditjati**

| Post tal-proġetti relatati mal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja | Spiża totali tal-proġetti awditjati (*miljun EUR*) | Infiq eliġibbli tal-proġetti awditjati (*miljun EUR*) | Kontribuzzjoni mogħtija mill-UE (*miljun EUR*) | Finanzjament mill-UE diżimpenjat (*miljun EUR*) |
|---|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 8 074.8 | 3 006.5 | 540.4 | 6.3 |
| Spanja | 2 830.7 | 2 305.3 | 1 729.9 | 10.8 |
| Transkonfinali | 19 505.2 | 8 534.3 | 2 968.2 | 894.9 |
| Franza | 3 693.4 | 2 840.1 | 277.7 | 2.2 |
| L-Italja | 6 646.0 | 1 957.5 | 540.1 | 53.1 |
| Il-Portugall | 814.7 | 315.4 | 127.7 | — |
| **Total** | **41 564.8** | **18 959.1** | **6 184.0** | **967.3** |

*Sors:* Il-QEA. Il-proġetti transkonfinali huma rreġistrati taħt il-kodiċi tal-pajjiż "UE".

20. L-infiq relatat mal-proġetti li awditjajna kien ikopri 2 100 km ta' tipi differenti ta' infrastrutturi ferrovjarji ta' veloċità għolja (perkors tal-binarji, mini, vjadotti u passaġġi). Mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-proġetti tas-sezzjoni transkonfinali bejn Munich u Verona, l-awditjar tagħna tal-proġetti kopra 45 % tat-tul kollu tal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja fl-Istati Membri li żorna. Il-lista sħiħa tal-proġetti kollha awditjati, kif ukoll l-osservazzjonijiet ewlenin u s-sejbiet tal-analiżi tagħna dwar jekk kinux inkisbu l-outputs, ir-riżultati u l-objettivi tagħhom, huma ppreżentati fl-***<u>Anness III</u>***.

## <u>OSSERVAZZJONIJIET</u>

### *L-investimenti kkofinanzjati mill-UE għall-ferroviji ta' veloċità għolja jistgħu jkunu ta' benefiċċju, iżda ma jeżisti ebda approċċ strateġiku u solidu fil-livell tal-UE*

### Il-ferroviji ta' veloċità għolja huma mezz ta' trasport ta' benefiċċju li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-UE relatati mal-mobbiltà sostenibbli

21. Is-soċjetà fl-intier tagħha tista' tibbenefika b'mod sinifikanti mill-investimenti fl-infrastruttura u fl-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja, billi dawn jippermettu li l-passiġġieri jiffrankaw il-ħin, filwaqt li jipprovdu livelli għoljin ta' sikurezza, sigurtà u kumdità abbord. Dawn joħolqu aktar kapaċità fuq it-toroq konġestjonati u n-netwerks ferrovjarji konvenzjonali, kif ukoll fl-ajruporti. Il-ferroviji ta' veloċità għolja jistgħu jsaħħu wkoll id-dinamiżmu soċjoekonomiku, kif ukoll jikkontribwixxu għar-riġenerazzjoni ta' żoni urbani żvantaġġati qrib l-istazzjonijiet.

22. Minkejja li r-relazzjoni mhix kompletament sempliċi[17], diversi korpi[18] kkonkludew li l-ferroviji ta’ veloċità għolja jġibu wkoll benefiċċji ambjentali minħabba li huma għandhom marka tal-karbonju li hi aktar baxxa minn ħafna mezzi oħra tat-trasport.

**Is-setgħat tal-Kummissjoni huma limitati, u l-pjan tagħha li jiġi ttriplikat it-tul tan-netwerk ferrovjarju ta’ veloċità għolja mhuwiex probabbli li jintlaħaq**

23. Il-pjan attwali fuq terminu twil tal-Kummissjoni, stabbilit fil-White Paper tal-2011 u fir-Regolament dwar is-CEF (il-Premessa Nru 11), li jiġi ttriplikat it-tul tal-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja fl-UE sal-2030 (minn 9 700 km fl-2008[19] għal 30 750 km sal-2030) mhuwiex appoġġat minn analiżi kredibbli. Minħabba l-istat ta’ dejn tal-finanzi pubbliċi nazzjonali (il-gvernijiet tal-Istati Membri huma l-investituri prinċipali), ir-redditu limitat fuq dan l-investiment pubbliku, u l-ħin meħtieġ fil-prattika biex jiġi kkompletat investiment fil-ferroviji ta’ veloċità għolja, huwa ferm probabbli li l-għan li jiġi ttriplikat in-netwerk ferrovjarju ta’ veloċità għolja ma jintlaħaqx.

24. Ix-xogħol tal-awditjar tagħna jissuġġerixxi li l-ħin medju bejn il-bidu tax-xogħlijiet sal-bidu tal-operazzjonijiet huwa ta’ madwar 16-il sena (it-***Tabella 2***), anke jekk ma jitqiesx il-ħin meħtieġ għall-ippjanar inizjali. Dan huwa minnu anke jekk jiġu esklużi l-proġetti li jeħtieġu xogħlijiet twal u kbar ta’ tħaffir ta’ mini, bħall-Mina ta’ Bażi ta’ Brenner fuq il-medda bejn Munich u Verona.

---

17 L-emissjonijiet tas-$CO_2$ jiddependu fuq l-oriġini tal-elettriku użat, fuq ir-rati ta’ okkupanza tal-ferroviji u fuq kemm sostanzjalment jiġi attirat it-traffiku tat-triq u dak tal-ajru. Biex jiġi kkumpensat it-tniġġis ikkawżat mill-produzzjoni tal-enerġija elettrika użata mill-ferroviji ta’ veloċità għolja, kif ukoll il-fattur tat-tagħbija għoli fl-HSR, volum sinifikanti ta’ passiġġieri jridu jiġu attirati għal mezzi oħra ta’ trasport. Barra minn hekk, ħafna HSL jeħtieġu li tiġi riżervata l-art għalihom. Dawn jistgħu jaqsmu minn fuq żoni ta’ valur ambjentali, fejn il-linji jkollhom effett ta’ ostaklu, jipproduċu l-istorbju kif ukoll jkunu viżwalment intrużivi, u jistgħu jirrikjedu deċennji ta’ operazzjonijiet biex jiġi kkumpensat il-volum kbir ta’ emissjonijiet ikkawżati mill-kostruzzjoni tal-HSL.

18 Eż. l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-UIC.

19 Iċ-ċifra kkwotata fil-WP tal-2011 hija dubjuża, billi d-*data* tagħna tindika li 9 067 km biss ta’ HSL kienu disponibbli sa tmiem l-2017.

**<u>Tabella 2</u> - Valutazzjoni taż-żmien meħtieġ bejn l-ippjanar u l-operat**

| Linji ferrovjarji ta' veloċità għolja awditjati u l-medda bejn Munich u Verona | Bidu tal-ippjanar | Bidu tax-xogħol | Bidu tal-operat* | Snin li għaddew mill-bidu tal-ippjanar | Durata tax-xogħol, fi snin |
|---|---|---|---|---|---|
| Berlin - Munich | 1991 | 1996 | 2017** | 26 | 21 |
| Stuttgart - Munich | 1995 | 2010 | 2025* | 30 | 15 |
| Rhin - Rhône | 1992 | 2006 | 2011 | 19 | 5 |
| LGV Est Européenne | 1992 | 2002 | 2016 | 24 | 14 |
| Madrid - Barċellona – Fruntiera ta' Franza | 1988 | 1997 | 2013 | 25 | 16 |
| Eje Atlántico | 1998 | 2001 | 2015 | 17 | 14 |
| Madrid - León | 1998 | 2001 | 2015 | 17 | 14 |
| Madrid-Galicia | 1998 | 2001 | 2019* | 21 | 18 |
| Milan - Venezja | 1995 | 2003 | 2028* | 33 | 25 |
| Turin - Salerno | 1987 | 1994 | 2009 | 22 | 15 |
| Munich - Verona | 1986 | 2003 | 2040* | 54 | 37 |

* Mistenni.
** 52 km mhux qabel l-2018.
*Sors:* Il-QEA.

25. Ir-Regolament dwar it-TEN-T jistabbilixxi l-infrastruttura ewlenija li l-Ewropa jeħtieġ li tibni biex tappoġġa l-għanijiet tal-UE fir-rigward tal-mobbiltà sostenibbli. Dan jiddeskrivi liema investimenti fit-trasport għandhom jitlestew sal-2030 (in-netwerk ċentrali), u dawk li għandhom jitlestew sal-2050 (in-netwerk komprensiv). Skont l-istimi tal-Kummissjoni, biex jiġi kkompletat in-netwerk ċentrali se jkunu meħtieġa EUR 500 biljun, filwaqt li għan-netwerk komprensiv se jkunu meħtieġa EUR 1.5 triljun[20].

26. Il-Kummissjoni ma għandha ebda sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u la għandha għodod legali u lanqas setgħat biex tobbliga lill-Istati Membri sabiex jirrispettaw l-impenji li ħadu qabel biex jibnu l-linji ta' veloċità għolja meħtieġa biex jitlesta n-netwerk ċentrali. Hija ma għandha ebda rwol fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar konnessjonijiet transkonfinali bejn żewġ

---

[20] *Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, "Delivering TEN-T Facts & figures", Settembru 2017, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) u tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-trasport, 15425/17, il-5 ta' Diċembru 2017.

Stati Membri jew aktar, minħabba li r-Regolament dwar is-CEF u dak dwar it-TEN-T[21] ma jipprevedux il-possibbiltà li l-Kummissjoni tinforza l-prijoritajiet stabbiliti mill-UE.

**L-Istati Membri jippjanaw u jiddeċiedu dwar in-netwerks nazzjonali tagħhom, u dan iwassal għal sistema frammentata ta' netwerks ferrovjarji nazzjonali ta' veloċità għolja b'konnessjonijiet inadegwati**

Il-kurituri transnazzjonali tal-UE mhumiex ta' prijorità

27. Għalkemm ir-Regolament dwar it-TEN-T jiddefinixxi fl-annessi tiegħu, fejn għandhom jinbnew il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja, l-Istati Membri biss jistgħu jiddeċiedu jekk u meta eżattament dan se jseħħ. Huma jipprovdu wkoll ħafna mill-finanzjament meħtieġ, u huma biss huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-istadji kollha meħtieġa (l-istudji, il-permessi, ix-xogħlijiet ta' akkwist u ta' monitoraġġ, u s-superviżjoni tal-partijiet kollha involuti). L-***Anness IV*** jipprovdi l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-Istati Membri li aħna għażilna u żorna, li jenfasizzaw il-karatteristiċi differenti tan-netwerks nazzjonali tagħhom. Dawn l-indikaturi jindikaw li: Franza tinsab fuq quddiem fir-rigward tal-użu tal-linji ta' veloċità għolja (il-proporzjonijiet tal-kilometri tal-passiġġieri *per capita* u tal-kilometri tal-passiġġieri għal kull km ta' linji ta' veloċità għolja); Spanja għandha l-ogħla spiża tal-kostruzzjoni *per capita* (EUR 1 159) u l-ogħla kofinanzjament mill-UE għall-ferroviji ta' veloċità għolja *per capita* (EUR 305); u l-Italja għandha l-ogħla spejjeż tal-kostruzzjoni għal kull km *per capita* (EUR 0.46).

28. Fi Stat Membru, ħafna entitajiet għandhom rwol, u diversi fatturi u parametri huma kruċjali biex jiġi ddeterminat jekk il-kostruzzjoni għandhiex titkompla jew le skont il-pjanijiet inizjali. Pereżempju:

(i) il-proġett "Eurocaprail" għandu l-għan li joħloq konnessjoni bejn l-ibliet ta' Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu permezz ta' ferroviji ta' veloċità għolja, li bejn il-Lussemburgu u Brussell tieħu 90 minuta. Fil-laqgħa tiegħu, li ġiet organizzata f'Essen f'Diċembru 1994, il-Kunsill qies li dan il-proġett huwa wieħed mit-

[21] L-Artikolu 22 tar-Regolament dwar is-CEF, u l-Artikolu 38(3) tar-Regolament dwar it-TEN-T.

30 "prijorità ewlenija" fir-rigward tal-kostruzzjoni (ix-xogħlijiet kellhom jibdew mhux aktar tard mill-2010, u jitlestew sal-2020). Sal-2004, madankollu, ebda Stat Membru ma kien iqis li dan il-proġett kien prijorità nazzjonali. Minkejja li l-UE pprovdiet EUR 96.5 miljun biex ittejjeb il-linji ferrovjarji konvenzjonali, attwalment il-vjaġġi minn Brussell għal-Lussemburgu jieħdu sa 3 sigħat u 17-il minuta. Dan huwa aktar mid-doppju tal-objettiv stabbilit fl-2003, u l-vjaġġ idum kważi siegħa aktar milli kien fl-1980, meta l-istess distanza kienet tiġi koperta f'sagħtejn u 26 minuta. B'riżultat ta' dan, ħafna passiġġieri potenzjali sempliċiment jivvjaġġaw bit-triq;

(ii) Spanja investiet f'netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja ġdid. Biex tappoġġaha f'dan il-proġett, l-UE diġà investiet aktar minn EUR 14-il biljun fil-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja Spanjoli mill-1994 'il hawn. Tradizzjonalment, il-ferroviji fi Spanja kienu użaw gejġ tal-linji li kien usa' mill-bqija tal-Ewropa, iżda fil-biċċa l-kbira, in-netwerk ta' veloċità għolja Spanjol juża gejġ tal-linji standard bħalma jintuża fil-bqija tal-UE. Madankollu, tlieta mil-linji awditjati (l-Eje Atlántico; parti mil-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Madrid – Galicia; u l-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Madrid – Extremadura), għadhom jużaw il-gejġ tal-linji usa' tradizzjonali. Dan iħalli impatt fuq il-prestazzjoni: il-veloċità operattiva massima hija limitata għal 250 km/h (ferm inqas mill-veloċità operattiva massima ta' 300 km/h għall-operazzjonijiet ta' veloċità għolja fi Spanja), u s-servizzi jiġu pprovduti jew b'materjal bir-roti b'gejġ tal-linji wiesa', jew b'ferroviji speċifiċi b'gejġ tal-linji varjabbli. Dawn il-ferroviji jeħtieġu "apparat li jbiddel il-gejġ tal-linji": fi Spanja kien hemm 20 minn dan it-tip ta' apparat f'Jannar 2017. Dawn l-apparati li jbiddlu l-gejġ tal-linji jiswew sa EUR 8 miljun kull wieħed, u l-UE pprovdiet kofinanzjament ta' EUR 5.4 miljun biex tappoġġa l-kostruzzjoni tagħhom.

29. Minkejja li ġew iffirmati ftehimiet internazzjonali li jikkonfermaw ir-rieda politika li jiġu stabbiliti konnessjonijiet, u minkejja li hemm disponibbli inċentiv ta' kofinanzjament ta' 40 % taħt ir-Regolament dwar is-CEF, l-Istati Membri mhux se jibnu linji ferrovjarji ta' veloċità għolja jekk dawn ma jitqisux li huma ta' prijorità nazzjonali, anke jekk ikunu jinsabu fuq kuritur transnazzjonali u jkunu qed jikkompletaw in-netwerk ċentrali. Ir-rapport tal-

evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni dwar is-CEF ikkonferma din l-osservazzjoni[22].

30. Dan jillimita l-valur miżjud tal-kofinanzjament mill-UE minħabba li l-konnessjonijiet transkonfinali jiġġeneraw l-ogħla valur miżjud tal-UE. Barra minn hekk, il-fatt li jkun hemm konnessjonijiet neqsin li ma jkunux inbnew fil-ħin, jista' jwassal għal spejjeż kbar għas-soċjetà[23].

Il-Kummissjoni ma għandha ebda setgħa biex tinforza l-proġetti transkonfinali

31. Il-proġetti kbar relatati mal-ferroviji ta' veloċità għolja transkonfinali jeħtieġu attenzjoni partikolari mill-UE. Dawn jeħtieġu li x-xogħlijiet ikunu kkoordinati mill-qrib, biex l-outputs tal-proġetti jkunu lesti għall-użu fuq skeda simili u jkunu konnessi man-netwerks domestiċi fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera.

32. Attwalment, il-Kummissjoni ma għandhiex l-istrumenti meħtieġa biex tintervjeni b'mod effettiv jekk dewmien fuq naħa waħda tal-fruntiera jfixkel l-użu f'waqtu tal-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja mibnija fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati kollha għandhom bosta possibbiltajiet biex jopponu x-xogħlijiet, u jistgħu jikkawżaw dewmien, jew saħansitra jwaqqfu l-proġetti li jkun sar qbil dwarhom preċedentement.

---

[22] "Il-baġits nazzjonali qatt ma huma se jagħtu prijorità għolja biżżejjed lil investimenti transkonfinali f'bosta pajjiżi biex jarmaw is-Suq Uniku bl-infrastruttura meħtieġa." *Sors:* Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), SWD(2018) 44 final, COM(2018) 66 final tal-14.2.2018, p. 6.

[23] L-istudju mwettaq fl-2015 "Cost of non-completion of the TEN-T" (Spejjeż relatati man-nuqqas ta' kkompletar tat-TEN-T) wera li, jekk l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati l-oħra jonqsu milli jimplimentaw in-netwerk ċentrali fil-ħin, bħala l-element ewlieni tal-politika l-ġdida dwar it-TEN-T, il-"prezz" li l-ekonomija tal-UE trid tħallas ikun jinvolvi r-rinunzja ta' tkabbir potenzjali tal-PDG ta' 1.8 % u n-nuqqas ta' materjalizzazzjoni ta' 10 miljun fi snin ta' xogħol ta' impjiegi. *Sors*: Fraunhofer ISI, Rapport Finali tal-15.6.2015, p. 14

33. Ġew innutati bosta eżempji fejn l-outputs iġġenerati fi Stat Membru mhux se jkunu effettivi għal mill-inqas żewġ deċennji oħra, minħabba li x-xogħlijiet ma ġewx ikkompletati fi Stat Membru tal-viċinat (ara l-***Kaxxa 1***).

**Kaxxa 1 – Netwerks nazzjonali b'konnessjonijiet inadegwati, u l-impatt tagħhom**

**1. Il-medda bejn Munich u Verona, u l-Mina ta' Bażi ta' Brenner (BBT): il-prijoritajiet tal-kostruzzjoni u l-perjodi ta' żmien diverġenti bejn l-Awstrija, l-Italja u l-Ġermanja rriżultaw fi frammentazzjoni ta' kapaċitajiet differenti u ta' konġestjonijiet potenzjali fuq il-kuritur kollu bejn l-Iskandinavja u l-Mediterran għal mill-inqas sal-2040.**

Biex jitnaqqas l-għadd ta' trakkijiet li jaqsmu l-Alpi kuljum, l-UE ilha mill-1986 tinvesti fil-BBT, parti mill-medda "Munich – Verona"[24]. L-Awstrija u l-Italja bnew din il-mina permezz tal-kofinanzjament mill-UE ta' EUR 1.58 biljun.



Cartography: Eurostat — GISCO, 02/2018 Source data: © EuroGeographics © OpenStreetMap Contributors © DG MOVE

*Sors:* Il-QEA u l-Eurostat.

[24] Galleria di Base del Brennero – Brenner Basistunnel BBT SE - Asse Ferroviario Monaco – Verona; Elaborazione tecnica del progetto, Rapporto 2002; Eisenbahnachse München – Verona - Technische Aufbereitung, 2002.

Ix-xogħlijiet fuq il-mina fl-Awstrija u fl-Italja se jiġu kkompletati fl-2027, iżda l-attivitajiet ta' kostruzzjoni fuq ir-rotta ta' aċċess fit-Tramuntana, li fil-biċċa l-kbira tinsab fil-Ġermanja, mexjin bil-mod. Ir-rotta għadha lanqas biss ġiet imfassla, u mhux se tkun ikkompletata qabel l-2035 (l-Awstrija), jew saħansitra qabel l-2040 (il-Ġermanja). Għall-kuntrarju tal-Awstrija u l-Italja, il-Ġermanja ftit li xejn hija interessata f'destinazzjonijiet bħal Innsbruck jew Verona, minħabba li dawn il-pajjiżi ma għandhomx rwol ewlieni fir-rigward tat-traffiku ta' kuljum għax-xogħol. B'riżultat ta' dan, il-Ġermanja ma għamlitx il-kostruzzjoni tar-rotta ta' aċċess fit-Tramuntana prijorità, minkejja li din ir-rotta tikkontribwixxi għall-għan li jiġi stabbilit netwerk ċentrali sal-2030. Dan ifisser li jrid jgħaddi aktar minn nofs seklu qabel l-investimenti jkunu jistgħu jiġu effettivament użati, u li aktar minn EUR 1.5 biljun se jibqgħu fil-biċċa l-kbira ineffettivi għal aktar minn żewġ deċennji.

**2. Il-konnessjoni bejn il-Portugall u Spanja (Extremadura)**

Il-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja kienet ippjanata li tgħaqqad lil Lisbona ma' Madrid. Madankollu, din tqieset li kienet għalja wisq fi żminijiet ta' dejn pubbliku għoli. Minkejja li l-Portugall diġà ngħata kofinanzjament mill-UE ta' EUR 43 miljun biex jiffinanzja studji u xogħlijiet ta' tħejjija, għad ma hemm ebda konnessjoni ferrovjarja transkonfinali ta' veloċità għolja disponibbli. Il-linja ferrovjarja konvenzjonali tieqaf f'Evora. Fiż-żmien meta twettaq l-awditu, ix-xogħlijiet fuq in-naħa Portugiża kienu nbdew, filwaqt li dawk fuq il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja fuq in-naħa Spanjola kienu waqfu madwar sitt kilometri 'l bogħod mill-fruntiera, kif indikat bil-vleġġa fl-***Istampa 1***.

**<u>Stampa 1</u> - Konnessjoni nieqsa fil-qsim tal-fruntiera fuq il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja bejn Madrid u Lisbona**



*Sors:* © Ferropedia, Inserco ingenieros.

34. Minkejja li l-qafas ta' politika kien partikolarment immirat lejn l-ikkompletar tan-netwerk ċentrali sal-2030[25], għad hemm ħafna dgħufijiet politiċi li jridu jiġu indirizzati. Pereżempju, meta vvalutajna x-xogħlijiet transkonfinali għall-Mina ta' Bażi ta' Brenner (BBT), aħna osservajna dawn l-elementi li ġejjin:

(i) L-akkwist huwa problema ewlenija għall-proġetti TEN-T transkonfinali: la hemm linji gwida dwar kif għandhom jitnaqqsu r-riskji proċedurali inerenti, u lanqas qafas legali uniku għall-proġetti transkonfinali; id-dokumenti relatati mal-akkwist, il-kuntratti u s-sistemi kontabilistiċi jvarjaw, u jiġu mfassla f'lingwi differenti għal xogħlijiet fuq it-territorju Awstrijak u Taljan; il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim mhumiex l-istess.

(ii) Ma hemmx proċeduri simplifikati li jiffaċilitaw u jaċċelleraw l-implimentazzjoni (eż. "punti uniċi ta' servizz", kif diġà ssuġġeriet il-Qorti fir-Rapport Speċjali

[25] L-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

Nru 23/2016[26]); ma hemmx korp uniku li jissimplifika l-formalitajiet fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera (eż. jista' jkun hemm leġiżlazzjonijiet ambjentali differenti li japplikaw għall-kostruzzjoni tal-ferroviji; u r-risposta legali għat-talbiet tal-partijiet ikkonċernati tista' tvarja).

35. Billi l-biċċa l-kbira minn dawn il-kostruzzjonijiet huma appoġġati minn ftehimiet internazzjonali bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-UE, u billi l-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja jinsabu fuq kurituri internazzjonali, il-progress tax-xogħlijiet jiġi ssorveljat mill-koordinaturi tal-UE fil-livell tal-kurituri u eżaminat fil-"forums tal-kurituri". Dawn il-koordinaturi għandhom fehma privileġġata dwar x'jiffunzjona jew le tul il-kuritur (u huma jirrappurtaw regolarment dwar it-tibdil meħtieġ[27]), għalkemm ma għandhomx setgħa legali.

36. Minbarra n-nuqqas ta' koordinazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni transkonfinali, hemm għadd ta' aspetti oħra li huma nieqsa: (i) ma hemmx "entitajiet ta' kuritur uniku" għall-monitoraġġ tar-riżultati u tal-impatti fuq bażi fit-tul għall-investimenti ferrovjarji ta' veloċità għolja futuri; (ii) ma hemmx preskrizzjoni għal-limitazzjoni tal-kwantità u d-durata tal-azzjonijiet legali jew amministrattivi, u ebda entità unika għas-smigħ tal-appelli; u (iii) il-valutazzjoni tal-progress tax-xogħlijiet fuq kuritur hija bbażata fuq indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni komuni li għadhom ibbażati fuq l-output[28]. Kif diġà ddikjarat il-Qorti fir-rapport speċjali tagħha dwar it-trasport marittimu[29], il-monitoraġġ tal-proġetti tal-INEA jiffoka fuq il-kostruzzjoni *per se* (l-outputs) u la jkopri r-riżultati u lanqas l-użu tal-linji. Għalhekk, ir-riżultati u l-impatti ma jiġux ivvalutati, u ebda korp uniku ma għandu fehma dwar jekk il-

---

[26] Ir-Rapport Speċjali Nru 23/2016 "It-trasport marittimu fl-UE: f'baħar ta' inkwiet – sar ħafna investiment li la huwa effettiv u lanqas sostenibbli". Ara b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni 2(a).

[27] Eż. f'rapporti komuni regolari dwar il-progress tax-xogħlijiet.

[28] Il-KPIs għall-proġetti relatati mal-infrastruttura ferrovjarja: grad ta' elettrifikazzjoni tan-netwerk; il-gejġ tal-linji ta' 1 435 mm; l-implimentazzjoni tal-ERTMS (u, għall-proġetti dwar it-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, il-veloċità tal-linja (≥ 100 km/h), it-tagħbija fuq il-fus (≥ 22.5 t) u t-tul tal-ferrovija (740 m)).

[29] Ir-Rapport Speċjali Nru 23/2016 "It-trasport marittimu fl-UE: f'baħar ta' inkwiet – sar ħafna investiment li la huwa effettiv u lanqas sostenibbli". Ara b'mod partikolari l-paragrafi 80 u 81.

proġetti kkofinanzjati mill-UE dwar il-kurituri tan-netwerk ċentrali laħqux xi objettivi bbażati fuq ir-riżultati.

### *It-teħid ta' deċiżjonijiet mhuwiex ibbażat fuq analiżijiet affidabbli tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji*

### **Il-"veloċità għolja ħafna" mhix meħtieġa kullimkien**

37. L-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja hija għalja: bħala medja, il-linji li awditjajna jiswew EUR 25 miljun għal kull km (jekk ma jitqisux il-proġetti tat-tħaffir tal-mini li huma aktar għalja), u l-ispejjeż kumplessivi għall-BBT jammontaw għal EUR 145 miljun għal kull km. Maż-żmien l-ispejjeż qed jiżdiedu: l-aktar kostruzzjonijiet reċenti (Milan-Venezja u Stuttgart-Munich) jindikaw valuri li jaqbżu l-EUR 40 miljun għal kull km minħabba l-iskarsezza tal-art, il-qsim ta' nodi urbani, il-vjadotti u t-tħaffir estensiv ta' mini. Madankollu, l-ispejjeż jistgħu jkunu aktar baxxi u ftit li xejn jista' jkollhom impatt fuq l-operazzjonijiet ferrovjarji.

38. Il-veloċitajiet għoljin huma b'mod ċar karatteristika importanti tal-ferroviji ta' veloċità għolja[30]: dan huwa l-fattur li jippermetti li huma jikkompetu mal-ivvjaġġar bl-ajru u li jibbilanċja l-faċilità tal-użu ta' vettura privata għall-aħħar ftit mili tal-vjaġġ. Madankollu, il-prestazzjoni tas-sistema ferrovjarja ta' veloċità għolja ma tiġix determinata biss mill-veloċità teoretika massima li tista' tintlaħaq fuq linja, iżda wkoll mill-veloċità reali li jesperjenzaw il-vjaġġaturi. Għalhekk, aħna analizzajna r-"rendiment tal-veloċità" fuq il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja awditjati, billi ffukajna fuq il-ħinijiet totali tal-ivvjaġġar u fuq il-veloċitajiet medji.

---

[30] Fl-Iżvizzera qed jittieħed approċċ kontrastanti: il-prijorità qed tingħata lill-puntwalità u r-regolarità tas-servizz, iċ-ċarezza tal-informazzjoni li tingħata lill-klijenti u s-servizzi tal-passiġġieri u mhux lill-veloċità.

39. L-investiment fil-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja huwa ġġustifikat biss jekk jistgħu jinkisbu rendimenti għoljin tal-veloċità: aktar ma tkun kbira l-bażi tal-popolazzjoni (id-domanda futura) u aktar ma jkun hemm elastiċità fil-ħin tal-ivvjaġġar[31] u fir-rendiment tal-veloċità, akbar ikunu l-benefiċċji tal-iżvilupp ta’ linja ferrovjarja ta’ veloċità għolja.

40. Din l-analiżi tar-rendimenti tal-veloċità fuq il-linji li awditjajna (l-***Anness V***) indikat li, bħala medja, tul il-kors tal-linja, il-ferroviji jaħdmu biss b’madwar 45 % tal-veloċità pproġettata tal-linja. Żewġ linji ferrovjarji biss joperaw b’veloċitajiet medji ta’ aktar minn 200 km/h, u ebda waħda ma topera b’veloċità medja ta’ aktar minn 250 km/h. L-inqas rendiment tal-veloċità fuq linja ferrovjarja ta’ veloċità għolja kkompletata huwa dak ta’ bejn Madrid u León (39 % tal-veloċità pproġettata). Is-sezzjoni transkonfinali Figueres-Perpignan ukoll taħdem biss b’36 % tal-veloċità pproġettata tagħha, minħabba li tadatta għat-traffiku mħallat. Il-veloċità medja li tkun ferm taħt il-veloċità pproġettata tindika li t-titjib fil-linji ferrovjarji konvenzjonali kien ikun biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti, bi spiża ħafna aktar baxxa, u tqajjem dubji dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba.

41. Għalhekk, huwa meħtieġ approċċ ta’ każ b’każ biex jiġi deċiż jekk hix meħtieġa linja ferrovjarja li tkun kompletament ta’ veloċità għolja ħafna. Din id-deċiżjoni hija importanti, billi l-ispejjeż tal-kostruzzjoni jkunu ogħla meta l-veloċitajiet pproġettati jkunu ogħla. Il-linji b’veloċitajiet massimi sa 160 km/h huma mill-inqas 5 % orħos biex jinbnew mil-linji b’veloċitajiet li jkunu ogħla minn dak il-limitu. Dan għaliex il-binarji fuq il-linji ferrovjarji ta’ veloċità ogħla jeħtieġ li jkunu aktar ’il bogħod minn xulxin. Sa 160 km/h, id-distanza standard hija ta’ erba’ metri; għal veloċità li tkun ogħla, id-distanza tal-linji meħtieġa hija ta’ mill-inqas 4.5 metri. Dan ifisser li l-mini jeħtieġ li jkunu usa’ u dan jinvolvu spejjeż aktar għaljin.

---

[31] Dan huwa relatat mar-rieda tal-passiġġieri potenzjali li jibdlu l-imġiba tagħhom b’rispons għall-bidliet fil-ħin tal-ivvjaġġar: livell għoli ta’ elastiċità tal-ħinijiet tal-ivvjaġġar jindika li l-passiġġieri huma relattivament lesti li jagħżlu t-trasport bil-ferroviji jekk ikun hemm titjib fil-ħinijiet tal-ivvjaġġar.

42. Minbarra dan, l-ispiża ta’ linja ferrovjarja ta’ veloċità għolja “mħallta” (traffiku kkombinat ta’ passiġġieri u merkanzija) hija ogħla meta mqabbla ma’ dik li tkun għall-passiġġieri biss, billi l-gradjenti u r-raġġi tal-kurvi jagħmlu l-allinjamenti tal-kuritur anqas flessibbli, u normalment, dawn jeħtieġu aktar art. L-ispejjeż tal-manutenzjoni għal-linji ferrovjarji mħallta wkoll se jkunu ogħla, minħabba li l-infrastruttura tintuża b’mod aktar intensiv.

43. Il-linji tat-traffiku mħallta huma aktar għaljin mil-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja li jkunu għall-passiġġieri biss. L-istudju indika li din id-diffferenza hija sa 5 %, u sa 13 % jekk il-linja tal-passiġġieri biss tkun limitata għal veloċità ta’ 250 km/h (il-***Figura 5***).

**Figura 5 - Differenzi fl-ispejjeż tal-kostruzzjoni tal-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja**




*Sors:* L-Istudju RAVE tal-2009 tal-5.8.2009 tal-Università ta' Lisbona; tqabbil ta’ linja ferrovjarja ta’ veloċità għolja mħallta ta’ 350 km/h (linja bażi ta' 100).

44. L-għażla tal-aktar alternattiva xierqa tista' tiffranka miljuni ta' euro. Pereżempju, fuq il-medda bejn Munich u Verona, qed tinbena linja ferrovjarja ta’ veloċità għolja fuq is-sezzjoni awditjata tal-Mina ta' Bażi ta' Brenner. Din mhix iġġustifikata mid-*data* relatata mal-veloċità*:* attwalment hemm 13-il waqfa fuq il-linja ferrovjarja konvenzjonali bejn Munich u Verona b’ħin ta’ waqfien ta’ 41 minuta fl-istazzjonijiet (12.6 % tal-ħin totali tal-ivvjaġġar). Fil-preżent, il-vjaġġ minn Munich sa Verona għall-passiġġieri jieħu 5 sigħat u 24 minuta. Anke jekk il-ħin tal-ivvjaġġar jonqos għal madwar 3.5 sigħat ladarba tiġi kkompletata l-linja ferrovjarja ta’

veloċità għolja ta' Brenner, il-veloċità medja fuq din il-linja xorta se tkun biss ta' 115 km/h, li hija baxxa wisq biex tipprovdi argument konvinċenti favur il-bini ta’ linja li tkun kompletament ta’ veloċità għolja.

**Il-kontrolli tal-kosteffiċjenza huma rari**

45. L-infrastruttura ferrovjarja ta’ veloċità għolja hija aktar għalja mill-ferroviji konvenzjonali, kemm fir-rigward tal-kostruzzjoni kif ukoll tal-manutenzjoni. F’ċirkostanzi partikolari, madankollu, is-servizzi ferrovjarji ta’ veloċità għolja ħafna, li joperaw bi 300 km/h jew aktar, jistgħu jipprovdu ffrankar addizzjonali limitat fil-ħin tal-ivvjaġġar, meta mqabbel mal-ferroviji li jaħdmu fuq linji konvenzjonali mtejba. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata wkoll l-għażla li jsir titjib fil-linji ferrovjarji konvenzjonali eżistenti biex jiżdiedu l-veloċitajiet, aktar milli tinbena linja ferrovjarja ta’ veloċità għolja ħafna, billi din tista’ tirriżulta f’iffrankar sinifikanti tal-ispejjeż.

46. Fl-Italja u fil-Ġermanja teżisti prattika tajba: il-proġetti li għalihom tkun diġà tnediet fażi ta’ tħejjija jew ikunu rriżultaw obbligi legali jiġu vvalutati mill-ġdid qabel kull fażi ġdida ta’ programmazzjoni biex jiġi vverifikat li l-karatteristiċi tagħhom għadhom jindirizzaw il-ħtiġijiet attwali. Dan il-proċess ta’ analiżi tal-proġetti jenfasizza kif l-għażliet tat-tfassil iwasslu għal iffrankar sostanzjali b’impatt limitat fuq il-prestazzjoni. Pereżempju, l-analiżi tal-proġett imwettqa għas-sezzjoni Venezia-Trieste kkonkludiet li konfigurazzjoni differenti tal-linja tista’ twassal għal iffrankar ta’ EUR 5.7 biljun, iżda żżid biss 10 minuti mal-ħin tal-vjaġġ, jiġifieri ffrankar ta’ EUR 570 miljun għal kull minuta addizzjonali ta’ ħin tal-ivvjaġġar (it-***Tabella 3***).

**Tabella 3 - Tqabbil tal-ispejjeż bejn il-ferroviji ta’ veloċità għolja u dawk konvenzjonali: Venezja – Trieste**

| Konfigurazzjoni tat-tfassil | Veloċità pproġettata *(km/h)* | Spiża *(biljun EUR)* | Ħin tal-ivvjaġġar *(min)* | Iffrankar *(miljun EUR/min)* |
|---|---|---|---|---|
| Linja ġdida ta’ veloċità għolja ta’ 300 km/h | 300 | 7.5 | 55 | 570 |
| Linja konvenzjonali mtejba | 200 | 1.8 | 65 | |

*Sors:* Il-QEA.

47. Din il-prattika applikata fl-Italja u fil-Ġermanja ma tintużax fl-Istati Membri l-oħra li żorna: tiġi biss ivvalutata l-kostruzzjoni proposta ta' linja ferrovjarja ta' veloċità għolja, u ma ssir ebda kunsiderazzjoni dwar jekk hux effettivament meħtieġ li sezzjoni, jew saħansitra l-linja kollha kemm hi, tkun adatta għas-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja ħafna, jew jekk it-titjib fil-linja konvenzjonali jissodisfax ukoll l-objettivi tal-proġett speċifiku.

48. Analizzajna wkoll il-kostefficjenza billi vvalutajna r-relazzjoni bejn l-ispejjeż tal-investiment u l-ħin reali ffrankat fuq il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja awditjati (it-***Tabella 4***). L-analiżi tagħna turi li l-ispiża għal kull minuta ffrankata, bħala medja, tammonta għal EUR 90 miljun għal kull minuta ta' ħin tal-ivvjaġġar iffrankata, b'valuri li jvarjaw minn EUR 34.5 miljun (fuq il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Eje Atlántico) għal EUR 369 miljun (fuq il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Stuttgart-Munich).

**Tabella 4 - L-ispiża tal-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja awditjata għal kull km u għal kull minuta ffrankata**

| Linja ferrovjarja awditjata | Tul *(km)* | Spiża totali *(miljun EUR)* | Ħin tal-ivvjaġġar iffrankat *(minuti)* | Spiża għal kull minuta ffrankata *(miljun EUR)* |
|---|---|---|---|---|
| Berlin-Munich | 671 | 14 682 | 140 | 104.87 |
| Stuttgart-Munich | 267 | 13 273 | 36 | 368.69 |
| Rhin-Rhône | 138 | 2 588 | 75 | 34.51 |
| LGV Est Européenne | 406 | 6 712 | 130 | 51.63 |
| Madrid- Barċellona - Fruntiera ta' Franza | 797 | 12 109 | 305 | 39.70 |
| Eje Atlántico | 165 | 2 596 | 75 | 34.61 |
| Madrid-Galicia | 549 | 7 684* | 110 | 69.85 |
| Madrid-León | 345 | 5 415 | 95 | 57.00 |
| Milan - Venezja | 273 | 11 856 | 49 | 241.96 |
| Turin-Salerno | 1 007 | 32 169 | 192 | 167.55 |
| **Total/medja** | **4 618**** | **109 084** | **1 207** | **90.38** |

* L-analiżi tal-istima tal-ispejjeż għal-linja kollha kemm hi, u l-ħin tal-ivvjaġġar jinkludu t-trikkib ta' 133 km tal-HSL bejn Madrid u León (bl-esklużjoni tal-mina ta' Guadarrama).
** Il-medda bejn Munich u Verona, li hija twila 445 km, iżżid it-total ta' km ta' linji awditjati għal 5 063 km.
*Sors:* Il-QEA.

**L-analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ma jintużawx bħala għodda għat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Istati Membri**

49. Billi l-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja huma investimenti għaljin, huwa kruċjali li l-ispejjeż u l-benefiċċji l-kbar kollha jiġu analizzati b'mod korrett bil-quddiem qabel jiġi deċiż jekk dawn għandhomx jinbnew jew le. Meta jintużaw b'mod korrett, l-analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji (ASB) jippermettu li jiġi vvalutat ir-redditu soċjali fuq l-investiment ta' proġett, u kemm dan huwa mixtieq mis-soċjetà u utli qabel ma tittieħed xi deċiżjoni. Biex tiġi sostnuta deċiżjoni pożittiva, jinħtieġu kontribuzzjonijiet netti għas-servizzi soċjali (eż. permezz ta' proporzjonijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji li jkunu ogħla minn 1, jiġifieri fejn il-benefiċċji jkunu ogħla mill-ispejjeż) taħt varjetà wiesgħa ta' xenarji tad-domanda (eż. żieda għolja bi tqabbil ma' żieda baxxa fit-traffiku) u tal-provvista (eż. kostruzzjoni ta' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja bi tqabbil ma' titjib tal-linji konvenzjonali).

50. Il-Qorti talbet lil espert estern biex jagħmel analiżi komparattiva tad-diversi ASB marbuta mal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja awditjati. L-espert ikkonkluda li l-ASB ġeneralment jintużaw biss bħala pass amministrattiv obbligatorju, aktar milli bħala għodda għat-teħid ta' deċiżjonijiet aħjar u għall-inklużjoni tal-partijiet ikkonċernati. Sibna li dawn l-eżempji li ġejjin huma partikolarment notevoli.

(i) ASB b'valur ekonomiku attwali nett negattiv ġiet aċċettata għall-kofinanzjament mill-UE tal-proġett Nru 2007-FR-24070-P (li jikkonċerna s-Sezzjoni tal-Lvant tal-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Rhin – Rhône) fi Franza. Fil-każ ta' proġett ieħor relatat mal-ferroviji ta' veloċità għolja fi Franza (il-proġett Nru 2010-FR-92204-P, li jikkonċerna t-titjib tal-linja eżistenti bejn Mulhouse u l-fruntiera biex il-ferroviji ta' veloċità għolja u l-Intercity Express ikunu jistgħu joperaw) ma kienet saret ebda ASB, iżda l-proġett xorta rċieva l-finanzjament mill-UE.

(ii) Ma saret ebda ASB meta ttieħdet id-deċiżjoni li jinbnew is-sezzjonijiet Halle/Leipzig–Erfurt–Ebensfeld u Stuttgart-Wendlingen-Ulm fil-Ġermanja. Id-deċiżjoni li jinbnew dawn is-sezzjonijiet kienet politika, u l-ASB saret biss fi stadju aktar tard (*ex post*) biex tintwera l-profitabbiltà soċjoekonomika.

(iii) Il-biċċa l-kbira mill-istudji fi Spanja, irrispettivament mir-reġjun u mill-karatteristiċi tal-proġett, urew riżultati simili ħafna u proporzjon relattivament baxx bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż (ta' madwar 1). Fir-realtà, xi proġetti għandhom biss possibbiltà limitata ta' vijabbiltà mill-perspettiva soċjali tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji (pereżempju, is-sezzjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja "Venta de Baños – León" ma kinitx vijabbli mill-perspettiva soċjoekonomika f'diversi xenarji ta' sensittività), iżda xorta waħda qed jinbnew.

(iv) Mill-2007 'l hawn, ma sar ebda aġġornament tal-ASB relatata mal-assi ta' Brenner. Fl-analiżi tal-2007, il-fattur tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji kien ta' 1.9. Sadanittant, l-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-proġett tal-Mina ta' Bażi ta' Brenner kien diġà ddewwem b'madwar ħdax-il sena: inizjalment dan kien mistenni li jiġi kkompletat sal-2016, iżda issa mhux mistenni li jkun lest qabel l-2027. L-aktar *data* reċenti tiżvela li l-ispiża prevista għall-mina se tkun ta' madwar EUR 9.3 biljun (jekk titqies ir-rata tal-inflazzjoni). Bejn l-istimi preliminari tal-2002 u l-istima tal-2013, l-ispejjeż żdiedu b'46 % (minn EUR 5.9 biljun għal EUR 8.6 biljun), u t-traffiku tal-merkanzija issa huwa mistenni li jonqos. Dawn il-fatturi jnaqqsu bil-qawwi l-proporzjon bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż, u jagħmlu d-*data* tal-ASB tal-2007 dwar l-għadd ta' passiġġieri u t-traffiku tal-merkanzija mhux realistika. Dan l-aspett ma ġiex ikkontestat mill-INEA, li qed timmaniġġja din il-kwistjoni f'isem il-Kummissjoni.

51. Għas-sejħiet għal proposti tas-CEF għall-2015, l-INEA introduċiet valutazzjoni speċifika tal-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma qablet li tipprovdi appoġġ taħt is-CEF. Aħna nqisu li dan se jgħin biex isir titjib fil-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet minn qabel. Madankollu, l-INEA (kif ukoll l-Awtoritajiet Maniġerjali fil-każ ta' infiq tal-politika ta' koeżjoni taħt ġestjoni konġunta) attwalment mhix qed tivvaluta l-ispiża għal kull minuta ffrankata, jew l-ispiża tat-titjib tal-linja ferrovjarja konvenzjonali eżistenti bħala alternattiva għal-linja ta' veloċità għolja l-ġdida proposta, qabel ma taqbel li tonfoq il-kofinanzjament mill-UE.

**L-ispejjeż ogħla milli ppjanat, id-dewmien fil-kostruzzjoni u fil-bidu tal-operat: in-norma minflok l-eċċezzjoni**

52. Il-baġit tal-UE mhuwiex soġġett għall-ispejjeż li kienu ogħla milli ppjanat għall-investimenti fil-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja, billi l-ammont ikkofinanzjat huwa limitat għall-ammont maqbul fil-bidu. Minkejja li l-ispejjeż li jkunu ogħla milli ppjanat jiġu koperti mill-baġits nazzjonali, aħna vvalutajna l-firxa ta' dawn l-ispejjeż u tad-dewmien, kemm fil-livell tal-proġetti kif ukoll f'dak tal-linja ferrovjarja. Fuq il-bażi tad-*data* li għandna għad-dispożizzjoni tagħna, aħna nistmaw li l-ispejjeż li kienu ogħla milli ppjanat aggregati huma ta' EUR 5.7 biljun fil-livell tal-proġetti, u ta' EUR 25.1 biljun fil-livell tal-linja ferrovjarja (44 % u 78 %, rispettivament).

53. Tlieta mit-30 proġett ivvalutati kellhom spejjeż sinifikanti li kienu ogħla milli ppjanat ta' aktar minn 20 % tal-istimi inizjali u dawk tal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja kollha awditjati kienu aktar minn 25 % (it-***Tabella 5***). Il-linji ferrovjarji tal-Ġermanja kellhom l-ogħla spejjeż milli ppjanat: l-ispejjeż tal-linja ferrovjarja bejn Stuttgart u Munich laħqu is-622.1 %.

**Tabella 5 - Stampa ġenerali tal-ispejjeż għal kull km u tqabbil mal-istimi**

| Linja ferrovjarja awditjata | Tul totali *(km)* | Spiża totali *(miljun EUR)*** | Spiża stmata inizjali *(miljun EUR)* | Spiża reali li kienet ogħla milli ppjanat *(%)* | Spiża inizjali tal-kostruzzjoni għal kull km *(miljun EUR)* | Spiża finali tal-ikkompletar għal kull km *(miljun EUR)* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Berlin-Munich | 671 | 14 682 | 8 337 | 76.1 % | 12.4 | 21.9 |
| Stuttgart-Munich | 267 | 13 273 | 1 838 | 622.1 % | 6.9 | 49.7 |
| Rhin-Rhône | 138 | 2 588 | 2 053 | 26.1 % | 14.9 | 18.8 |
| LGV Est Européenne | 406 | 6 712 | 5 238 | 28.1 % | 12.9 | 16.5 |
| Madrid-Barċellona-Fruntiera ta' Franza | 797 | 12 109 | 8 740 | 38.5 % | 11.0 | 15.2 |
| Eje Atlántico | 165 | 2 596 | 2 055 | 26.3 % | 12.5 | 15.7 |
| Madrid-León | 345 | 5 415 | 4 062 | 33.3 % | 11.8 | 15.7 |
| Madrid-Galicia* | 416*** | 5 714*** | m/a | m/a | m/a | 13.7*** |
| Turin-Salerno* | 1 007 | 32 169 | m/a | m/a | m/a | 31.9 |
| Milan-Venezja* | 273 | 11 856 | m/a | m/a | m/a | 43.4 |

*Ebda stima tal-ispejjeż ma hi disponibbli fil-livell tal-linji ferrovjarji, għalhekk mhuwiex possibbli li jiġu stmati l-ispejjeż potenzjali li kienu ogħla milli ppjanat.
**Fil-mument tal-awditu u anke għal-linji mhux ikkompletati: Stuttgart-Munich, Madrid-Galicia u Milan-Venezja.

***Ikkalkulata fuq il-medda Medina del Campo-Galicia u għalhekk teskludi l-133 km ta' trikkib mal-linja ta' veloċità għolja Madrid-León.
*Sors:* Il-QEA. Iċ-ċifri kollha huma espressi f'termini nominali.

54. Id-dewmien fil-livell tal-proġetti wkoll kien sinifikanti: 8 mit-30 proġett li awditjajna kienu ddewmu b'mill-inqas sena, u nofs il-linji ferrovjarji (5 linji mill-10 li ġew awditjati) kellhom dewmien ta' aktar minn 10 snin. Huwa previst li l-linja bejn Milan u Venezja se jkollha l-itwal dewmien meta mqabbel mal-istimi inizjali (18-il sena).

55. L-ogħla spiża milli kienet ippjanata ta' proġett kienet ta' 83 %, għall-istazzjon "Stuttgart 21" (l-***Istampa 2***), li rċieva EUR 726.6 miljun f'għotjiet mill-UE.

**Stampa 2 - Xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq l-istazzjon Stuttgart 21**




*Sors:* Il-QEA.

56. Għal dan il-proġett, minħabba l-istimi mhux realistiċi tal-ispejjeż inizjali għat-tħaffir ta' mina fiċ-ċentru tal-belt fejn il-popolazzjoni hija densa, u għall-valutazzjonijiet insuffiċjenti tal-aspetti ġeoloġiċi u ambjentali relatati mal-wirt kulturali tal-komunità lokali, l-ispejjeż tal-kostruzzjoni żdiedu b'mod sinifikanti. L-ispejjeż totali tal-kostruzzjoni ta' EUR 4.5 biljun stmati fl-2003 żdiedu għal EUR 6.5 biljun fl-2013 u għal EUR 8.2 biljun (l-istima l-aktar reċenti disponibbli f'Jannar 2018). Dan ifisser li hemm differenza ta' EUR 3.7 biljun mill-ftehim

oriġinali. Sa issa, is-sħab kollha tal-finanzjament irrifjutaw li jkopru aktar mill-ispejjeż stabbiliti fil-ftehim ta' finanzjament oriġinali.

57. Minbarra dan, se jkun hemm dewmien sinifikanti fl-ikkompletar tax-xogħlijiet għal dan l-istazzjon, billi oriġinarjament kien ippjanat li x-xogħlijiet tal-kostruzzjoni jitlestew sal-2008. Il-bidu diġà kien ġie pospost mill-2001 għall-2009, u l-istimi attwali huma li x-xogħlijiet se jitlestew sal-2025.

58. Fl-aħħar nett, għal 18-il proġett[32], aħna vvalutajna wkoll il-ħin meħtieġ biex il-linji ferrovjarji jibdew realment joperaw, ladarba x-xogħlijiet ikkofinanzjati mill-UE jkunu ġew ikkompletati. Għal sitt proġetti, l-operazzjonijiet bdew mhux aktar tard minn xahar wara t-tmiem tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Għal żewġ proġetti, il-bidu tal-operat kien iddewwem b'madwar sena; għal sitt proġetti, id-dewmien kien ta' sentejn; għal ieħor, id-dewmien kien ta' erba' snin; filwaqt li żewġ proġetti fil-Ġermanja se jiddewmu bi tmien snin (dawn il-proġetti tlestew sa tmiem l-2015, u attwalment huwa stmat li l-linja ferrovjarja mhux se tkun qed topera qabel it-tmiem tal-2023). F'każ ieħor (il-linja ferrovjarja transkonfinali Figueres – Perpignan bejn Spanja u Franza), minkejja li l-linja kienet kollha lesta, din setgħet biss tintuża 22 xahar wara peress li ma kinitx konnessa mal-bqija tan-netwerk miż-żewġ naħat.

***Il-fehma ta' ċittadin: valutazzjoni reali tal-ħinijiet tal-ivvjaġġar, il-prezzijiet u l-konnessjonijiet, is-servizzi tal-passiġġieri u l-istazzjonijiet u ż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela tagħhom***

**Il-ħinijiet tal-ivvjaġġar u l-prezzijiet tal-biljetti, huma fatturi importanti għas-suċċess**

59. Aħna eżaminajna l-kompetittività tal-ferroviji ta' veloċità għolja billi staqsejna lil aġent tal-ivvjaġġar biex iwettaq riċerka dwar l-irħas prezzijiet ta' biljett bir-ritorn, il-ħinijiet tal-ivvjaġġar u l-għadd ta' konnessjonijiet fi ġranet partikolari, kemm għall-profili ta' passiġġieri li jivvjaġaw għal xogħol kif ukoll għal dawk li jivvjaġaw għal turiżmu fuq il-linji awditjati. Is-

---

[32] Mit-30 proġett awditjati kien hemm 11 li jew għadhom għaddejjin jew ma ġewx implimentati b'mod xieraq, u dan wassal għal diżimpenji sinifikanti tal-finanzjament mill-UE. Għal proġett wieħed ikkompletat, id-data tal-bidu tal-operat ma ġietx stabbilita fil-mument tal-awditu.

sommarju tal-metodoloġija tagħna u d-*data* rilevanti jinsabu fl-***Anness VI***. Dan ippermettilna nikkalkulaw il-prezzijiet medji għal kull kilometru u għal kull minuta ta’ vvjaġġar.

60. Il-prezzijiet tal-biljetti jistgħu jvarjaw ħafna (eż. skont il-ħin tal-ġurnata, u d-disponibbiltà ta’ offerti speċjali). Madankollu, dan ix-xogħol twettaq fuq skala suffiċjenti (inġabret *data* relatata ma’ aktar minn 5 000 vjaġġ bir-ritorn) biex inkunu nistgħu nivvalutaw b’mod realistiku l-alternattivi tal-ivvjaġġar bejn iż-żewġ punti ta’ oriġini u ta’ destinazzjoni fuq il-linji ferrovjarji awditjati. Minn din l-analiżi ħarġu dawn l-elementi li ġejjin.

(i) Fir-rigward tal-veloċità: Il-ferroviji ta’ veloċità għolja spiss huma ferm aktar rapidi (fuq medja ta’ bejn 30 % sa 50 % tal-ħin tal-ivvjaġġar) minn dawk konvenzjonali. L-ivvjaġġar bl-ajru (mit-tlugħ sal-inżul) huwa aktar rapidu minn dak bil-ferroviji ta’ veloċità għolja. Madankollu, fil-valutazzjoni tal-ħin reali totali tal-ivvjaġġar minn ċentru ta’ belt għal ċentru ta’ belt oħra, inkluż l-ivvjaġġar lejn l-ajruport u l-proċeduri tal-imbarkazzjoni, il-ferroviji ta’ veloċità għolja spiss huma kompetittivi.

(ii) Fir-rigward tal-prezzijiet tal-biljetti: Il-ferroviji ta’ veloċità għolja spiss huma ferm orħos mill-ivvjaġġar bl-ajru. Ir-riżervazzjonijiet fl-aħħar minuta għaż-żewġ mezzi tat-trasport huma aktar għaljin minn biljetti li jiġu riżervati minn qabel. Fil-Ġermanja, il-prezzijiet tal-biljetti fuq il-linja ferrovjarja ta’ veloċità għolja bejn Stuttgart u Munich huma aktar baxxi minn dawk ta’ ferroviji konvenzjonali.

(iii) L-għadd ta’ servizzi ferrovjarji ta’ veloċità għolja offruti jvarja b’mod konsiderevoli matul is-sena. Id-disponibbiltà tal-konnessjonijiet hija importanti: xi linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja għandhom għadd kbir ta’ konnessjonijiet (eż. 50 sa 60 kuljum fil-Ġermanja), filwaqt li tnejn mill-erba’ linji awditjati fi Spanja (Madrid-Santiago u Madrid-León) u ż-żewġ linji Franċiżi awditjati kellhom tassew ftit konnessjonijiet.

(iv) Xi wħud mir-rotot awditjati mhumiex prattikabbli permezz ta’ ferroviji konvenzjonali; pereżempju, l-ivvjaġġar minn Ruma għal Turin bil-ferrovija konvenzjonali jieħu aktar minn 20 siegħa. Il-ferroviji ta’ veloċità għolja jieħdu nofs il-ħin, u l-ivvjaġġar bl-ajru jdum għaxar darbiet anqas. Is-sitwazzjoni fuq il-linja ferrovjarja minn Madrid għal Santiago hija simili.

(v) L-aktar konnessjonijiet ta' suċċess f'termini ta' utenti li jivvjaġġaw minħabba xogħol (eż. Madrid-Barċellona; Turin-Ruma; Pariġi-Strasburgu) huma wkoll l-aktar għaljin. B'mod ġenerali, il-ferroviji ta' veloċità għolja fi Franza huma dawk li jiswew l-aktar għal kull kilometru ta' vvjaġġar (kemm għall-vjaġġi minħabba xogħol kif ukoll għal dawk ta' divertiment).

61. Biex jiġi vvalutat kemm verament il-ferroviji ta' veloċità għolja huma kompetittivi, ġew analizzati l-ħin tal-ivvjaġġar totali minn ċentru ta' belt għal ċentru ta' belt oħra u l-prezzijiet tal-alternattivi disponibbli. Aħna rfinajna aktar l-analiżi tad-*data* tagħna għal erba' linji, u kkalkulajna ċ-ċifri rilevanti, billi qabbilna l-ferroviji ta' veloċità għolja ma' dawk konvenzjonali, kif ukoll mat-trasport bl-ajru u dak bit-triq, biex b'hekk inkludejna l-ispiża tal-karozzi privati u tal-kowċijiet fuq distanzi twal[33] (it-***Tabella 6***).

**Tabella 6 - Analiżi tal-ivvjaġġar minn bieb sa bieb fuq linji ferrovjarji ta' veloċità għolja magħżula**

| | **MADRID, Puerta del Sol - BARĊELLONA, Plaça de Catalunya** | | **RUMA, Piazza del Campidoglio - MILAN, Piazza del Duomo** | | **BERLIN, Potsdamer Platz - MUNICH, Marienplatz** | | **PARIĠI, Place de la Concorde - STRASBURGU, Place du Château** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Distanza** | 607-698 km | | 572-661 km | | 587-654 km | | 466-548 km | |
| **Mezz ta' trasport** | Ħin | Prezz *(EUR)* | Ħin | Prezz *(EUR)* | Ħin | Prezz *(EUR)* | Ħin | Prezz *(EUR)* |
| Karozza | 10:40-18:20 | 138-190 | 10:40-18:40 | 180 | 10:00-16:40 | 95-142 | 8:40-12:20 | 44-79 |
| Trasport bl-ajru | 6:30-8:00 | 227-253 | 6:30-7:00 | 140 | 6:30-8:00 | 146 | M/A | M/A |
| Kowċ | 16:20-18:00 | 36-49 | 15:00-21:00 | 40 | 17:00-23:00 | 45-79 | 13:00-22:40 | 33-55 |
| Linji ferrovjarji konvenzjonali | 11:30-12:00 | 124-128 | 9:00-23:00 | 61-103 | M/A | M/A | M/A | M/A |
| Ferroviji ta' veloċità għolja | 6:00-8:20 | 159-181 | 6:50-9:00 | 23-205 | 8:30-10:30 | 66 | 5:10-5:30 | 158-165 |

*Sors:* Il-QEA.

---

33 Mil-liberalizzazzjoni reċenti tas-suq, is-servizzi bil-kowċ kellhom rati ta' tkabbir impressjonanti f'ħafna Stati Membri. Pereżempju, fil-Ġermanja, l-għadd tal-passiġġieri żdied minn tliet miljuni fl-2012 għal 25 miljun fl-2015 (Sors: "*Les autocars et le marché voyageurs longue distance: vers un jeu perdant-perdant?*", Prof. Yves Crozet, l-Università ta' Lyon, 2015).

62. L-analiżi "minn ċentru ta' belt għal ċentru ta' belt" żvelat dawn l-elementi li ġejjin:

(i) Bejn Madrid u Barċellona, il-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja hija l-aktar għażla ta' vvjaġġar veloċi: anke l-ivvjaġġar bl-ajru jdum aktar minn bieb sa bieb, u huwa aktar għali. Dan jispjega għalfejn il-ferroviji ta' veloċità għolja żiedu b'mod konsiderevoli s-sehem mis-suq tagħhom fuq din il-linja fis-snin reċenti. Fil-fatt, mill-ftuħ tagħhom fl-2008 'l hawn, ir-ripartizzjoni modali bejn l-ivvjaġġar bl-ajru u bil-ferroviji nbidlet minn 85:15 għal 38:62 fl-2016. Din l-analiżi tista' tintuża biex tivvaluta s-suċċess tal-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja u tkejjel il-livell ta' sostenibbiltà tal-investimenti li saru.

(ii) Bejn Ruma u Milan, l-ivvjaġġar bl-ajru u l-ferroviji ta' veloċità għolja wkoll jinsabu fuq quddiem f'termini tal-ħin tal-ivvjaġġar. L-għadd ta' ferroviji żdied u l-prezzijiet tal-biljetti naqsu matul iż-żmien. Għalhekk, is-sehem mis-suq tal-ferroviji ta' veloċità għolja qed jiżdied aktar matul iż-żmien, għad-detriment ukoll ta' ferroviji konvenzjonali fuq distanzi twila.

(iii) Il-vjaġġ minn Berlin għal Munich jista' jsir bil-ferroviji konvenzjonali, iżda dan jinvolvi ħafna tibdil. L-ivvjaġġar bl-ajru huwa l-aktar veloċi, iżda jiswa ħafna flus. Il-ferroviji ta' veloċità għolja huma t-tieni alternattiva l-aktar veloċi u rħisa. Filwaqt li l-ivvjaġġar bil-kowċ huwa l-irħas, il-ħin tal-vjaġġ huwa dissważiv.

(iv) Minn Pariġi għal Strasburgu, ma hemmx konnessjonijiet bl-ajru jew bil-ferroviji konvenzjonali diretti. Il-ferroviji ta' veloċità għolja għandhom l-aktar ħin totali tal-ivvjaġġar rapidu, iżda l-prezzijiet tal-biljetti huma ferm ogħla mill-ivvjaġġar bil-karozza jew bil-kowċ.

63. Il-konklużjoni kumplessiva tagħna hija li kemm il-ħin totali tal-ivvjaġġar kif ukoll il-livell tal-prezzijiet huma fatturi importanti għas-suċċess. Flimkien ma' servizz li jkun effettivament regolari (ferroviji frekwenti li jitilqu u jaslu fil-ħin), dawn il-fatturi jistgħu jikkontribwixxu biex isaħħu l-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja tal-futur.

**Jeħtieġ li jkun hemm aktar titjib fil-ħruġ tal-biljetti ferrovjarji, u fil-monitoraġġ tad-*data* tas-servizzi tal-passiġġieri**

64. Ir-riċerka ppubblikata dwar il-ferroviji ta' veloċità għolja[34] tissuġġerixxi li l-flessibbiltà fil-ħruġ tal-biljetti u l-puntwalità jtejbu l-kompetittività intermodali u jippromwovu s-suċċess sostenibbli. Dawn jistgħu jiġu żviluppati aktar.

65. Is-sistema għall-ħruġ tal-biljetti ferrovjarji ma tipparagunax tajjeb ma' dik tal-industrija tal-linji tal-ajru. Pereżempju, is-soluzzjonijiet ta' biljetti elettroniċi uniċi, bħal dawk li jippermettu r-riżervazzjonijiet ta' vjaġġi li jkunu jinvolvu aktar minn operatur wieħed jew dawk transkonfinali, huma ferm aktar faċli għall-ivvjaġġar bl-ajru milli bil-ferroviji. Minbarra dan, kważi ma hemm ebda magna tat-tiftix disponibbli għall-vjaġġi li jikkombinaw l-ivvjaġġar bl-ajru u dak bil-ferroviji ta' veloċità għolja.

66. Il-Kummissjoni bdiet tiġbor *data* relatata mas-servizz u indikaturi dwar l-iżviluppi fl-użu tan-netwerks ferrovjarji, u dwar l-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet ta' qafas permezz tal-pjattaforma tagħha tal-Iskema ta' Monitoraġġ tas-Suq Ferrovjarju (RMMS). Madankollu, din id-*data* sa issa kienet inkonsistenti, billi l-istandards komuni ma ġewx applikati b'mod komprensiv sa tmiem l-2017. Barra minn hekk, attwalment inġabar biss sett limitat ta' *data* fir-rigward ta' ferroviji ta' veloċità għolja għall-kuntrarju ta' ferroviji konvenzjonali; din tkopri l-oqsma relatati mal-imposti tal-infrastruttura, l-allokazzjoni tal-kapaċità, l-investimenti fl-infrastruttura, u l-obbligi ta' servizz pubbliku li jkopru l-ferroviji ta' veloċità għolja.

67. Sal-2017, ma kienx hemm definizzjonijiet komuni maqbula dwar il-puntwalità. Għalhekk, id-*data* dwar il-puntwalità tvarja bil-kbir fl-UE. L-operaturi ferrovjarji huma obbligati li jinkludu r-rapporti dwar il-puntwalità u s-sodisfazzjon tal-klijenti fid-database tal-ERADIS kif meħtieġ mill-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 iżda, billi ma hemmx metodoloġija komuni jew qafas standardizzat għal dawn ir-rapporti, dawn mhumiex faċli biex jintużaw u ma jipprovdux lill-vjaġġaturi stampa ġenerali ċara tas-sitwazzjoni. Il-

[34] *Sors:* L-Iskola ta' Firenze għar-Regolazzjoni, "Low-cost air and high-speed rail: an untapped potential for complementarity?" (It-Trasport bl-arju bi prezz baxx u l-ferroviji ta' veloċità għolja: potenzjal mhux sfruttat għall-komplementarjetà?), Marzu 2014.

Kummissjoni kkummissjonat stħarriġiet tal-Ewrobarometru biex timmonitorja kemm il-passiġġieri huma sodisfatti bis-servizzi ferrovjarji. L-aħħar stħarriġ ġie ppubblikat fl-2013, u r-rapport ta' segwitu huwa mistenni li jiġi ppubblikat lejn tmiem Ġunju 2018. Għad irid isir progress sinifikanti fil-monitoraġġ ta' dawn il-kwistjonijiet fil-livell tal-UE.

**L-għadd u l-post tal-istazzjonijiet huma żewġ aspetti importanti**

68. Huwa essenzjali li jkun hemm għadd xieraq ta' stazzjonijiet għas-suċċess tal-linja ferrovjarja u għas-sostenibbiltà operazzjonali tagħha[35]. Jekk il-linja ferrovjarja jkollha ftit wisq waqfiet intermedji jew ma jkollha xejn, il-veloċità kumplessiva bejn l-oriġini u d-destinazzjoni tkun għolja, u l-kompetittività ma' mezzi oħra ta' trasport tkun ottimali; madankollu, dan huwa ta' detriment għas-sostenibbiltà, billi jonqos l-għadd ta' passiġġieri potenzjali li jgħixu tul il-linja u li jistgħu jużawha. Għall-kuntrarju, jekk ikun hemm aktar waqfiet fuq il-linja, il-veloċità medja tagħha tkun aktar baxxa, u l-kompetittività ma' mezzi oħra ta' trasport tiġi kompromessa, iżda aktar passiġġieri jkunu jistgħu jużawha, u dan iżid l-introjtu mill-biljetti.

69. Aħna analizzajna l-għadd ta' waqfiet fuq il-linji ferrovjarji awditjati u l-impatt li jirriżulta fuq il-ħinijiet tal-ivvjaġġar u fuq il-kompetittività tas-servizzi fuq il-linja, kif ukoll l-aċċessibbiltà, il-konnettività u l-effetti ta' riġenerazzjoni tagħhom. L-informazzjoni kompluta u d-*data* ewlenija kollha relatati ma' din l-analiżi tal-istazzjonijiet tinsab fl-***<u>Anness VII</u>***.

70. Id-*data* mill-iskedi ta' żmien uffiċjali turi li kull waqfa intermedja testendi l-ħin tal-ivvjaġġar totali b'medja ta' minn 4 sa 12-il minuta[36], u tnaqqas il-veloċità medja minn 3 sa

---

[35] Ara wkoll: Il-Qorti tal-Awditjar Franċiża, ir-Rapport Speċjali tal-2014: "*LA GRANDE VITESSE FERROVIAIRE: UN MODÈLE PORTÉ AU-DELÀ DE SA PERTINENCE*", u r-Rapport pubbliku annwali tal-2013 dwar l-LGV Est-Européenne "*La participation des collectivités territoriales au financement de la LGV-EST: des contreparties coûteuses, une gare de trop*".

[36] Eż. il-linja ferrovjarja diretta Madrid – Barċellona tieħu 150 min., filwaqt li l-ferroviji li jieqfu wkoll f'Guadalajara jew f'Calatayud, Zaragoza, Lleida u Camp de Tarragona jieħdu 190 min.

16-il km/h[37]. L-għadd ta' stazzjonijiet ivarja minn 4 (LGV Rhin-Rhône) sa 15 (fuq il-linja ferrovjarja Berlin-Munich) u d-distanzi bejniethom ivarjaw bil-kbir (l-itwal distanza bejn żewġ stazzjonijiet fuq l-istess linja ta' veloċità għolja hija ta' 253 km; l-iqsar hija ta' 26 km). Fuq il-linji awditjati joperaw diversi tipi ta' servizzi [38] (pereżempju, fuq il-linja Madrid-Barċellona, xi ferroviji joperaw servizz bla waqfien fuq tul ta' 621 km, filwaqt li ferroviji oħra fuq il-linja jservu wkoll stazzjonijiet intermedji, bi frekwenza li tvarja). L-akbar differenza fil-ħin bejn l-aktar servizzi ferrovjarji diretti u dawk inqas diretti hija ta' 72 minuta (fuq il-linja ferrovjarja Berlin-Munich).

71. Għall-valutazzjoni tal-għadd potenzjali ta' utenti ta' linja ferrovjarja ta' veloċità għolja, fl-awditjar eżaminajna wkoll iż-żoni ta' attrazzjoni tal-klijentela ta' kull waħda mill-10 linji ferrovjarji ta' veloċità għolja u 4 linji ferrovjarji transkonfinali[39]. Xi stazzjonijiet ma jkollhomx għad biżżejjed ta' passiġġieri fiż-żoni ta' attrazzjoni tal-klijentela immedjati tagħhom, u jinsabu qrib wisq ta' xulxin. Dan il-fatt inaqqas l-effettività kumplessiva tas-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja, minħabba li jridu jieqfu ħafna drabi mingħajr ma jilħqu ħafna passiġġieri ġodda, jew jagħmel il-ġestjoni ta' kuljum tal-ferroviji wisq ikkumplikata biex jiġi żgurat li l-bażi ta' utenti tkun aċċettabbli.

72. L-***Anness VIII*** fih ir-riżultati kumplessivi u d-*data* ewlenija dwar l-istazzjonijiet tal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja kollha awditjati. Pereżempju, kif jidher fil-***Figura 6***, minkejja li l-linja Madrid-Barċellona-Fruntiera ta' Franza għandha żona ta' attrazzjoni tal-klijentela kbira ħafna (li tispjega s-suċċess tagħha), iż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela ta' xi stazzjonijiet fuq il-linja (eż. Guadalajara-Yebes jew Calatayud) hija estremament żgħira. Minħabba l-għadd limitat ħafna ta' persuni li jgħixu fiż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela fi ħdan raġġ ta' 15-il minuta, hemm raġuni biex wieħed jiddubita l-kosteffiċjenza u l-effettività biex jinżammu

---

[37] Eż. il-linja ferrovjarja diretta Madrid – Barċellona tivvjaġġa b'medja ta' 268 km/h, filwaqt li l-ferroviji li jieqfu wkoll f'Guadalajara jew f'Calatayud, Zaragoza, Lleida u Camp de Tarragona jivvjaġġaw biss b'medja ta' 211 km/h.

[38] Ħlief għal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja Milan-Venezja u l-Eje Atlantico, fejn is-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja kollha tal-passiġġieri jsegwu l-istess xejra ta' waqfien.

[39] Ara wkoll ir-Rapport Speċjali Nru 21/2014, il-paragrafu 53 *et seq.*, fejn użajna teknika simili.

dawn l-istazzjonijiet bħala waqfiet fuq il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja (it-trikkib ta' 100 % taż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela ta' 60 minuta għall-istazzjon ta' Guadalajara huwa minħabba l-prossimità tiegħu għal Madrid).

**<u>Figura 6</u> - Analiżi tal-istazzjonijiet tal-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Madrid-Barċellona-Fruntiera ta' Franza**




| Żona ta' attrazzjoni tal-klijentela | Madrid Puerta de Atocha | Guadalajara-Yebes | Calatayud | Zaragoza-Delicias | Lleida - Pirineus | Camp de Tarragona | Barcelona Sants | Girona | Figueres Vilafant |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **15-il minuta** | 4 159 000 | 93 000 | 28 000 | 709 000 | 180 000 | 179 000 | 2 901 000 | 176 000 | 74 000 |
| **30 minuta** | 6 176 000 | 501 000 | 58 000 | 799 000 | 338 000 | 541 000 | 4 683 000 | 441 000 | 306 000 |
| **60 minuta** | 7 197 000 | 6 263 000 | 872 000 | 1 096 000 | 660 000 | 2 767 000 | 6 136 000 | 5 263 000 | 1 325 000 |
| - trikkib | 6 239 000 | 6 240 000 | 848 000 | 851 000 | 277 000 | 2 440 000 | 5 879 000 | 5 194 000 | 1 121 000 |
| - trikkib f'% | **87%** | **100%** | **97%** | **78%** | **42%** | **88%** | **96%** | **99%** | **85%** |

*Sors:* Il-QEA u l-Eurostat.

73. Filwaqt li l-pjan tal-Kummissjoni huwa li toħloq konnessjoni bejn l-ajruporti kollha tan-netwerk ċentrali u n-netwerk ferrovjarju sal-2050, preferibbilment permezz ta' ferroviji ta' veloċità għolja, huma biss ftit l-istazzjonijiet ta' ferroviji ta' veloċità għolja li attwalment għandhom konnessjoni ta' veloċità għolja diretta ma' ajruport. Il-ferroviji ta' veloċità għolja u t-trasport bl-ajru jistgħu jkunu komplementari (billi jwasslu l-passiġġieri lejn l-ajruport, il-ferroviji ta' veloċità għolja jistgħu jkabbru ż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela tal-ajruport, u l-passiġġieri tat-trasport bl-ajru jistgħu jiddeċiedu li jużaw ajruport partikolari minħabba l-fatt li jsibu konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja li tiffunzjona mingħajr xkiel wara l-inżul). Madankollu, aħna sibna li huwa kkumplikat għall-passiġġieri biex jikkombinaw il-ferroviji ta' veloċità għolja mal-ivvjaġġar bl-ajru. Pereżempju, minkejja li l-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja bejn Madrid u Barċellona tgħaddi qrib l-aktar żewġ ajruporti frekwentati ta' Spanja (Madrid-Barajas u Barcelona-El Prat, li ntużaw minn 50.4 miljun u 44.2 miljun passiġġier

rispettivament fl-2016[40]), ma hemm ebda pjan biex dawn jiġu konnessi permezz ta' servizzi ta' veloċità għolja man-netwerks ferrovjarji ta' veloċità għolja[41].

74. Biex ikunu ta' suċċess u kompetittivi, l-istazzjonijiet ta' ferroviji ta' veloċità għolja jenħtieġ li jkunu f'postijiet tajba.

(i) Jenħtieġ li dawn ikunu faċilment aċċessibbli għall-vjaġġaturi b'ħafna mezzi ta' trasport, inkluż bil-mixi u bir-rota, u joffru faċilitajiet tat-trasport pubbliku adatti u spazji għall-parkeġġ bi prezzijiet affordabbli.

(ii) Jenħtieġ li joffru bosta konnessjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja li jiffunzjonaw tajjeb, kif ukoll għadd suffiċjenti ta' ferroviji matul il-ġurnata kollha.

(iii) Jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-attività ekonomika fiż-żona tal-madwar (l-effett ta' "riġenerazzjoni" jew ta' "urbanizzazzjoni mill-ġdid").

75. Aħna analizzajna l-aċċessibbiltà, il-konnettività u l-effetti tar-riġenerazzjoni ta' 18-il stazzjon ta' ferroviji ta' veloċità għolja (tnejn għal kull linja awditjata). L-informazzjoni kompluta, inkluż il-kriterji kwantitattivi użati, tinsab fl-***Anness IX***. L-analiżi tagħna tindika li jista' jsir titjib fl-aċċess għal 14-il stazzjon. Pereżempju, l-istazzjon ta' Meuse TGV (l-***Istampa 3***) fuq l-LGV Est-Européenne mhuwiex faċilment aċċessibbli: kif turi l-vleġġa, l-istazzjon jinsab f'post iżolat fil-kampanja. L-uniċi mezzi biex jintlaħaq l-istazzjon huma ftit karozzi tal-linja lokali, u parkeġġ żgħir għall-karozzi privati.

---

[40] Tráfico de pasajeros, operaciones y carga en los aeropuertos Españoles, Aena 2016.

[41] Attwalment jinsabu għaddejjin studju tal-fattibbiltà għal konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja għal Madrid-Barajas u studju informattiv li jikkonċerna l-adattament tal-istazzjon tal-ajruport għas-servizzi ta' veloċità għolja, bl-użu tal-kofinanzjament tas-CEF, bħala parti mill-proġett 2015-ES-TM-0173-S.

**<u>Stampa 3</u> - L-istazzjon Meuse TGV**



*Sors:* Il-QEA.

76. Sibna wkoll li d-daqs ta’ seba’ stazzjonijiet mhuwiex xieraq: erbgħa kienu kbar wisq, u tlieta kienu żgħar wisq għall-ammont ta’ passiġġieri. Erba’ stazzjonijiet ma kinux jipprovdu servizzi ġenerali lill-pubbliku. Ħames stazzjonijiet ma kinux konnessi tajjeb, filwaqt li sebgħa oħra setgħu jibbenefikaw minn titjib fil-konnessjonijiet.

77. Fl-analiżi tagħna tat-tibdil li sar matul iż-żmien (pereżempju, fis-suq tax-xogħol, is-suq immobiljari, u l-għadd ta’ negozji attirati u l-impjiegi maħluqa), ma rajna ebda effett ċar ta’ riġenerazzjoni fi 15 mit-18-il stazzjon fuq il-linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja awditjati. Il-ftuħ tal-istazzjon Belfort-Montbéliard fuq il-linja ferrovjarja Rhin-Rhône kien inkoraġġixxa l-ftuħ ta’ ħwienet u lukanda fil-viċinanzi, u ppermetta r-rilokazzjoni ta’ sptar reġjonali. F’żewġ każijiet oħra, ix-xogħlijiet ta’ titjib fl-istazzjonijiet – marbuta mal-wasla tas-servizzi ferrovjarji ta’ veloċità għolja – ħolqu konnessjonijiet aktar faċli bejn il-postijiet tal-viċinat li preċedentement kienu separati bil-linji ferrovjarji. Dan jindika li l-linji ferrovjarji ta’ veloċità

għolja jistgħu jakkumpanjaw u jappoġġaw it-titjib ekonomiku li diġà kien inbeda u li kien antiċipat mir-reġjun, iżda huma biss mhumiex se jikkawżaw boom ekonomiku lokali[42].

***Is-sostenibbiltà tal-ferroviji ta' veloċità għolja: l-effettività tal-kofinanzjament mill-UE tinsab f'riskju***

78. Biex il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja tkun ta' suċċess u l-investiment sostenibbli, jenħtieġ li tkun tista' ġġorr ammont kbir ta' passiġġieri. Aħna vvalutajna dan l-element b'żewġ modi: billi wettaqna valutazzjoni komparattiva tal-għadd ta' passiġġieri ttrasportati matul iż-żmien, u billi analizzajna l-għadd ta' persuni li jgħixu fiż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela tul il-linja ferrovjarja.

**Analiżi tad-*data* tal-passiġġieri: tlieta minn seba' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja kkompletati jittrasportaw anqas passiġġieri mill-parametru referenzjarju ta' disa' miljun fis-sena**

79. Skont il-parametru referenzjarju li jirriżulta minn sorsi akkademiċi u istituzzjonali, jenħtieġ li idealment il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja tittrasporta disa' miljun passiġġier, jew mill-inqas sitt miljuni fis-sena tal-ftuħ biex tkun ta' suċċess[43]. Fl-2016, kienu biss tliet linji li fir-realtà ttrasportaw aktar minn disa' miljun passiġġier fis-sena (Madrid-Barċellona, Turin-Salerno u LGV Est-Européenne). Fuq tlieta minn seba' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja kkompletati li awditjajna (Eje Atlántico, Rhin-Rhône u Madrid-León), l-ammont ta' passiġġieri

---

[42] L-istudju ta' riċerka "Retour sur les effets économiques du TGV. Les effets structurants sont un mythe" wasal għal konklużjonijiet simili. Sors: Prof. Y. Crozet: https://halshs.archives-ouvertes.fr/halshs-01094554/document.

[43] Iċ-ċifra ta' 9 miljun passiġġier tidher fi:
(i) "In what circumstances is investment in HSR worthwhile?" (F'liema ċirkustanzi l-investiment fl-HSR huwa siewi?), De Rus, Gines, u Nash, C.A., Munich Personal RePEc Archive (MPRA), Diċembru 2007, kif ukoll fi
(ii) il-"Guide to Cost Benefit Analysis of Investment Projects" (Gwida għall-Analiżi tal-Ispejjeż imqabbla mal-Benefiċċji ta' Proġetti ta' Investiment) tal-Kummissjoni Ewropea, 2008, p. 84 (dan il-parametru referenzjarju tal-ASB tal-Kummissjoni tneħħa mill-aħħar edizzjoni tagħha tal-2014).

ttrasportati kien ħafna aktar baxx[44]. L-ispiża tal-infrastruttura ta' dawn il-linji kienet ta' EUR 10.6 biljun, li għalihom l-UE pprovdiet madwar EUR 2.7 biljun. Dan ifisser li hemm riskju għoli li l-nfiq fuq dawn il-linji taħt il-kofinanzjament mill-UE ma jkunx effettiv.

**L-analiżi taż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela u tal-għadd ta' persuni li jgħixu tul il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja: għal 9 minn 14-il linja u meded ta' veloċità għolja awditjati, l-ammont ta' passiġġieri potenzjali mhuwiex għoli biżżejjed**

80. Aħna wettaqna wkoll analiżi taż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela biex nivvalutaw is-sostenibbiltà potenzjali tal-operazzjonijiet fil-livell tal-linji ferrovjarji (ara l-***Figura 7***). L-***Anness VIII*** fih ukoll ir-riżultati kumplessivi u d-*data* ewlenija għal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja kollha awditjati.

---

[44] Il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Berlin-Munich, billi ilha miftuħa biss minn Diċembru 2017, ma ġietx ikkunsidrata fl-analiżi.

**Figura 7 - Analiżi taż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela tal-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Madrid-Barċellona-Fruntiera ta' Franza**




Cartography: Eurostat — GISCO, 02/2018 Source data: © EuroGeographics © OpenStreetMap Contributors © DG MOVE

*Sors:* Il-QEA u l-Eurostat.

81. Għal 9 minn 14-il linja ferrovjarja ta' veloċità għolja u konnessjonijiet transkonfinali awditjati, l-ammont ta' passiġġieri fiż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela tagħhom f'distanza ta' ħmistax u tletin minuta tul il-linja ma kienx għoli biżżejjed biex jiggarantixxi s-suċċess tal-ferroviji ta' veloċità għolja. Dawn kienu l-linji Madrid-León, Eje Atlántico, Madrid-Galicia, Milan-Venezja, Rhin-Rhône, Stuttgart-Munich, Munich-Verona, Figueres-Perpignan u Basque Y. Ta' min jinnota li t-tliet linji li ma ssodisfawx il-parametru referenzjarju tal-passiġġieri (ara hawn fuq) huma inklużi wkoll f'dan il-kriterju.

82. Aħna analizzajna wkoll is-suċċess tal-ferroviji ta' veloċità għolja f'kuntest globali, biex nifhmu r-raġunijiet għas-suċċess (il-***Kaxxa 2***).

**Kaxxa 2 - L-operazzjonijiet tax-Shinkansen**

Il-ferrovija Shinkansen (l-***Istampa 4***) u l-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja fil-Ġappun, jippermettulna nagħmlu tqabbil usa' tal-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja fuq skala globali.

Il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja ta' 550 km minn Tokyo sa Osaka għamlet suċċess kbir, billi tittrasporta 163 miljun passiġġier kull sena. Hemm ħafna raġunijiet għal dan is-suċċess: il-linja tikkonnettja l-megabliet b'popolazzjonijiet ta' bosta miljuni; il-ferroviji joperaw fuq binarji apposta bi frekwenza għolja ħafna (sa 433 ferrovija kuljum); l-affidabbiltà u l-puntwalità tas-servizz huma eċċellenti (fl-2016, id-dewmien medju kien ta' inqas minn 24 sekonda matul is-sena); fl-istazzjonijiet u tul il-linja jiġu applikati miżuri ta' sikurezza u ta' sigurtà tal-ogħla livell, u l-vjaġġaturi fl-istazzjonijiet jingħataw appoġġ suffiċjenti.

**Stampa 4 - Ferrovija Shinkansen fl-Istazzjoni Ċentrali ta' Tokyo**



*Sors:* Il-QEA.

**Il-kompetittività tal-ferroviji ta’ veloċità għolja mqabbla ma’ mezzi oħra ta’ trasport: sa issa għad ma hemmx il-prinċipju ta’ “min iniġġes iħallas”**

83. Il-ferroviji ta’ veloċità għolja għandhom biss vantaġġ kompetittiv limitat. Filwaqt li n-netwerk Ġappuniż Shinkansen jibqa’ kompetittiv anke fuq distanzi tal-ivvjaġġar ta’ aktar minn 900 km, il-ferroviji ta’ veloċità għolja fl-Ewropa ġeneralment huma kompetittivi fuq distanzi tal-ivvjaġġar ta’ bejn il-200 u l-500 km, bi vjaġġi li jdumu sa erba’ sigħat. Il-karozza hija l-mezz ta’ trasport dominanti għal vjaġġi ta’ inqas minn 200 km, minħabba l-flessibbiltà tagħha fl-aħħar mil, filwaqt li t-trasport bl-ajru huwa l-aktar kompetittiv fir-rigward ta’ vjaġġi itwal.

84. Is-sistema ta’ tassazzjoni bbażata fuq il-karbonju hija għodda li permezz tagħha jitqies l-impatt fuq l-ambjent tad-diversi mezzi ta’ trasport. Attwalment, ma jeżisti ebda arranġament operazzjonali f’xi Stat Membru tal-UE li huwa kumparabbli mal-Fond għall-Infrastruttura Ferrovjarja ddedikat tal-Iżvizzera, parzjalment iffinanzjat mit-taxxi imposti fuq it-trakkijiet li jgħaddu mill-pajjiż. L-approċċ tal-Iżvizzera jtaffi l-piż finanzjarju minn fuq il-kontribwenti għall-bini u l-manutenzjoni tan-netwerk ferrovjarju, peress li jgħaddi direttament l-introjtu mit-taxxa impost fuq mezz ta’ trasport biex jappoġġa l-investiment għal mezzi oħra ta’ trasport.

85. Attwalment, ma hemmx sistema ta’ imposti fl-UE li tieħu inkusiderazzjoni l-prinċipju ta’ min juża jħallas u l-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas fir-rigward tad-diversi mezzi ta’ trasport, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-ferroviji. Fil-passat saru tentattivi biex jinbidlu l-kundizzjonijiet intermodali, billi jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni minn diversi mezzi ta’ trasport, iżda dawn fil-biċċa l-kbira ma rnexxewx. Is-suġġett tat-tassazzjoni bħala funzjoni tal-emissjonijiet ta’ gass serra madankollu jibqa’ fuq l-aġenda ta’ ħafna gvernijiet. Pereżempju, attwalment fi Franza qed isir dibattitu (għal darb’oħra[45]) dwar l-introduzzjoni ta’ skema ta’ finanzjament trasversali filwaqt li, fl-2018, l-Italja se tiffinanzja l-kostruzzjoni tal-Mina ta’ Bażi

[45] Il-prinċipju ta’ “eco-taxe poids lourds” diġà kien ġie suġġett għal votazzjoni fl-2008 bħala parti mill-“Grenelle de l'Environnement” fi Franza, iżda fl-2014 ġie deċiż li dawn id-dispożizzjonijiet ma jiġux implimentati fil-prattika.

ta' Brenner u l-linji ta' aċċess tagħha fil-parti tan-Nofsinhar permezz tar-rikavat minn fond iddedikat, maħluq fl-1997, iffinanzjat mid-dħul tal-pedaġġ tal-awtostrada[46].

***Operazzjonijiet ferrovjarji transkonfinali ta' veloċità għolja li jkunu kompetittivi u jiffunzjonaw mingħajr xkiel: xi ħaġa li għadha mhix universali***

**Minħabba li għad hemm ħafna ostakli, fadal ħafna xi jsir qabel ma s-swieq isiru miftuħa u kompetittivi fir-rigward tal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja fl-UE**

86. Il-kompetizzjoni effettiva fuq il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja tista' ttejjeb b'mod evidenti s-servizzi u tnaqqas il-prezzijiet għall-vjaġġaturi fl-UE. Attwalment, il-każijiet fejn hemm kompetizzjoni effettiva bejn l-operaturi ferrovjarji fuq il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja huma tassew ftit (fl-Italja teżisti kompetizzjoni bejn l-operaturi ferrovjarji u, sa ċertu punt, anke fl-Awstrija[47]). L-introduzzjoni tal-kompetizzjoni fuq il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Taljana Turin-Salerno wasslet biex il-vjaġġaturi jingħataw servizzi aħjar. Hemm aktar ferroviji minn fejn wieħed jista' jagħżel (l-operatur il-ġdid jopera 34 konnessjoni kuljum f'kull direzzjoni fl-iskeda ta' żmien għall-2017-2018), u l-prezzijiet tal-biljetti naqsu b'mill-inqas 24 %[48]. Il-persunal tal-ERA li aħna intervistajna rrapporta l-istess effett pożittiv għall-Awstrija: il-kompetizzjoni bejn id-ditta ferrovjarja preeżistenti u l-operatur il-ġdid kienet ġabet aktar klijenti, anke għall-operatur ferrovjarju preeżistenti.

87. Madankollu, fi Franza u fi Spanja, is-suq għas-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja kien għadu magħluq, u ma kienx hemm kompetizzjoni bejn l-operaturi ferrovjarji fuq il-linji ta' veloċità għolja. Dawn l-Istati Membri jixtiequ jistennew sa wara l-2020 biex jivvalutaw jekk l-

---

[46] L-Artikolu 55 il-paragrafu 13 tal-Liġi Nru 449/1997 tas-27 ta' Diċembru 1997, ippubblikata fis-Suppliment għall-ĠU 302 tat-30.12.1997, p. 5-113.

[47] Fl-Awstrija, minkejja li s-suq huwa bażikament miftuħ, ma hemmx offerti kompetittivi għas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri ta' veloċità għolja li qed jagħmlu telf. Fil-Ġermanja, is-suq huwa miftuħ iżda l-impriża ferrovjarja preeżistenti ma għandhiex kompetituri prinċipali fir-rigward tal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja. Minbarra dan, teżisti kompetizzjoni fuq il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Stockholm-Göteborg, u hemm operaturi fuq rotot internazzjonali li mhumiex f'kompetizzjoni ma' xulxin. Dawn mhumiex ġodda, iżda normalment ikunu sħubiji kummerċjali bejn impriżi ferrovjarji preeżistenti (eż. Eurostar, Thalys, Thello).

[48] G. Adinolfi, "La guerra dei prezzi", *La Repubblica*, il-15 ta' Ottubru 2017.

operatur ferrovjarju preeżistenti huwiex lest li jikkompeti fis-servizzi tal-passiġġieri fuq distanza twila. Anke wara dan il-punt, jekk l-operazzjonijiet tal-linji ferrovjarji jitqiesu bħala obbligi ta' servizz pubbliku, dawn l-Istati Membri se jkunu jistgħu jikkonċedu posponiment ta' 10 snin taħt ċerti kundizzjonijiet, li jfisser li l-kompetizzjoni verament miftuħa tista' tiġi differita sal-2035.

88. Flimkien mal-ftuħ gradwali tas-suq stabbilit fir-Raba' Pakkett Ferrovjarju, fl-industrija ferrovjarja għad hemm għadd ta' prattiki li jipprevjenu t-twettiq ta' netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja fl-UE li verament jiffunzjona mingħajr xkiel, u li potenzjalment jipprevjenu lil operaturi barranin ġodda milli jikkompetu fuq il-linji ta' veloċità għolja. Dawn il-prattiki jinkludu ostakli tekniċi u amministrattivi, u ostakli oħra li jxekklu l-interoperabbiltà. Il-***Kaxxa 3*** tispjega xi jfisser dan fil-prattika għall-vjaġġaturi.

**Kaxxa 3 – L-impatt fuq il-vjaġġaturi meta ma jkunx hemm vjaġġi bil-ferroviji li jaqsmu l-fruntieri li jiffunzjonaw mingħajr xkiel**

**1. In-nuqqas ta' interoperabbiltà fuq il-medda bejn Munich u Verona jikkawża waqfien u dewmien fl-istazzjon ta' Brenner**

Hemm aktar minn 11 000 regola nazzjonali dwar il-ferroviji, li attwalment l-ERA qed tikkategorizza bil-ħsieb li tirfinahom fi stadju aktar tard. Ma hemmx regoli komuni għat-trasport ferrovjarju transkonfinali. Il-Ġermanja u l-Awstrija għandhom approċċ armonizzat, iżda l-Italja għadha tapplika sett ta' regoli differenti[49]. Dan kollu jirriżulta f'waqfa obbligatorja fil-fruntiera Awstrijaka/Taljana: il-ferroviji kollha jridu jieqfu fil-fruntiera biex jagħmlu t-tibdil operazzjonali meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali Taljana u Awstrijaka, li jimponu rekwiżiti differenti. Il-ferroviji tal-passiġġieri jridu jieqfu għal mill-inqas 14-il minuta (l-***Istampa 5***), filwaqt li l-ferroviji tal-merkanzija jiddewmu għal 45 minuta. Dan id-dewmien huwa sinifikanti ħafna, meta jitqies li l-investiment fl-infrastruttura ta'

[49] Pereżempju, (i) fil-fruntiera Awstrijaka/Taljana x-xufiera jinbidlu: filwaqt li l-liġi Ġermaniża u Awstrijaka tirrikjedi li jkun hemm biss xufier wieħed li jitkellem bil-Ġermaniż, fl-Italja, ir-rekwiżit huwa ta' żewġ xufiera liċenzjati li jitkellmu bit-Taljan; (ii) fil-Ġermanja u fl-Awstrija, il-ferroviji tal-merkanzija jrid ikollhom pannelli riflettivi fuq wara; fl-Italja, il-pannelli riflettivi mhumiex aċċettabbli, u minflok irid ikollhom d-dwal ta' wara; (iii) l-Italja ma taċċettax il-kontrolli tekniċi li jsiru mill-awtorità ferrovjarja Ġermaniża u tinforza l-kontrolli tekniċi indipendenti proprji tagħha fuq il-fruntiera.

bosta biljuni ta' euro fuq il-linja ferrovjarja ta' veloċità għolja Munich-Verona jimmira li jkun hemm gwadann fil-ħin kumplessiv ta' 114-il minuta.

**<u>Stampa 5</u> - Passiġġieri jistennew fl-istazzjon ta' Brenner biex ikomplu bil-vjaġġ tagħhom**




*Sors:* Il-QEA.

Din il-problema diġà ġiet enfasizzata fir-Rapport Speċjali Nru 8/2010 tal-Qorti[50]. Tmien snin wara, ir-rakkomandazzjonijiet tagħna ma wasslu għall-ebda tibdil fil-prattika. L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri li żorna qalulna li l-problemi transkonfinali kkawżati mid-diversi regoli nazzjonali dwar l-impjiegi jew il-lingwi ta' ħidma jistgħu jiġu solvuti bl-aħjar mod billi jiġu introdotti regoli armonizzati fl-UE kollha. It-trasport bl-ajru, pereżempju, juża biss lingwa ta' ħidma waħda (l-Ingliż); dan jgħin biex jitnaqqsu l-ostakli bejn il-kontinenti, u jista' jsolvi kwistjonijiet simili bejn l-Istati Membri.

**2. In-nuqqas ta' konnessjonijiet infrastrutturali bejn Franza u Spanja (ir-rotta transkonfinali Atlantika) jobbliga lill-passiġġieri jibdlu l-ferroviji u l-pjattaformi**

Billi ħafna mis-sezzjoni bejn Bordeaux u l-fruntiera Spanjola mhix ta' prijorità għal Franza, l-infrastruttura fil-fruntiera tibqa' antikwata, inkompatibbli u ftit li xejn adattata għan-netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja modern. Franza mhix lesta li tinvesti f'din l-infrastruttura (għaldaqstant ma titlobx il-finanzjament mill-UE), u dan se jaffettwa b'mod negattiv il-konnessjonijiet ta' Spanja u tal-Portugall man-netwerk tal-UE tul il-kuritur tal-Atlantiku. Fuq in-naħa Spanjola tal-fruntiera, jinsabu għaddejjin ix-xogħlijiet biex in-netwerk ferrovjarju Bask ta' veloċità għolja jiġi konness mal-bqija tan-netwerk Spanjol (b'kofinanzjament mill-UE ta' EUR 318-il miljun). Ir-riżultat huwa li

[50] Ir-Rapport Speċjali Nru 8/2010 "It-titjib tal-prestazzjoni tat-trasport fuq l-assi ferrovjarji trans-Ewropej: L-investiment tal-UE fl-infrastruttura ferrovjarja kien effettiv?"

attwalment il-passiġġieri kollha jridu jibdlu l-pjattaformi u l-ferroviji biex jaqsmu l-fruntiera (l-***Istampa 6***).

**Stampa 6 - Il-passiġġieri kollha jridu jibdlu l-ferroviji fil-fruntiera bejn Franza u Spanja**




*Sors:* ADIF, b'annotazzjonijiet tal-QEA.

**L-imposti fuq l-aċċess għall-binarji: ikkumplikati wisq, u huma xkiel potenzjali għall-kompetizzjoni**

89. Taħt il-qafas legali tal-UE għall-operazzjonijiet ferrovjarji, il-maniġer tal-infrastruttura (entità li tkun separata mill-operatur ferrovjarju) irid iħalli lill-operaturi kollha jużaw il-binarji ferrovjarji jekk huma jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-manutenzjoni tagħhom. Dawn l-imposti fuq l-aċċess għall-binarji għandhom impatti differenti fuq is-sostenibbiltà tan-netwerk. Skont il-livell li jiġu stabbiliti fih, l-imposti jistgħu jgħinu biex jiġu rkuprati parti mill-ispejjeż tal-investiment fl-infrastruttura, u jekk jiġu stabbiliti f'livell li jkun baxx biżżejjed, jistgħu wkoll jinkoraġġixxu l-kompetizzjoni bejn l-operaturi ferrovjarji billi jippermettu l-parteċipazzjoni ta' operaturi ġodda fis-suq.

90. Id-Direttiva (UE) Nru 2012/34/UE[51] tirrikjedi li l-imposti fuq l-aċċess għall-binarji jiġu stabbiliti primarjament fuq il-bażi tal-ispejjeż direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju. Iżda l-prinċipji użati biex jiġu ddeterminati l-prezzijiet fl-Istati Membri differenti jvarjaw b'mod sinifikanti[52], prinċipalment minħabba l-fatt li l-leġiżlazzjoni tippermetti li jintużaw ħafna parametri. Fl-Istati Membri kollha li żorna, kienu ġew applikati "mark-ups" biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-kategoriji speċifiċi tal-ispejjeż, bħall-ħin tal-ġurnata tas-slot mitlub jew il-preżenza, jew in-nuqqas, ta' konġestjoni.

91. L-Unjoni Internazzjonali Ferrovjarja rrappurtat li l-imposti fuq l-aċċess għall-binarji mhumiex ikkalkulati b'mod trasparenti. Dawn jinbidlu b'mod regolari, u huma soġġetti għal mhux inqas minn 56 varjabbli, li jwasslu għal eżiti differenti ħafna. Dan huwa kkonfermat mill-***Figura 8***, li turi l-livell eżatt tal-imposti fuq l-aċċess għall-binarji fiż-żewġ punti ta' oriġini u ta' destinazzjoni magħżula tal-UE konnessi permezz ta' ferroviji ta' veloċità għolja, li juru li l-livelli tal-imposti huma tabilħaqq differenti ħafna. Pereżempju, l-imposti fuq l-aċċess għall-binarji huma għoljin ħafna fi Franza, u ferm aktar baxxi fl-Italja.

---

[51] Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

[52] Pereżempju: fl-Italja, l-imposti fuq l-aċċess ma jinkludux biss l-ispejjeż diretti iżda wkoll spejjeż oħra tal-maniġer tal-infrastruttura li l-awtorità tqis "effiċjenti u raġonevoli", filwaqt li fil-Ġermanja l-politika tat-TAC għandha l-għan li tirkupra proporzjon għoli tal-ispejjeż tal-infrastruttura mingħand il-kumpaniji li joperaw il-ferroviji. Fl-Awstrija, it-TACs huma bbażati fuq l-ispejjeż operattivi; fi Franza, dawn huma mfassla madwar żewġ kriterji: pilastru operattiv, li juża mudelli ekonometriċi biex jivvaluta l-ispejjeż marġinali ddeterminati mill-isfruttament tal-linja ferrovjarja (madwar 30 % tal-valur totali) u pilastru relatat mal-valur ekonomiku li huwa stabbilit għall-irkupru ta' imposta fuq l-aċċess li ma tkunx ogħla minn kemm jaffordjaw iħallsu l-operaturi tal-linji ferrovjarji (madwar 70 % tal-valur totali). Fi Spanja, dawn huma maħsuba biex ikopru l-ispejjeż diretti.

**<u>Figura 8</u> - Il-livelli tal-imposti fuq l-aċċess għall-binarji fiż-żewġ punti ta' oriġini u ta' destinazzjoni magħżula fl-UE**




*Sors:* Il-UIC.

92. Huwa importanti li l-livell tal-imposti fuq l-aċċess għall-binarji jkun stabbilit b'mod tajjeb biex jiġu żgurati kemm is-sostenibbiltà kif ukoll il-kompetittività.

(i) Fi Franza, l-imposti fuq l-aċċess għall-binarji jinżammu għoljin biex jipprovdu introjtu għall-maniġer tal-infrastruttura li għandu dejn sinifikanti, u biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet tiegħu. Dan il-fatt inaqqas il-ħtieġa li l-Istat jiffinanzja u jżomm infrastrutturi ferrovjarji ta' veloċità għolja ġodda. Fl-istess ħin, l-imposti fuq l-aċċess għall-binarji li jkunu eċċessivament għoljin jiskoraġġixxu lill-operaturi l-ġodda milli jidħlu fis-suq, u b'hekk jipproteġu lill-operatur ferrovjarju preeżistenti mill-kompetizzjoni.

(ii) Fl-Italja, l-imposti fuq l-aċċess għall-binarji qabel kienu jintużaw bħala mezz biex tiżdied il-kompetizzjoni bejn l-operaturi ferrovjarji stabbiliti u dawk ġodda. Minbarra miżuri oħra (bħall-iżgurar tad-dritt ta' aċċess għal servizzi tal-

istazzjonijiet), ir-regolatur ferrovjarju Taljan naqqas l-imposti biex jiżgura kompetizzjoni ġusta. Dan tejjeb is-sitwazzjoni għall-vjaġġaturi (ara l-***paragrafu 86***)

**Regolatur b'saħħtu u indipendenti: huwa ħtieġa li mhux dejjem hija possibbli**

93. Dan il-kompromess bejn is-sostenibbiltà finanzjarja u l-kompetittività huwa kruċjali. Għalhekk, huwa importanti li f'kull Stat Membru jkun hemm stabbiliti regolaturi nazzjonali biex jaġixxu, u li l-Kummissjoni tissorvelja s-sistema. Jenħtieġ li dawn il-korpi jiżguraw li r-regoli li jirregolaw l-użu ta' mark-ups għall-irkupru tal-ispejjeż kollha tal-infrastruttura jiġu applikati b'mod korrett, u l-objettiv legali tagħhom ikun l-aħjar użu tal-infrastruttura disponibbli.

94. Skont il-liġijiet tal-Unjoni, il-korpi regolatorji tal-ferroviji nazzjonali jridu jingħataw indipendenza u setgħat estensivi biex jimmonitorjaw is-swieq ferrovjarji biex jiżguraw li ma jkunx hemm diskriminazzjoni kontra l-operaturi l-ġodda, sabiex ikun hemm aktar kompetizzjoni ġusta. Minbarra dan, jenħtieġ li dawn il-korpi jkollhom riżorsi suffiċjenti. Il-Kummissjoni tagħti segwitu għal dawn ir-rekwiżiti, u tappoġġa l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fl-attivitajiet tagħhom, u tiffaċilita d-djalogu u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-korpi regolatorji. Aħna osservajna dawn iż-żewġ kwistjonijiet li ġejjin.

(i) Spanja hija l-uniku Stat Membru li jqis l-imposti fuq l-aċċess għall-binarji bħala taxxi, u stabbilithom fil-liġi. Dan il-fatt jillimita l-indipendenza fil-ġestjoni tal-maniġer tal-infrastruttura u s-setgħat tar-regolatur li jimmodifikahom f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli. Barra minn hekk, jillimita l-ħin disponibbli għall-eżaminar tal-imposti, u jikkumplika r-reviżjonijiet u l-ilmenti. Il-pożizzjoni tar-regolatur hija waħda diffiċli, minħabba li l-għadd tal-persunal tiegħu huwa limitat u, għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Riformulata, id-deċiżjonijiet tiegħu ma jorbtux lill-maniġer tal-infrastruttura.

(ii) Fi Franza, fl-2017, ir-regolatur ħareġ opinjoni negattiva vinkolanti dwar mudell ġdid għall-kalkolu tal-imposti fuq l-aċċess għall-binarji li kien previst għall-2018. Il-gvern Franċiż intervjena billi stabbilixxa, permezz ta' digriet, il-livell tal-imposti fuq l-aċċess għall-2018, u żammhom konformi mal-mudell oriġinarjament applikabbli. Dan l-approċċ jillimita b'mod effettiv is-setgħa tal-awtorità regolatorja.

95. F'dawn iż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni ħadet azzjoni billi niedet proċedimenti ta' ksur. Hija timmonitorja mill-qrib l-inizjattivi leġiżlattivi li jkunu għaddejjin biex tiżgura li s-setgħat tar-regolaturi ma jiddgħajfux matul il-proċess.

**KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

***L-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja għandhom ħafna vantaġġi, iżda l-UE la għandha pjan realistiku fuq terminu twil u lanqas netwerk ta' veloċità għolja***

96. Il-ferroviji ta' veloċità għolja jappoġġaw l-objettivi ta' politika tal-mobbiltà sostenibbli tal-UE, minħabba li l-marka tal-karbonju tagħhom hija inqas minn dik ta' forom oħra ta' trasport[53]. Għandhom ħafna benefiċċji oħra, bħal livelli ogħla ta' sikurezza; itaffu l-pressjoni minn fuq in-netwerks tat-toroq konġestjonati; jippermettu lill-passiġġieri li jkunu qed jivvjaġġaw kemm għal xogħol kif ukoll għal divertiment li jaslu malajr u fil-kumdità, u jistgħu jipprovdu appoġġ soċjoekonomiku lir-reġjuni.

97. Il-mira tal-Kummissjoni li jiġi ttriplikat it-tul tan-netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja (li jaqbeż it-30 000 km fl-2030) mhix sostnuta minn analiżi kredibbli. Aħna nqisu li mhuwiex probabbli li din il-mira tintlaħaq, minħabba li l-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-bidu tal-operazzjonijiet tal-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja jeħtieġu madwar 16-il sena. Sa tmiem l-2017, 9 000 km biss tal-linji ta' veloċità għolja kienu qed joperaw, u 1 700 km oħra kienu taħt kostruzzjoni.

98. Fl-Ewropa, ma hemmx netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja li huwa ġenwin: hemm biss sistema frammentata ta' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja nazzjonali. Il-Kummissjoni ma għandhiex is-setgħa li tiddeċiedi jekk u meta għandhom jinbnew il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja deskritti fid-dettall fir-Regolament dwar it-TEN-T, billi d-deċiżjonijiet relatati mal-bini tagħhom huma r-responsabbiltà unika tal-Istati Membri. L-ikkompletar tal-kurituri transnazzjonali fl-UE permezz tal-konnessjoni tan-netwerks nazzjonali mhix ta' prijorità għall-Istati Membri awditjati. Minkejja li l-mekkaniżmu ta' finanzjament mill-UE ġie adottat fl-

---

[53] Bl-ipoteżi li l-infrastrutturi maħluqa jintużaw ħafna u b'mod intensiv, u bis-suppożizzjoni li l-potenza elettrika użata tiġi ġġenerata minn sors nadif (ara n-Nota 17 f'qiegħ il-paġna).

istess perjodu (ir-Regolament dwar is-CEF), u minkejja li l-Istati Membri kkonċernati ffirmaw diversi ftehimiet internazzjonali, ix-xogħlijiet fuq il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja transkonfinali mhumiex qed jiġu kkompletati b'mod ikkoordinat. Dan iwassal biex il-kofinanzjament mill-UE maħsub għall-investimenti fl-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja fl-Istati Membri ma jipprovdix wisq valur miżjud (il-***paragrafi 21 sa 36***).

***Il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba ma ġewx applikati b'mod konsistenti għall-investimenti fl-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja awditjati***

99. Il-kwalità tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet fl-Istati Membri hija baxxa. Is-soluzzjonijiet alternattivi, bħat-titjib fil-linji konvenzjonali eżistenti minflok il-bini ta' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja ġodda, jitqiesu biss b'mod sistematiku fl-Italja u fil-Ġermanja; din hija prattika tajba li jenħtieġ li tiġi segwita b'mod universali. Id-deċiżjonijiet favur il-bini ta' linji ġodda huma nazzjonali u politiċi; rarament ikunu bbażati fuq analiżijiet xierqa tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.

100. L-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja mhix irħisa, u qed issir dejjem aktar għalja: bħala medja, l-ispejjeż tal-linji li awditjajna kienu jammontaw għal EUR 25 miljun għal kull kilometru. Il-kosteffiċjenza hija baxxa. Filwaqt li l-baġit tal-UE mhuwiex soġġett għall-ispejjeż li kienu ogħla milli ppjanat għall-investimenti fil-ferroviji ta' veloċità għolja, billi l-ammont ikkofinanzjat huwa limitat għall-ammont maqbul fil-bidu u kwalunkwe żieda fl-ispejjeż tiġi koperta mill-baġits nazzjonali, l-ispejjeż li kienu ogħla milli ppjanat u d-dewmien fil-kostruzzjoni tal-linji awditjati kienu n-norma, u ladarba l-linji jkunu lesti jgħaddi ħafna żmien qabel dawn jibdew joperaw. L-ispejjeż li kienu ogħla milli ppjanat aggregati kienu ta' EUR 5.7 biljun fil-livell tal-proġetti, u ta' EUR 25.1 biljun fil-livell tal-linji ferrovjarji (44 % u 78 %, rispettivament). Id-dewmien ukoll kien sinifikanti, u għal nofs il-linji dan kien ta' aktar minn għaxar snin. Il-valutazzjoni tagħna tar-rendiment tal-veloċità tindika li s-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja ħafna mhux dejjem ikunu meħtieġa: fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, bħala medja, tintlaħaq biss madwar 45 % tal-veloċità pproġettata. Żewġ linji ferrovjarji ta' veloċità għolja biss joperaw b'veloċitajiet medji ta' aktar minn 200 km/h u ebda waħda ma topera b'veloċità ta' aktar minn 250 km/h. Is-sejbiet tagħna jindikaw li għal 4 mill-10 linji kull minuta tal-ivvjaġġar iffrankata tkun tiswa aktar minn EUR 100 miljun. Jekk l-elementi msemmija hawn fuq jingħataw aktar attenzjoni jistgħu jiġu ffrankati mijiet ta' miljuni ta'

euro, u jiġi żgurat li jsir użu tajjeb mil-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja li jinbnew (il-**_paragrafi 37 sa 57_**).

***Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni għaċ-ċittadini tal-UE tenfasizza l-vantaġġi tal-ferroviji ta' veloċità għolja, filwaqt li s-sostenibbiltà tal-kofinanzjament mill-UE għal dawn il-linji tinsab f'riskju***

101. Il-valutazzjoni tal-ħinijiet tal-ivvjaġġar, tal-prezzijiet u tal-għadd ta' konnessjonijiet tindika li l-ferroviji ta' veloċità għolja għandhom vantaġġi fuq il-kompetituri tagħhom (it-trasport bl-ajru, il-ferroviji konvenzjonali u t-trasport bit-triq). Il-konklużjoni kumplessiva tagħna hija li kemm il-ħin totali tal-ivvjaġġar kif ukoll il-livell tal-prezzijiet huma importanti b'mod ugwali għas-suċċess. Flimkien ma' servizz regolari (ferroviji frekwenti) u affidabbiltà (tluq u wasliet puntwali), dawn il-fatturi jistgħu jippermettu li l-ferroviji ta' veloċità għolja jżidu s-sehem mis-suq tagħhom. L-għadd ta' stazzjonijiet fuq linja ferrovjarja huwa importanti, u l-post tagħhom huwa essenzjali: mhux l-istazzjonijiet kollha awditjati huma faċilment aċċessibbli u għandhom konnessjonijiet tajba, u għal 15 mit-18-il stazzjon ferrovjarju ta' veloċità għolja awditjati ma rajna ebda effett ċar ta' riġenerazzjoni fiż-żona tal-madwar.

102. Aħna nivvalutaw li s-sostenibbiltà tinsab f'riskju: skont il-parametru referenzjarju ta' disa' miljun passiġġier fis-sena, tlieta minn seba' linji kkompletati awditjati ma jistgħux jitqiesu bħala linji ferrovjarji ta' veloċità għolja ta' suċċess (Eje Atlántico, Rhin-Rhône u Madrid-León), minħabba li l-ammont ta' passiġġieri li ġew ittrasportati kien ferm aktar baxx. L-ispiża tal-infrastruttura ta' dawn il-linji kienet ta' EUR 10.6 biljun, li għalihom l-UE pprovdiet madwar EUR 2.7 biljun. Dan ifisser li hemm riskju għoli li l-nfiq għal dawn il-linji taħt il-kofinanzjament mill-UE ma jkunx effettiv, riskju li seta' ġie mmitigat minn valutazzjoni *ex ante* tajba tal-ispejjeż u l-benefiċċji għal-linji individwali.

103. Il-valutazzjoni tagħna tal-għadd ta' persuni li jgħixu fiż-żona ta' attrazzjoni tal-klijentela tal-linji ferrovjarji awditjati tindika li 9 mill-14-il linja u konnessjonijiet transkonfinali awditjati ma kellhomx biżżejjed passiġġieri potenzjali biex ikunu ta' suċċess. Barra minn hekk, il-ferroviji ta' veloċità għolja u mezzi oħra ta' trasport ma jikkompetux b'mod ugwali billi mhux il-mezzi kollha huma soġġetti għall-istess imposti (il-**_paragrafi 58 sa 85_**).

***Għad fadal xi jsir biex l-operazzjonijiet ferrovjarji transkonfinali ta' veloċità għolja jkunu kompetittivi u jiffunzjonaw mingħajr xkiel***

104. Għad hemm ħafna ostakli tekniċi u amministrattivi, kif ukoll ostakli oħra li jxekklu l-interoperabbiltà, minkejja li f'rapport speċjali ppubblikat fl-2010 l-Qorti kienet talbet li tittieħed azzjoni urġenti biex jitneħħew dawn l-ostakli. Is-suq tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri mhuwiex miftuħ fi Franza u fi Spanja, minkejja li hemm kompetizzjoni bejn l-operaturi ferrovjarji fl-Italja u, sa ċertu punt, fl-Awstrija. Fil-Ġermanja, is-suq tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri huwa miftuħ, iżda ma hemmx kompetizzjoni bejn il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja. Bir-regoli attwali, il-ftuħ għall-kompetizzjoni jista' jiġi pospost saħansitra sal-2035. Billi l-kompetizzjoni tippromwovi servizzi aħjar, ferroviji aktar frekwenti u prezzijiet aktar baxxi għall-vjaġġaturi, jenħtieġ li din issir realtà mill-aktar fis possibbli.

105. L-imposti fuq l-aċċess għall-binarji għandhom l-għan li jirkupraw l-ispejjeż preċedenti tal-investiment fl-infrastruttura u tal-operat. Jekk jiġu stabbiliti f'livell li jkun baxx biżżejjed l-operaturi l-ġodda jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq, u b'hekk tiġi inċentivata l-kompetizzjoni bejn l-operaturi ferrovjarji. Madankollu, is-sistemi użati biex jiġu kkalkulati huma kkumplikati wisq, billi jistgħu jiġu applikati diversi varjabbli.

106. Kull Stat Membru għandu jkollu korp regolatorju, li jrid ikun ikkwalifikat, ikollu l-persunal adegwat u jkun indipendenti kemm mill-entità li tistabbilixxi l-imposti kif ukoll mill-gvern. Dan ir-regolatur irid japplika r-regoli b'mod strett biex jiżgura li l-politiki maqbula jiġu rrispettati. Fi tnejn mill-erba' każijiet li vvalutajna, sibna evidenza li r-regolaturi ma jistgħux jeżerċitaw id-dmirijiet statutorji tagħhom. Il-Kummissjoni aġixxiet fuq dawn iż-żewġ każijiet billi niedet proċeduri ta' ksur (il-***paragrafi 86 sa 95***).

| Rakkomandazzjoni 1 – L-ippjanar tan-netwerk ferrovjarju ta’ veloċità għolja fl-UE |
| --- |
| Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fir-rwol superviżorju tagħha, tieħu l-passi li ġejjin:<br><br>1. Abbażi tal-inputs u l-impenji tal-Istati Membri, jenħtieġ li hija tadotta pjan ta’ implimentazzjoni realistiku fuq terminu twil għall-bini tal-bqija tal-infrastruttura meħtieġa biex jiġi kkompletat in-netwerk ferrovjarju ċentrali ta’ veloċità għolja fl-UE. Jenħtieġ li dan l-ippjanar fit-tul ikun ibbażat fuq proġetti ta’ infrastruttura strateġiċi infurzabbli ewlenin fuq in-netwerk ċentrali, b’fokus partikolari fuq is-sezzjonijiet transkonfinali, li jridu jiġu kkompletati sal-2030 biex jipprovdu aktar valur miżjud tal-UE.<br><br>Abbażi tal-pjan strateġiku infurzabbli taħt il-punt 1, jenħtieġ li hija tieħu l-azzjonijiet korrettivi previsti jekk il-proġetti relatati ma’ dawn il-meded prijoritarji ma jibdewx skont l-iskeda taż-żmien maqbula, jekk ikun hemm dewmien, jew jekk jinħolqu problemi ta’ koordinazzjoni tul id-diversi fruntiera li probabbilment se jostakolaw il-bidu tal-operat tal-linja ferrovjarja, hekk kif kien ippjanat.<br><br>**Data mmirata għall-implimentazzjoni:** meta jkunu qed jitħejjew il-proposti leġiżlattivi l-ġodda għat-TEN- T.<br><br>2. Jenħtieġ li hija tgħaqqad il-kofinazjament mill-UE ma’ valutazzjoni tal-ħtieġa għal linji ferrovjarji ta’ veloċità għolja ħafna, u mal-monitoraġġ u s-superviżjoni mill-qrib billi tipprovdi kundizzjonijiet speċifiċi ddefiniti f’deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni dwar il-meded prijoritarji ewlenin. Barra minn hekk, jenħtieġ li jissaħħaħ ir-rwol tal-Koordinaturi Ewropej fil-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni ta’ proġetti transkonfinali kif ukoll il-konnessjoni bejn il-pjanijiet ta’ ħidma tal-kurituri tan-netwerk ċentrali u l-implimentazzjoni tas-CEF.<br><br>**Data mmirata għall-implimentazzjoni**: minnufih. |

**Rakkomandazzjoni 2 – L-appoġġ tal-kofinanzjament mill-UE għall-investimenti fl-infrastrutturi ferrovjarji ta' veloċità għolja**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

1. Tirrevedi r-Regolament dwar it-TEN-T biex ikun jista' jinforza l-implimentazzjoni f'waqtha tan-netwerks infrastrutturali strateġiċi ewlenin imsemmija hawn fuq.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni:** jeħtieġ li x-xogħol jinbeda mill-aktar fis possibbli biex jiġi żgurat li dan jiġi kkompletat sal-2023.

2. Meta tirrevedi r-Regolament dwar it-TEN-T talloka l-appoġġ tal-kofinanzjament mill-UE għal dawn il-proġetti prijoritarji strateġiċi.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni:** immedjatament wara r-reviżjoni tar-Regolament dwar it-TEN-T.

3. Matul il-programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, flimkien mal-Istati Membri, tiffoka l-finanzjament tagħha għal-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja għal dawk il-linji li jagħmlu parti mill-kurituri tan-netwerk ċentrali.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni:** meta jkunu qed jitħejjew il-programmi għall-perjodu ta' wara l-2020.

4. Kemm jista' jkun malajr wara l-ikkompletar tax-xogħlijiet, tagħmel il-kofinanzjament mill-UE kontinġenti fuq l-introduzzjoni ta' kompetizzjoni effettiva bejn l-operaturi ferrovjarji fuq il-linji ferrovjarji ta' veloċità għolja li jkunu qed jiġu appoġġati.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni:** minnufih.

5. Tgħaqqad il-kofinanzjament mill-UE mal-benefiċjarji mhux biss għat-twassil tal-outputs iżda wkoll għall-ksib tar-riżultati mħabbra. Biex jintlaħaq dan l-objettiv, jenħtieġ li hija tiżgura l-introduzzjoni tal-prinċipju ta’ ħlas ta’ perċentwal fiss tal-kofinanzjament mill-UE li jingħata lill-benefiċjarju bħala bonus tal-prestazzjoni, dment li jkun hemm evidenza, permezz ta’ evalwazzjoni *ex-post*, li turi li r-riżultati antiċipati jkunu nqabżu. Jenħtieġ li dan il-bonus jiġi minn riżerva ta’ prestazzjoni, li tkun simili għal dik li attwalment tinsab fil-qafas tal-Politika ta’ koeżjoni.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni:** meta jkunu qed jitħejjew il-proposti leġiżlattivi l-ġodda għall-perjodu ta' wara l-2020.

6. Fir-Regolament dwar is-CEF li jmiss, tilħaq qbil flimkien mal-Istati Membri dwar għodod ta’ infurzar aktar b’saħħithom biex iħaffu l-ikkompletar tal-obbligi attwali li jirriżultaw mir-Regolament dwar it-TEN-T.

Jenħtieġ li dawn l-għodod ta’ infurzar jindirizzaw ukoll is-sitwazzjoni fejn Stat Membru ma jipproponix li l-proġetti ewlenin jiġu avvanzati b’mod f’waqtu bil-ħsieb li jissodisfa l-impenji li jkunu ttieħdu għall-ikkompletar tal-proġetti relatati man-netwerk ċentrali.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni:** meta jkunu qed jitħejjew il-proposti leġiżlattivi l-ġodda dwar ir-Regolament CEF għall-perjodu ta' wara l-2020.

**Rakkomandazzjoni 3 - Is-simplifikazzjoni tal-kostruzzjonijiet transkonfinali**

Biex tissimplifika l-investimenti transkonfinali ewlenin attwali u tal-futur fl-infrastruttura ferrovjarja ta’ veloċità għolja, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

1. Teżamina r-regoli dwar l-akkwist, biex ikollha għażla ta’ qafas legali uniku għal proġetti ta’ infrastruttura transkonfinali ewlenin. Dan jinkludi problemi bħal-lingwa tad-dokumenti tas-sejħiet għall-offerti, il-kuntratti u s-sistemi kontabilistiċi tal-korpi maniġerjali li jimplimentaw il-proġetti, kif ukoll il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim.

2. Toħloq, jew tiffaċilita l-ħolqien ta', "punti uniċi ta' servizz", li huma korpi uniċi li jissimplifikaw id-diversi formalitajiet li jrid ikun hemm konformità magħhom fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera.

3. Taċċellera t-tneħħija tal-ostakli amministrattivi u regolatorji kollha li jxekklu l-interoperabbiltà.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni:** sa nofs l-2019.

**Rakkomandazzjoni 4 – L-azzjonijiet li jtejbu l-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

1. Tipprovdi appoġġ lis-settur ferrovjarju biex b'mod attiv jiġu żviluppati soluzzjonijiet ta' biljetti elettroniċi uniċi, inkluż għall-operazzjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja.

2. Timmonitorja l-Istati Membri biex tiżgura li jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jimplimentaw ir-regoli tal-UE għall-kalkolu tal-imposti fuq l-aċċess għall-binarji b'mod sħiħ u korrett, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu li jikkoordinaw il-mark-ups biex jiffaċilitaw l-operazzjonijiet ferrovjarji transkonfinali ta' veloċità għolja.

3. Fir-rwol superviżorju tagħha, iżżomm lill-Istati Membri responsabbli għall-obbligi tagħhom biex tiggarantixxi li l-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq għall-ferroviji ta' veloċità għolja jiġu ssorveljati minn korpi indipendenti u li l-maniġers tal-infrastruttura jikkoordinaw bejniethom biex jiżguraw l-użu effettiv ottimali ta' dawn ir-rotot.

4. Ittejjeb l-informazzjoni għaċ-ċittadini (i) fir-rigward tad-*data* dwar il-puntwalità, billi tiżviluppa indikaturi speċifiċi għall-ferroviji ta' veloċità għolja u (ii) fuq il-bażi ta' *data* li tkun diġà disponibbli fid-databases tal-Kummissjoni (ERADIS), fir-rigward tal-informazzjoni dwar is-sodisfazzjoni tas-servizz għall-klijenti, billi tiżviluppa qafas u metodoloġija standardizzati ta' rappurtar. Id-*data* u r-riżultati għandhom jiġu disseminati fir-Rapporti tagħha dwar il-Monitoraġġ tas-Suq Ferrovjarju li hija toħroġ kull sentejn.

5. Issaħħaħ il-kompetizzjoni intermodali billi tistabbilixxi prinċipji li jirrikjedu li l-ispejjeż esterni tal-mezzi kollha tat-trasport jiġu kkunsidrati b'mod adegwat, u tippromwovi l-implimentazzjoni tagħhom.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni:** sa tmiem l-2019.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sinjura Iliana IVANOVA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-13 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE

*President*

***ANNESS I***

## Mappa tan-Netwerk Ferrovjarju ta' Veloċità Għolja Ewropew




*Sors:* Il-UIC.

***ANNESS II***

**Stampa ġenerali tal-finanzjament tal-HSR mill-Istati Membri mis-sena 2000 'l hawn u l-modalità ta' ġestjoni tagħhom**

| Stat Membru | Total Kumplessiv | *Total f'%* | Perjodu ta' Programmazzjoni 2000-2006 | | | | Perjodu ta' Programmazzjoni 2007-2013 | | | | Perjodu ta' Programmazzjoni 2014-2020 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ġestjoni Diretta | Ġestjoni Kondiviża | Total | *Total f'%* | Ġestjoni Diretta | Ġestjoni Kondiviża | Total | *Total f'%* | Ġestjoni Diretta | Ġestjoni Konġunta | Total | *Total f'%* |
| Il-Belġju | **95.5** | ***0.4 %*** | 76.0 | - | **76.0** | *0.9 %* | 19.0 | - | **19.0** | *0.2 %* | 0.5 | - | **0.5** | *0.0 %* |
| Il-Bulgarija | **259.4** | ***1.1 %*** | - | - | **-** | - | - | 259.4 | **259.4** | *2.7 %* | - | - | **-** | - |
| Ir-Repubblika Ċeka | **0.3** | ***0.0 %*** | - | - | **-** | - | 0.3 | - | **0.3** | *0.0 %* | - | - | **-** | - |
| Id-Danimarka | **90.4** | ***0.4 %*** | 8.4 | - | **8.4** | *0.1 %* | 82.0 | - | **82.0** | *0.8 %* | - | - | **-** | - |
| Il-Ġermanja | **2 693.9** | ***11.4 %*** | 377.9 | 12.2 | **390.1** | *4.5 %* | 492.3 | 351.8 | **844.1** | *8.6 %* | 1 459.7 | - | **1 459.7** | *27.8 %* |
| Il-Greċja | **1 050.9** | ***4.4 %*** | - | 241.9 | **241.9** | *2.8 %* | 1.0 | 308.3 | **309.3** | *3.2 %* | 499.7 | - | **499.7** | *9.5 %* |
| Spanja | **11 232.2** | ***47.3 %*** | 197.5 | 6 175.8 | **6 373.3** | *73.3 %* | 299.4 | 4 264.3 | **4 563.7** | *46.6 %* | 295.2 | - | **295.2** | *5.6 %* |
| Franza | **2 004.7** | ***8.4 %*** | 252.9 | - | **252.9** | *2.9 %* | 814.7 | 101.6 | **916.3** | *9.4 %* | 835.5 | - | **835.5** | *15.9 %* |
| L-Italja | **2 042.5** | ***8.6 %*** | 195.7 | 241.0 | **436.7** | *5.0 %* | 608.1 | - | **608.1** | *6.2 %* | 997.6 | - | **997.6** | *19.0 %* |
| In-Netherlands | **104.6** | ***0.4 %*** | 98.3 | - | **98.3** | *1.1 %* | 6.3 | - | **6.3** | *0.1 %* | - | - | **-** | - |
| L-Awstrija | **996.6** | ***4.2 %*** | 39.6 | - | **39.6** | *0.5 %* | 308.7 | - | **308.7** | *3.2 %* | 648.3 | - | **648.3** | *12.3 %* |
| Il-Polonja | **1 996.7** | ***8.4 %*** | - | - | **-** | - | 1.9 | 1 710.6 | **1 712.5** | *17.5 %* | - | 284.2 | **284.2** | *5.4 %* |
| Il-Portugall | **917.9** | ***3.9 %*** | 36.3 | 543.2 | **579.4** | *6.7 %* | 43.0 | 102.9 | **145.9** | *1.5 %* | 192.5 | - | **192.5** | *3.7 %* |
| Is-Slovenja | **0.7** | ***0.0 %*** | - | - | **-** | - | 0.7 | - | **0.7** | *0.0 %* | - | - | **-** | - |
| Il-Finlandja | **5.0** | ***0.0 %*** | - | - | **-** | - | 5.0 | - | **5.0** | *0.1 %* | - | - | **-** | - |
| L-Iżvezja | **6.6** | ***0.0 %*** | - | - | **-** | *0.0 %* | 4.6 | 1.9 | **6.6** | *0.1 %* | - | - | **-** | - |
| Ir-Renju Unit | **232.7** | ***1.0 %*** | 185.0 | 8.5 | **193.5** | *2.2 %* | - | - | **-** | - | 39.2 | - | **39.2** | *0.7 %* |
| Mhux attribwibbli | **1.5** | ***0.0 %*** | 1.5 | - | **1.5** | *0.0 %* | - | - | **-** | - | - | - | **-** | - |
| **Total Kumplessiv** | **23 732.1** | ***100.0 %*** | **1 469.2** | **7 222.6** | **8 691.8** | ***100.0 %*** | **2 687.1** | **7 100.8** | **9 787.9** | ***100.0 %*** | **4 968.2** | **284.2** | **5 252.4** | ***100.0 %*** |

*Nota:* Il-valuri f'miljun EUR fi Frar 2018; l-ammonti mħallsa / allokati; l-ammonti għall-proġetti transkonfinali allokati b'mod indaqs bejn l-Istati Membri kkonċernati; biex tkun garantita l-koerenza fit-tabella kollha, id-*data* hija kif ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk, minħabba metodoloġiji differenti, għall-Istati Membri awditjati, dawn jistgħu jvarjaw mill-valuri fit-test tar-Rapport Speċjali; id-*data* teskludi l-appoġġ tal-ERTMS u s-self tal-BEI.
*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea. Il-QEA.

***ANNESS III***

# Analiżi tal-proġetti

| **Passiġġieri (fis-sena) / metru kwadru > 100 u < 200** | **Il-faċilitajiet <u>kollha</u> ta' hawn taħt:**<br>- ristorant / kafetterija<br>- ħwienet<br>- informazzjoni għat-turisti<br>- sala għal-laqgħat ta' negozju | **l-istazzjon tal-HSR jinsab f'post <u>ċentrali</u> (1 km - 5 km)** | **Il-faċilitajiet <u>kollha</u> ta' hawn taħt huma disponibbli:**<br>- trasport urban<br>- stazzjon tat-taksis<br>- parkeġġ (b'anqas minn 10 passiġġieri għal kull post tal-parkeġġ kuljum) | **% ta' ferroviji ta' veloċità għolja li jieqfu fl-istazzjon >75 %** | **L-istazzjon tal-HSR huwa konness ma' <u>mill-inqas tlieta</u> minn dawn il-faċilitajiet li ġejjin:**<br>- stazzjon(ijiet) reġjonali tal-karozzi tal-linja<br>- linji ferrovjarji konvenzjonali<br>- shuttle lejn l-ajruport / ajruport<br>- kiri ta' karozzi | **L-iżvilupp fiż-żona jista' jintrabat mal-kostruzzjoni tal-HSR** | **Numru ta' passiġġieri / persuni fiż-Żona ta' attrazzjoni tal-klijentela 60 min > 75 %** |
| **Passiġġieri (fis-sena) / metru kwadru bejn 50 u 100 jew bejn 200 u 300** | **<u>Mill-inqas tnejn</u> mill-faċilitajiet ta' hawn taħt:**<br>- ristorant / kafetterija<br>- ħwienet<br>- informazzjoni għat-turisti<br>- sala għal-laqgħat ta' negozju | **L-istazzjon tal-HSR jinsab aktar minn 5 km u sa 15-il km 'il bogħod miċ-ċentru urban** | **<u>Mill-inqas tnejn</u> minn dawn il-faċilitajiet ta' hawn taħt huma disponibbli:**<br>- trasport urban<br>- stazzjon tat-taksi<br>- parkeġġ (b'anqas minn 10 passiġġieri għal kull post tal-parkeġġ kuljum) | **% ta' ferroviji ta' veloċità għolja li jieqfu fl-istazzjon >50 %** | **L-istazzjon tal-HSR huwa konness ma' <u>mill-inqas tnejn</u> minn dawn il-faċilitajiet li ġejjin:**<br>- stazzjon(ijiet) reġjonali tal-karozzi tal-linja<br>- linji ferrovjarji konvenzjonali<br>- shuttle lejn l-ajruport / ajruport<br>- kiri ta' karozzi | **L-iżvilupp fiż-żona ma jistax jiġi attribwit għall-kostruzzjoni tal-HSR** | **Numru ta' passiġġieri / persuni fiż-Żona ta' attrazzjoni tal-klijentela 60 min > 25 % u < 75 %** |
| **Passiġġieri (fis-sena) / metru kwadru < 50 jew > 300** | **<u>Mhux aktar minn waħda</u> minn dawn il-faċilitajiet ta' hawn taħt:**<br>- ristorant / kafetterija<br>- ħwienet<br>- informazzjoni għat-turisti<br>- sala għal-laqgħat ta' negozju | **L-istazzjon tal-HSR jinsab <u>aktar minn 15-il km</u> 'il bogħod miċ-ċentru urban** | **Mhux aktar minn <u>waħda</u> minn dawn il-faċilitajiet ta' hawn taħt hija disponibbli:**<br>- trasport urban<br>- stazzjon tat-taksi<br>- parkeġġ (b'anqas minn 10 passiġġieri għal kull post tal-parkeġġ kuljum) | **% ta' ferroviji ta' veloċità għolja li jieqfu fl-istazzjon <50 %** | **L-istazzjon tal-HSR huwa konness ma' <u>waħda</u> minn dawn il-faċilitajiet li ġejjin:**<br>- stazzjon(ijiet) reġjonali tal-karozzi tal-linja<br>- linji ferrovjarji konvenzjonali<br>- shuttle lejn l-ajruport / ajruport<br>- kiri ta' karozzi | **Huwa evidenti li l-kostruzzjoni tal-HSR ma kellha ebda impatt fuq iż-żona** | **Numru ta' passiġġieri / persuni fiż-Żona ta' attrazzjoni tal-klijentela 60 min < 25 %** |

**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**"NETWERK TAL-FERROVIJA TA' VELOĊITÀ KBIRA EWROPEW: MHUX REALTÀ, IŻDA TAĦLITA INEFFETTIVA"**

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

III. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata lejn il-konklużjonijiet u l-miżuri identifikati mill-istrateġija deskritta fil-White Paper tal-2011 u tkompli tressaq u timplimenta l-azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'dan id-dokument. Ir-Regolament tat-TEN-T jipprovdi għal ippjanar strateġiku u ambizzjuż tan-netwerk ferrovjarju minn perspettiva tal-UE li tkopri l-UE kollha. Ir-Regolament tat-TEN-T jikkostitwixxi l-mezz ewlieni strateġiku ta' implimentazzjoni biex jintlaħqu dawn l-objettivi ġenerali.

IV. Ir-Regolament tat-TEN-T jipprovdi għal ippjanar strateġiku minn perspettiva tal-UE li jkopri l-UE sħiħa u jagħti fid-dettall dawk il-partijiet tan-netwerk tal-ferrovija li għandhom jiġu żviluppati skont standards ta' veloċità għolja (HS). Il-Kummissjoni tqis li l-iskadenzi għall-iżvilupp tat-TEN-T stabbiliti fir-Regolament huma vinkolanti u tagħmel li tista' biex tiżgura li l-użu tal-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja kkonċernati jsiru b'mod sinkronizzat u koordinat fl-UE. L-għodda tal-kurituri tan-netwerk ewlieni kienu tfasslu speċifikament biex jimmassimizzaw is-sinerġiji bejn l-isforzi li saru minn Stati Membri differenti u l-maniġers tal-infrastruttura tagħhom. Eventwalment, sal-2030, dawk l-elementi kollha se jkollhom jiġu interkonnessi. Jistgħu jibbenefikaw mill-isforzi li saru mill-Kummissjoni f'oqsma oħra biex tippromwovi l-ftuħ u l-interoperabbiltà tas-suq.

Il-Kummissjoni temmen li l-finanzjament tal-UE jżid il-valur miżjud tal-UE peress li l-konnessjonijiet nieqsa, transfruntiera u l-konġestjonijiet kieku ma jiġux indirizzati jew prijoritizzati b'mod xieraq.

VI. Biex jiġi żgurat li vjaġġi ta' distanza itwal b'ferrovija ta' veloċità għolja jkunu attraenti u kompetittivi b'paragun mal-avjazzjoni, servizzi b'veloċità għolja ħafna huma ta' spiss ekonomikament ġustifikati, b'karatteristiċi differenti għal trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri li huma vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ. Id-*data* dwar il-veloċitajiet medji aktarx li tinbidel ladarba n-netwerk tkun lesta, peress li d-*data* tirrifletti s-servizzi attwali b'netwerk inkomplut.

IX. Id-dispożizzjonijiet inklużi fil-kapitlu tat-trasport tal-Gwida CBA (2014) huma mfassla biex jippermettu analiżi rigoruża u metodoloġikament soda ta' investimenti f'HSR, liema qafas analitiku għal identifikazzjoni u evalwazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji, u l-kalkolu tal-vijabbiltà soċjoekonomika, mhux differenti minn kwalunkwe investimenti oħra fit-trasport. Jenħtieġ li l-fatturi enfasizzati mill-QEA jkunu evalwati ma' objettivi ta' politika usa', bħat-tħeġġiġ ta' bidla modali b'mod partikolari biex tindirizza t-tibdil fil-klima u l-kwalità tal-arja lokali.

L-inklużjoni ta' volumi minimi ta' passiġġieri tista' tipprevjeni minn qabel soluzzjonijiet ta' proġetti li jistgħu jkunu rilevanti fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' żvilupp territorjali tagħhom.

Għaldaqstant, jenħtieġ li gwida li tiffoka fuq ir-rekwiżiti ewlenin għal CBA fil-livell tal-UE tkun flessibbli biżżejjed li tippermetti karatteristiċi speċifiċi għall-pajjiż, għas-settur u għall-proġetti jitqiesu fl-evalwazzjoni tal-proġetti abbażi ta' każ b'każ.

X. Ir-raba' pakkett ferrovjarju, adottat fl-2016, jipprevedi t-tneħħija tal-ostakoli għall-interoperabbiltà, u b'hekk isaħħaħ is-sikurezza u l-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-ferroviji tal-passiġġieri. Dawn se jiġu implimentati sa mill-bidu tal-2019, b'ċerti perjodi ta' tranżizzjoni.

Minħabba l-fatt li huma infrastrutturi ġodda mibnija bi standards moderni u mill-bidu nett imfassla għat-traffiku internazzjonali, hemm ħafna inqas ostakli għall-interoperabbiltà fuq rotot ta' veloċità għolja fuq in-netwerk storika.

XI.

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għar-rakkomandazzjoni 1.

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għar-rakkomandazzjoni 2.

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għar-rakkomandazzjoni 3.

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għar-rakkomandazzjoni 4.

**OSSERVAZZJONIJIET**

23. Ir-Regolament tat-TEN-T jipprovdi għal ippjanar strateġiku u ambizzjuż tan-netwerk ferrovjarju minn perspettiva tal-UE li jkopri l-UE sħiħa, u jagħti fid-dettall dawk il-partijiet tan-netwerk li għandhom jiġu żviluppati skont standards ta' veloċità għolja. Linji ferrovjarji b'veloċità għolja huma ddefiniti fir-Regolament tat-TEN-T, ara l-punt (a) tal-Art. 11.2.

26. Il-Kummissjoni mhijiex involuta direttament fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni fl-Istati Membri.

Madankollu, ir-Regolament tat-TEN-T isarraf l-istrateġija żviluppata mill-Kummissjoni fil-White Paper 2011 f'objettivi konkreti, miri speċifiċi u miżuri xierqa.

Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-politika tal-infrastruttura tal-UE għat-trasport u l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni għall-UE.

Sett ta' għodda definit fir-Regolamenti tat-TEN-T u s-CEF – b'mod partikolari l-kurituri tan-netwerk – jippermetti lill-Kummissjoni li tivverifika li l-Istati Membri jikkonformaw mal-impenji tagħhom skont ir-Regolamenti u tieħu azzjoni fejn meħtieġ.

Koordinaturi Ewropej jirrilaxxaw pjanijiet ta' ħidma fuq in-netwerk ewlieni, li jenfasizzaw l-isfidi prinċipali u jsegwu l-progress li jkun sar. Dawk il-pjanijiet ta' ħidma jiġu approvati mill-Istati Membri kkonċernati u jkunu disponibbli għall-pubbliku.

Barra minn hekk, ir-regolament tat-TEN-T jipprevedi l-possibbiltà għall-Kummissjoni li tadotta deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni dwar sezzjonijiet transfruntiera speċifiċi (pereżempju Evora-Merida, Rail Baltica, eċċ). Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 31.

Il-Kummissjoni tqis li l-iskadenza tal-2030 għat-tlestija tat-TEN-T ewlieni hija vinkolanti għalkemm tiddependi fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji fl-Istati Membri.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni saħħet il-qafas tal-ippjanar tal-Istati Membri u r-reġjuni għal investimenti fit-trasport, inkluż ferrovija ta' veloċità għolja. L-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni għal investimenti bħal dawn kien soġġett għall-kundizzjoni li jkun hemm strateġija/i jew qafas/oqfsa komprensiva/i li jiżguraw sigurtà ta' ppjanar għall-partijiet interessati kollha: l-UE, dawk nazzjonali u privati. Il-Kummissjoni pproponiet li żżomm kundizzjonijiet ta' faċilitazzjoni għall-perjodu 2021-27.

31. Il-Kummissjoni tindika li għodod ta' koordinazzjoni għal sezzjonijiet transfruntiera diġà jeżistu fil-qafas tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali:

1) Skont ir-regolament tat-TEN-T, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni għal proġetti transfruntiera. Dan sar għall-ewwel darba b'deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar il-proġett ta' Evora-Merida adottata fil-25 ta' April 2018.

2) Fir-rigward ta' elementi tekniċi u l-interoperabbiltà, il-Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni għall-ERTMS (IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/6) jistabbilixxi ftehim transfruntier dwar l-ERTMS.

**Kaxxa 1 – Netwerks nazzjonali konnessi ħażin, u l-impatt tagħhom**

1. Skont l-informazzjoni disponibbli u l-valutazzjoni tagħha stess, il-Kummissjoni temmen li jenħtieġ li r-rotot ta' aċċess isiru operazzjonali gradwalment bejn l-2027 u l-2040.

Skont informazzjoni li waslet mingħand l-awtoritajiet responsabbli għall-kostruzzjoni ta' rotot ta' aċċess fit-Tramuntana huwa attwalment previst li r-rotot ta' aċċess jitlestew gradwalment. Dan għandu l-potenzjal li jindirizza ż-żidiet fil-kapaċità futuri. Sal-2027, il-linja ferrovjarja ta' binarju doppju eżistenti bejn Munich u Kufstein se tkun mgħammra b'ECTS f'konformità mar-regolament tat-TEN-T. Sal-2032 l-aġġornament għal binarju ta' erbgħa tas-sezzjoni Schaftenau-Radfeld (AT) għandu jsir operazzjonali u sal-2038 l-aġġornament għal binarju ta' erbgħa bejn Schaftenau (AT) fit-Tramuntana ta' Rosenheim (DE). Il-parti li jifdal minn Großkarolinenfeld għal München-Trudering (DE) se ssir operazzjonali sal-2040.

34.

(i) Il-kwistjoni tal-qafas tal-akkwist ġiet indirizzata fil-kuntest tal-proposta għal miżuri ta' razzjonalizzazzjoni għall-avvanz tar-realizzazzjoni tat-TEN-T (Smart TEN-T) adottata mill-Kummissjoni fis-17 ta' Mejju 2018.

Barra minn hekk, proposta għal regolament dwar mekkaniżmu biex jissolvew ostakoli leġiżlattivi u amministrattivi f'kuntest transfruntier - applikabbli għas-setturi kollha - ġiet proposta fid-29 ta' Mejju 2018, biex tippermetti l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed li għandu jiġi applikat fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera permezz ta' sett uniku ta' regoli.

(ii) Il-proposta għal regolament dwar miżuri ta' razzjonalizzazzjoni għall-avvanz tar-realizzazzjoni tat-TEN-T tinkludi obbligu għall-Istati Membri biex jistabbilixxu awtoritajiet kompetenti uniċi għall-koordinazzjoni tal-proċeduri tal-ħruġ ta' permessi għal proġetti tan-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T.

36. Għall-QFP li jmiss, il-Kummissjoni biħsiebha tiżviluppa fil-kuntest tal-proposta CEF 2021-27 għal sett ġdid ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin li jkopri wkoll r-riżultati u l-impatti.

Fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni, huma assenjati objettivi ġenerali għal kull programm, bl-indikaturi tar-riżultat. Il-kundizzjonijiet prerekwiżiti għall-implimentazzjoni jinkludu kundizzjonijiet faċilitanti marbuta mal-konformità ta' pjanijiet ta' strateġija nazzjonali mal-objettivi ta' politika tal-UE fil-qasam tat-trasport, notevolment dwar it-TEN-T kif ukoll il-mobbiltà urbana/lokali. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri, meta jkunu qed jagħżlu u jimplimentaw il-proġetti eliġibbli, li jiżguraw li dawn tal-aħħar effettivament jippermettu li jinkisbu l-objettivi kkonsolidati tal-programmi, u jipprovdu rappurtar adegwat lill-Kummissjoni. Proġetti ferrovjarji jiġu offruti u l-kuntratti akkwistati normalment jinvolvu dispożizzjonijiet fir-rigward tat-twassil f'waqtu u r-riżultati, b'mekkaniżmi ta' sanzjoni korrispondenti. Dawn il-kuntratti huma ġestiti taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kontraenti / benefiċjarji kkonċernati.

Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 37 sa 44:

Biex jiġi żgurat li vjaġġi ta' distanza itwal b'ferrovija ta' veloċità għolja jkunu attraenti u kompetittivi b'paragun mal-avjazzjoni, servizzi b'veloċità għolja ħafna huma ta' spiss mitluba li jespandu l-firxa ta' kompetittività b'paragun mat-trasport tal-ajru minn 600 km għal 8-900 km. Id-*data* fuq il-veloċitajiet medji x'aktarx tinbidel ġaladarba n-netwerk titlesta, minħabba li d-*data* tirrifletti servizzi attwali b'netwerk mhux lest.

Il-veloċità attwali fuq linji ta' veloċità għolja (HSL) hija definita permezz ta' għadd ta' waqfiet (parametru idealment influwenzat mis-suq minflok mill-ippjanar) u tas-sistema ta' sinjalazzjoni (jekk il-vetturi ferrovjarji HS jkunu disponibbli).

Madankollu, l-adozzjoni ta' sistema ta' sinjalazzjoni tal-UE tikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni ta' żidiet sinifikanti kemm ta' veloċità u kapaċità kummerċjali. L-iskjerament gradwali tal-Livell 2 tal-

ERTMS u fil-futur qarib tal-Livell 3 (li jistgħu jiġu skjerati fuq linji eżistenti) se jikkontribwixxi għat-titjib taż-żewġ fatturi.

51. Il-Kummissjoni temmen li d-dispożizzjonijiet inklużi fil-kapitlu tat-trasport tal-Gwida CBA (2014) huma mfassla biex jippermettu analiżi rigoruża u metodoloġikament soda ta' investimenti f'HSR, liema qafas analitiku għal identifikazzjoni u evalwazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji, u l-kalkolu tal-vijabbiltà soċjoekonomika, mhux differenti minn kwalunkwe investimenti oħra fit-trasport. Jenħtieġ li l-fatturi enfasizzati mill-QEA jkunu evalwati ma' objettivi ta' politika usa', bħat-tħeġġiġ ta' bidla modali b'mod partikolari biex tindirizza t-tibdil fil-klima u l-kwalità tal-arja lokali.

65. Permezz ta' kofinanzjament offrut minn Shift2Rail, il-Kummissjoni qed tappoġġa finanzjarjament żviluppi tekniċi fuq ħruġ ta' biljetti tal-ferrovija inkluża ta' veloċità għolja. Il-Kummissjoni tqis li, b'mod simili għal kif evolva fis-settur tal-ajru, jenħtieġ li l-qasam tal-ferrovija ta' veloċità għolja tiżviluppa biljetti elettroniċi. Għax permezz tal-biljetti elettroniċi, il-linji tal-ajru żviluppaw approċċ ibbażat fuq is-settur abbażi ta' alleanzi li huma arranġamenti kummerċjali. Ma hemm ebda biljetti globali għal operaturi li mhumiex parti minn dawn l-alleanzi. Fil-qasam ferrovjarju, hemm għadd li qed jikber ta' inizjattivi settorjali, bħal "Trainline", li jippermettu kemm biljettar elettroniku u vjaġġi li jinvolvu iktar minn operatur wieħed.

Il-Kummissjoni pproponiet leġiżlazzjoni f'dan il-qasam fir-raba' pakkett ferrovjarju, iżda l-Kunsill ipprefera li s-soluzzjoni titħalla f'idejn is-settur. Il-Kummissjoni trid tirrapporta fuq soluzzjonijiet għas-settur kollu sal-2022 u tista', wara dan, tieħu azzjoni.

67. Il-Kummissjoni ta' spiss timmonitorja d-*data* ta' puntwalità tas-servizzi ferrovjarji fl-Istati Membri u definizzjoni miftiehma b'mod komuni ta' puntwalità teżisti bħala parti mir-RMMS sa mill-2017. Il-Kummissjoni tiġbor *data* kull sena fil-livell nazzjonali għal żewġ kategoriji ta' ferroviji tal-passiġġieri: "Servizzi suburbani u reġjonali" u "Servizzi fuq distanza twila u b'veloċità għolja konvenzjonali". Il-puntwalità ta' servizzi ta' veloċità għolja mhix immonitorjata separatament. Id-*data* tiġi ppubblikata fir-Rapporti ta' Monitoraġġ tas-Suq Ferrovjarju biennali tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ma timmonitorjax is-sodisfazzjon tal-konsumaturi b'mod aktar frekwenti peress li dan huwa kumpless ħafna minħabba l-varjetà ta' servizzi offruti fl-Istati Membri. Madankollu, xi Stati Membri huma attivi ħafna fil-monitoraġġ tas-sodisfazzjon tal-klijent meta dan jibnuh fil-kuntratti ta' Obbligi ta' Servizz Pubbliku (OSP) tagħhom.

79. Il-Kummissjoni temmen li d-dispożizzjonijiet tas-CBA tal-2014 inklużi fil-kapitlu tat-trasport tal-Gwida CBA jippermettu analiżi rigoruża u metodoloġikament soda ta' investimenti f'HSR, liema qafas analitiku għal identifikazzjoni u evalwazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji, u l-kalkolu tal-vijabbiltà soċjoekonomika, mhux differenti minn kwalunkwe investimenti oħra fit-trasport.

L-inklużjoni ta' parametri / *data* kwantitattivi fissi li magħhom irid ikun hemm konformità (eż. volumi minimi ta' passiġġieri) jista' jipprevjeni minn qabel soluzzjonijiet ta' proġetti li jistgħu jkunu rilevanti fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' żvilupp territorjali tagħhom.

Għaldaqstant, jenħtieġ li gwida li tiffoka fuq ir-rekwiżiti ewlenin għal CBA fil-livell tal-UE tkun flessibbli biżżejjed li tippermetti karatteristiċi speċifiċi għall-pajjiż, għas-settur u għall-proġetti jitqiesu fl-evalwazzjoni tal-proġetti abbażi ta' każ b'każ.

85. Fl-2017, il-Kummissjoni pproponiet il-pakkett "L-Ewropa attiva" inkluż miżura skont il-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u ta' "min juża jħallas", bħalma huma taxxi għall-użu tat-toroq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet sensiela ta' proposti biex tillimita l-emissjonijiet mit-trasport u tipprovdi inċentivi għal bidla modali u d-dekarbonizzazzjoni speċjalment fis-settur tat-toroq.

Barra minn hekk, fl-2017 il-Kummissjoni nediet studju komprensiv dwar l-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni-bil-għan li jiġi vvalutat il-punt sa fejn il-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u ta' "min juża jħallas" huma implimentati fil-pajjiżi tal-UE fil-modi kollha, u bħala kontribut għad-dibattitu ta' politika rilevanti. L-istudju sħiħ se jkun disponibbli kmieni fis-sena 2019.

Studju ieħor imsejjaħ "Studju ta' analiżi tal-piż tat-tassazzjoni u imposti fuq it-trasport" (disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ MOVE) ġabar informazzjoni dwar it-taxxi u l-imposti, kif ukoll is-sussidji, dwar 20 rotta rappreżentattiva magħżula b'attenzjoni għall-modi kollha ta' trasport.

**Kaxxa 3 – L-impatt għall-vjaġġaturi meta ma jkunx hemm vjaġġar mingħajr interruzzjoni ta' ferroviji li jaqsmu l-fruntieri**

**1. L-interoperabbiltà nieqsa fuq il-medda bejn Munich u Verona tikkawża waqfa u dewmien fi stazzjon ta' Brenner**

Il-Kummissjoni taqsam it-tħassib tal-QEA dwar l-interoperabbiltà, u qed taħdem sabiex issolvi dawn il-kwistjonijiet. Bħalissa għaddej it-"tindif" tal-ostakolu kbir impost minn iktar minn 11 000 regolament nazzjonali mill-ERA, grazzi għad-dispożizzjonijiet tar-IV pakkett Ferrovjarju. B'mod separat approċċ proattiv tul il-kurituri fuq ir-Rekord tal-Kwistjonijiet beda jimxi fl-istess direzzjoni, u wara l-identifikazzjoni u l-karatterizzazzjoni tar-regoli, nistennew li ħafna minnhom jiġu eliminati jew armonizzati fil-livell Ewropew, iżda dan ix-xogħol se jieħu għadd ta' snin biex jitlesta.

Madankollu, dawn l-ostakoli f'ħafna każijiet ma jaffettwawx linji ta' veloċità għolja (l-ebda ferrovija HS ma tieqaf fil-fruntieri bejn BE, FR, DE, NL, UK).

It-tielet inċiż: Fuq il-kwistjoni tal-lingwa ta' ħidma, il-Kummissjoni pproponiet lingwaġġ ferrovjarju komuni biex jiġi evalwat fil-Valutazzjoni tal-Impatt tad-Direttiva tas-Sewwieqa tal-Ferrovija riveduta (is-settur talab għal CBA biex tiġi identifikata l-lingwa), anki jekk kemm operazzjonalment kif ukoll politikament l-adozzjoni ta' lingwa waħda mhix realistika. Għadd ta' għażliet biex tiġi indirizzata l-kwistjoni xorta waħda huma issa taħt investigazzjoni (vokabularji fil-miri definiti, għodod tal-IT, eċċ), u l-Kummissjoni se tipproponi bidla tal-bażi legali biex tippermetti testijiet pilota ta' dawn.

**2. Il-konnessjonijiet neqsin fl-infrastruttura bejn Franza u Spanja (ir-rotta transfruntiera tal-Atlantiku) jobbligaw lill-passiġġieri li jibdlu l-ferroviji u l-pjattaformi**

Il-Kummissjoni taqbel mat-tħassib espress mill-QEA. Sadanittant, Franza hija impenjata lejn it-titjib tal-linja eżistenti sabiex tiżdied il-kapaċità tagħha u tneħħi l-konġestjoni f'Hendaye. Il-Kummissjoni kif ukoll il-Koordinatur Ewropew qed isegwu dawn l-iżviluppi.

90. L-introduzzjoni u l-livell tal-mark-ups jiddependu fuq ir-rieda u l-ħila tal-Istati Membri biex ikopru l-lakuni bejn il-kostijiet diretti u l-kostijiet totali tal-infrastruttura.

91. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/909 tat-12 ta' Ġunju 2015 dwar il-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju jistabbilixxi tliet metodoloġiji ta' kalkolu.

Huwa minnu li t-tliet metodoloġiji jirriżultaw f'livelli kemxejn differenti ta' imposti. Peress li l-imposti huma ddeterminati minn bosta fatturi li jinkludu mhux biss tkagħbir mill-użu, iżda wkoll l-istat eżistenti tal-infrastruttura u l-użu ta' mark-ups, huwa ċar li ma hemm ebda possibbiltà ta' imposta l-istess għal kulħadd fl-UE għal servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja. Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 90.

92.

(i) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li n-netwerk ferrovjarju b'veloċità għolja Franċiża tinsab fi bżonn konsiderevoli ta' manutenzjoni u aġġornament, u fejn qabel kien b'lura f'investimenti ta'

manutenzjoni, il-kostijiet attwali għall-manutenzjoni tan-netwerk huma ogħla. Fejn kostijiet bħal dawn ma jkunux jistgħu jintlaħqu mil-livell ta' sussidji mill-Istat riċevuti mill-amministratur tal-infrastruttura, dawn jistgħu biss jiġu mgħoddija lill-operatur fil-forma mhux biss tal-kostijiet diretti iżda wkoll l-mark-ups, peress li l-amministratur tal-infrastruttura ma għandu ebda forma oħra ta' dħul.

(ii) Il-Kummissjoni tindika li l-korp regolatorju naqqas l-imposta peress li kienet qed tfixkel l-operazzjonijiet tal-kompetitur. Is-sitwazzjoni għall-vjaġġaturi ittejbet permezz tal-eżistenza ta' kompetizzjoni effettiva fuq il-linji ta' veloċità għolja, u b'hekk tnaqqas it-tariffi taż-żewġ operaturi.

93. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 95.

95. Il-Kummissjoni tikkonferma li hi tissorvelja s-sistema sa fejn tiżgura li l-korpi regolatorji (KR) huma fis-seħħ, u tivverifika li dawn għandhom ir-riżorsi b'mod xieraq. Ir-riżorsi jiddependu mid-daqs tal-pajjiż u l-grad ta' ftuħ tas-suq. Il-Kummissjoni tfakkar li l-KR dwar id-dmir tagħhom li jaġixxu, jew *ex officio* jew abbażi ta' lment, kull meta hija tqis li ma tteħditx azzjoni adegwata. Il-KR għandhom irwol ċar li japprovaw l-iskema tal-imposti u jiżguraw li hija applikata b'mod mhux diskriminatorju.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

97. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata lejn il-konklużjonijiet u l-miżuri identifikati mill-istrateġija deskritta fil-White Paper tal-2011 u tkompli tressaq u timplimenta l-azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'dan id-dokument. Ir-Regolament tat-TEN-T adottat mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistabbilixxi objettivi, miri u miżuri konkreti li jissarrfu mill-istrateġija fil-White Paper tal-Kummissjoni tal-2011.

98. Ir-Regolament tat-TEN-T jistabbilixxi objettivi, miri u miżuri konkreti li jissarrfu mill-istrateġija fil-White Paper tal-Kummissjoni tal-2011.

Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-politika tal-infrastruttura tal-UE għat-trasport u l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni għall-UE. Jistabbilixxi l-qalba u n-netwerk komprensiva u fir-rigward tan-netwerk ferrovjarja ta' veloċità għolja jiddefinixxi fejn jeħtieġ li jiġu skjerati b'miri assoċjati u skeda ta' żmien (2030 għall-qalba, u 2050 għan-netwerk komprensiv), li l-Kummissjoni tqis bħala vinkolanti għalkemm tiddependi fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji fl-Istati Membri.

Filwaqt li l-Kummissjoni hija tabilħaqq mhix involuta direttament fit-teħid ta' deċiżjoni fl-Istati Membri, l-għodod definiti fir-Regolamenti tat-TEN-T u s-CEF jippermettu lill-Kummissjoni li tivverifika li l-Istati Membri jikkonformaw mal-impenji tagħhom skont ir-Regolamenti – b'mod partikolari l-kurituri tan-netwerk ewlenin – u tieħu azzjoni fejn meħtieġ.

102. Id-dispożizzjonijiet inklużi fil-kapitlu tat-trasport tal-Gwida CBA (2014) huma mfassla biex jippermettu analiżi rigoruża u metodoloġikament soda ta' investimenti f'HSR, liema qafas analitiku għal identifikazzjoni u evalwazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji, u l-kalkolu tal-vijabbiltà soċjoekonomika, mhux differenti minn kwalunkwe investimenti oħra fit-trasport. Jenħtieġ li l-fatturi enfasizzati mill-Qorti jkunu evalwati ma' objettivi ta' politika usa', bħat-tħeġġiġ ta' bidla modali b'mod partikolari biex tindirizza t-tibdil fil-klima u l-kwalità tal-arja lokali.

L-inklużjoni ta' volumi minimi ta' passiġġieri jista' jipprevjeni minn qabel soluzzjonijiet ta' proġetti li jistgħu jkunu rilevanti fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' żvilupp territorjali tagħhom.

Għaldaqstant, jenħtieġ li gwida li tiffoka fuq ir-rekwiżiti ewlenin għal CBA fil-livell tal-UE tkun flessibbli biżżejjed li tippermetti karatteristiċi speċifiċi għall-pajjiż, għas-settur u għall-proġetti jitqiesu fl-evalwazzjoni tal-proġetti abbażi ta' każ b'każ.

103. Fl-2017 il-Kummissjoni nediet studju komprensiv dwar l-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni-bil-għan li jiġi vvalutat il-punt sa fejn il-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u ta' "min juża jħallas" huma implimentati fil-pajjiżi tal-UE fil-modi kollha, u bħala kontribut għad-dibattitu ta' politika rilevanti.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 85.

104. Ir-raba' pakkett ferrovjarju, adottat fl-2016, jipprevedi tneħħija tal-ostakoli għall-interoperabbiltà, u b'hekk isaħħaħ is-sikurezza u l-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-ferroviji tal-passiġġieri. Se jidħol fis-seħħ għal servizzi kummerċjali b'Veloċità Għolja mill-2019.

Minħabba l-fatt li huma infrastrutturi ġodda mibnija bi standards moderni u mill-bidu nett imfassla għat-traffiku internazzjonali, hemm ħafna inqas ostakli għall-interoperabbiltà fuq rotot ta' veloċità għolja fuq in-netwerk storika. Dawk ewlenin li jifdal jirriżultaw minn sistemi ta' sinjali differenti, li se jkunu indirizzati permezz tal-introduzzjoni progressiva tal-linja bażi 3 tal-ERTMS u l-eliminazzjoni ta' sistemi ta' "klassi B" (jiġifieri legat nazzjonali), u differenzi fil-vultaġġ (25 kV jew 15 kV), li faċilment jistgħu jiġu indirizzati b'soluzzjonijiet tekniċi.

105. Filwaqt li jeħtieġu jkunu f'livell raġonevoli, l-imposti jridu jkunu stabbiliti għal mill-inqas fil-livell ta' kostijiet diretti biex jiġu koperti l-kostijiet tal-vjaġġ tal-ferrovija. L-eżistenza u l-livell ta' mark-ups lil hinn mill-kostijiet diretti jiddependu mill-kapaċità u r-rieda tal-Istati Membri li jipprovdu sussidji għal amministratturi tal-infrastruttura.

**Rakkomandazzjoni 1 – L-ippjanar ta' netwerk ferrovjarja b'veloċità għolja tal-UE**

1. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-pjanijiet ta' ħidma tal-kurituri tan-netwerk ewlenin rispettivi se jiddefinixxu l-proġetti ewlenin ta' prijorità li għandhom jiġu implimentati fl-ewwel lok. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li n-netwerk ewlieni isir realtà sal-2030 kif previst mir-Regolament tat-TEN-T.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipprevedi t-tnedija dalwaqt ta' rieżami tal-politika tat-TEN-T, skont l-Artikolu 54 tar-Regolament tat-TEN-T (Nru 1315/2013). F'dan il-qafas, il-Kummissjoni se tiżgura evalwazzjoni tajba tan-netwerk ferrovjarja ta' veloċità għolja tat-TEN-T. Fost l-oħrajn, dan għandu jkopri aspetti bħalma huma l-vijabbiltà soċjoekonomika ta' konnessjonijiet jew l-interrelazzjoni bejn l-infrastruttura u l-forniment tas-servizzi permezz ta' enfasi dejjem tikber fuq il-KPI relatat mas-servizzi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tippromwovi l-użu ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni għal proġetti transfruntiera sabiex tiżgura monitoraġġ eqreb tal-proġetti.

2. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni parzjalment. Filwaqt li taqbel fil-prinċipju, il-Kummissjoni ma tistax timplimenta din l-azzjoni b'effett immedjat. Se tibda l-azzjoni malajr kemm jista' jkun u ssegwiha filwaqt li tipprepara l-proposta leġiżlattiva l-ġdida għat-TEN-T.

Fil-kuntest tas-CEF għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ ir-rabta bejn il-pjanijiet ta' ħidma għall-kuritur tan-netwerk ewlieni tal-Koordinaturi Ewropej u l-implimentazzjoni tas-CEF.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tippromwovi l-użu ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni għal proġetti transfruntiera sabiex tiżgura monitoraġġ eqreb tal-proġetti.

Għall-Fondi ta' Koeżjoni u s-sostenn tal-FEŻR fil-perjodu wara l-2020, l-eżistenza ta' ppjanar komprensiv tat-trasport fil-livell xieraq huwa propost bħala kundizzjoni abilitanti. Dawn il-pjanijiet iridu jipprovdu għall-valutazzjoni ta' linji ta' veloċità għolja, fejn rilevanti.

Barra minn hekk, hemm sinerġija u komplementarjetà msaħħa bejn dawn il-Fondi u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li se tiffoka b'mod partikolari fuq in-"netwerk ewlieni" waqt li l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni se jipprovdu wkoll appoġġ għan-"netwerk komprensiv".

**Rakkomandazzjoni 2 – Appoġġ ta' kofinanzjament mill-UE għal investimenti f'infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja**

1. Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

2. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni fis-sustanza. Hija madankollu mingħajr preġudizzju lejn l-eżitu tar-reviżjoni tar-Regolament tat-TEN-T.

3. Sa fejn tolqot lilha, il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

4. Il-Kummissjoni taċċetta parzjalment din ir-rakkomandazzjoni, kif spjegat hawn taħt.

Għal Fondi ta' Koeżjoni u l-appoġġ tal-FEŻR fil-perjodu wara l-2020, il-Kummissjoni parzjalment taċċetta r-rakkomandazzjoni. L-eżistenza ta' ppjanar komprensiv tat-trasport fil-livell xieraq huwa propost bħala kundizzjoni abilitanti. Il-Kummissjoni pproponiet li l-pjanijiet ta' trasport iqisu l-impatt antiċipat ta' liberalizzazzjoni tat-trasport ferrovjarju.

Fir-rigward tas-CEF, il-Kummissjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjoni peress li r-raba' pakkett ferrovjarju jimponi obbligi fuq l-Istati Membri filwaqt li l-finanzjament tas-CEF japplika għat-tipi kollha ta' benefiċjarji. Għaldaqstant, ma jkunx effettiv li tiġi applikata kundizzjonalità peress li l-benefiċjarji tas-CEF ma jkunux responsabbli għall-introduzzjoni ta' kompetizzjoni fuq il-proġetti ta' infrastruttura appoġġati.

5. Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Peress li r-riżultati ta' interventi bħal dawn mhumiex immedjati wara t-tlestija tal-proġett iżda huwa meħtieġ ċerta firza ta' żmien, ikun diffiċli li jinżamm l-"bonus ta' prestazzjoni" għal żborż eventwali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-prestazzjoni tiddependi fuq fatturi lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarji.

Mingħajr ma torbot il-finanzjament tal-UE mat-twassil ta' riżultati mill-benefiċjarji, il-Kummissjoni madankollu biħsiebha tiżviluppa fil-kuntest tal-proposta CEF 2021-27, sett ġdid ta' indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin li jkopri wkoll r-riżultati u l-impatti.

Fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni, huma assenjati objettivi ġenerali għal kull programm, bl-indikaturi tar-riżultat. Għaldaqstant hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri, meta jkunu qed jagħżlu u jimplimentaw il-proġetti eliġibbli, li jiżguraw li dawn tal-aħħar effettivament jippermettu li jinkisbu l-objettivi kkonsolidati tal-programmi. Proġetti ferrovjarji jiġu offruti u l-kuntratti akkwistati normalment jinvolvu dispożizzjonijiet fir-rigward tat-twassil f'waqtu u, eżiti u riżultati, b'mekkaniżmi ta' sanzjoni korrispondenti. Dawn il-kuntratti huma ġestiti taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kontraenti / benefiċjarji kkonċernati. Il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) il-ġdid ma tipprevedix bonus ta' prestazzjoni fil-livell tal-benefiċjarji.

6. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u se timplimentaha billi tiżgura rabtiet aktar b'saħħithom bejn il-finanzjament tas-CEF, il-pjanijiet ta' ħidma tal-kurituri u d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 3 - Simplifikazzjoni tal-kostruzzjonijiet transfruntiera**

1. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-proposta għal regolament dwar miżuri ta' razzjonalizzazzjoni għall-avvanz tar-realizzazzjoni tat-TEN-T, adottati bħala parti mit-tielet Pakkett dwar il-Mobbiltà, tippreżenta r-rekwiżit li japplikaw

qafas wieħed biss tal-akkwist pubbliku għal proġetti transfruntiera li huma żviluppati minn entità waħda.

Strument legali li jippermetti l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera għandha tissimplifika b'mod sinifikanti l-operazzjonijiet transfruntiera. Proġetti transfruntiera jistgħu jitwettqu bl-użu ta' sett uniku ta' regoli. Mekkaniżmu bħal dan huwa parti mill-proposta tal-pakkett ta' koeżjoni ta' wara l-2020 adottata fid-29 ta' Mejju 2018.

2. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni taċċetta rwol ta' faċilitazzjoni għal din ir-rakkomandazzjoni peress li l-ħolqien ta' punti uniċi ta' servizz (one-stop shops) jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Il-proposta dwar is-Smart TEN-T, adottata bħala parti tat-tielet Pakkett dwar il-Mobbiltà, se tintroduċi rekwiżit għall-Istati Membri li jistabbilixxu awtorità kompetenti unika biex tikkontrolla l-proċeduri għall-għoti tal-permessi integrati applikabbli għall-proġetti ewlenin tat-TEN-T.

Il-Punt Fokali tal-Fruntiera jista' jagħmel disponibbli l-prassi tajba u jipprovdi parir espert, fejn dan ikun possibbli.

Il-Punt Fokali tal-Fruntiera kienet stabbilita fis-servizzi tal-Kummissjoni u huwa magħmul minn esperti tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet transfruntiera, li joffru pariri lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, billi jiġbru u jaqsmu prattiki tajba permezz tal-ħolqien ta' netwerk ġdida online fl-UE kollha. Din il-pjattaforma hija maħsuba għal partijiet ikkonċernati biex ikollhom post fejn jaqsmu l-esperjenzi, u jiddiskutu soluzzjonijiet u ideat biex jegħlbu ostakoli tal-fruntieri.

Din l-inizjattiva hija parti minn strateġija usa' ta' Komunikazzjoni, adottata fl-20.9.2017, dwar "Insaħħu t-Tkabbir u l-Koeżjoni f'Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE" ("Boosting growth and cohesion in EU border regions"), b'sett ta' azzjonijiet ġodda u lista ta' inizjattivi li għaddejjin bħalissa, biex jgħinu lir-reġjuni tal-fruntiera tal-UE jikbru aktar malajr u dejjem eqreb. Hija msemmija wkoll fir-regolament dwar mekkaniżmu biex isolvi ostakli leġiżlattivi u amministrattivi f'kuntest transfruntiera adottat mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2018.

3. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-pjan Ewropew għall-mobilitazzjoni tal-ERTMS u r-raba' pakkett ferrovjarju jipprovdi qafas ċar li jiżgura l-interoperabbiltà.

**Rakkomandazzjoni 4 – Azzjonijiet li jtejbu l-operazzjonijiet tal-ferroviji ta' veloċità qawwija għall-passiġġieri**

1. Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Faċilitaturi teknoloġiċi għal soluzzjonijiet ta' biljetti elettroniċi qed jiġu żviluppati fi ħdan it-TAP TSI – filwaqt li qed jiġi żviluppat tisħiħ ulterjuri fil-Programm ta' Innovazzjoni Shift2rail 4 (eż. lejn kartieri elettroniċi multimodali).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni attwalment qed timmonitorja l-iżviluppi tas-suq ferrovjarju li jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-użu ta' sistemi komuni ta' informazzjoni u bejgħ ta' biljetti globali. Il-leġiżlazzjoni (id-Direttiva UE 2016/2370) tirrikjedi li sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-disponibbiltà ta' sistemi komuni ta' informazzjoni u bejgħ ta' biljetti globali, biex tkun akkumpanjata, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi.

2. Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Sal-aħħar tal-2019, il-Kummissjoni se tkun lestiet verifika ta' konformità sħiħa tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tal-Istati Membri. Madankollu, tfakkar li l-każijiet ta' applikazzjoni ħażina

(għall-kuntrarju ta' traspożizzjoni) jistgħu dejjem ikunu miġjuba għall-attenzjoni tagħha iktar tard mill-2019, f'liema każ tkun obbligata taġixxi.

Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll b'mod attiv mal-amministraturi ta' infrastruttura biex jiżguraw kooperazzjoni tal-mark-ups għal operazzjonijiet transfruntiera.

3. Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Sal-aħħar tal-2019, il-Kummissjoni se tkun lestiet verifika ta' konformità sħiħa tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tal-Istati Membri. Madankollu, każijiet ta' applikazzjoni ħażina (għall-kuntrarju ta' traspożizzjoni) jistgħu dejjem ikunu miġjuba għall-attenzjoni tagħha iktar tard mill-2019, f'liema każ tkun obbligata taġixxi.

4. Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Fir-rigward ta' (i), waqt ir-reviżjoni prevista tar-Regolament tal-Kummissjoni UE 2015/1100 dwar l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri fil-qafas tal-monitoraġġ tas-suq ferrovjarju, il-Kummissjoni se tipproponi li l-Istati Membri jiġbru d-*data* dwar il-puntwalità separatament għal servizzi ta' distanzi twal konvenzjonali u ta' veloċità għolja. Jekk l-Istati Membri jaċċettaw il-proposta id-*data* tkun tista' ssir disponibbli mill-2020 u titqassam f'rapporti ta' kull sentejn dwar il-monitoraġġ tas-Suq Ferrovjarju.

Il-Kummissjoni ma taċċettax (ii) li jitlob l-iżvilupp ta' qafas ta' rappurtar standard u metodoloġija għal rappurtar għas-sodisfazzjon tas-servizz tal-klijenti. Ir-rapporti ta' operaturi attwalment ippubblikata fis-sit elettroniku ERADIS taż-ŻER kif mitlub fir-rapport tar-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri (KE) 1371/2007 dwar is-sodisfazzjon tal-konsumaturi kontra standards ta' kwalità tas-servizz individwali. L-introduzzjoni ta' rappurtar armonizzata fil-livell tal-UE tkun tinvolvi piż amministrattiv addizzjonali, peress li l-operaturi jkunu obbligati jirrappurtaw mhux biss lill-istandards ta' kwalità ta' servizz individwali tagħhom iżda jikkonformaw ma' rekwiżiti armonizzati tal-UE. Sabiex titjieb it-trasparenza u r-rappurtar tal-kwalità fil-livell tal-operaturi, il-Kummissjoni pproponiet riċentament fit-Tfassil mill-ġdid tar-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġier (KE)1371/2007 (COM(2017)548 final) ta' approċċ iżjed standardizzat lejn ir-rappurtar li jinkludi stħarriġ aktar dettaljat dwar il-kwalità minima tas-servizzi għas-sodisfazzjon tal-konsumaturi fl-Anness III tiegħu, il-punt I (2). Madankollu, dan mhux se jippermetti għal armonizzazzjoni sħiħa u għalhekk il-Kummissjoni tqis li t-tkomplija tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru kull 4-6 snin (suġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi baġitarji) huma għodda xierqa u proporzjonata sabiex jingħataw l-aktar ħarsa ġenerali soda u rappreżentattiva tax-xejriet tas-sodisfazzjon tal-konsumatur fil-livell tal-UE. Is-sejbiet tal-Ewrobarometru huma ppubblikati separatament kif ukoll analizzati f'kuntest ta' politika fir-rapport ta' Monitoraġġ tas-Suq Ferrovjarju sussegwenti tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, minħabba l-għan tagħha ta' liberalizzazzjoni tat-trasport ferrovjarju, il-Kummissjoni ma tqisx li l-evalwazzjoni ta' atturi tas-suq li jikkompetu kontra xulxin huwa xogħolha.

5. Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Barra minn hekk, fl-2017 il-Kummissjoni nediet studju komprensiv dwar l-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni-bil-għan li jiġi vvalutat il-punt sa fejn il-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u ta' "min juża jħallas" huma implimentati fil-pajjiżi tal-UE fil-modi kollha. L-għoti tal-metodoloġiji rilevanti u d-*data* jservi wkoll biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni futura ta' dawn il-prinċipji mill-Istati Membri responsabbli.

| Avveniment | Data |
|---|---|
| Il-Memorandum ta' Ppjanar tal-Awditjar (APM) jiġi adottat / L-awditu jinbeda | 25.1.2017 |
| L-abbozz ta' rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lill-entità l-oħra awditjata) | 4.5.2018 |
| Ir-rapport finali jiġi adottat wara l-proċedura kontradittorja | 13.6.2018 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew tal-entità l-oħra awditjata) jaslu bil-lingwi kollha | Bl-Ingliż: 25.6.2018<br>Bil-lingwi l-oħra: 12.7.2018 |

ISBN 978-92-847-0102-5
doi:10.2865/884793
QJ-AB-18-014-MT-N

Mis-sena 2000 'l hawn, l-UE investiet EUR 23.7 biljun fl-infrastruttura ferrovjarja ta' veloċità għolja. Ma jeżistix pjan realistiku fit-tul għall-ferroviji ta' veloċità għolja fil-livell tal-UE, iżda hemm biss sistema frammentata u ineffettiva ta' linji ferrovjarji nazzjonali b'konnessjonijiet inadegwati peress li l-Kummissjoni Ewropea la għandha l-għodod legali u lanqas is-setgħat biex tobbliga lill-Istati Membri jibnu l-linji kif kien ġie maqbul.
Hemm dubju dwar il-kosteffiċjenza billi l-linji ta' veloċità għolja ħafna mhumiex meħtieġa kullimkien, peress li l-ispiża għal kull minuta ta' ħin tal-ivvjaġġar iffrankata hija għolja ħafna, u tista' titla' għal EUR 369 miljun, u l-veloċitajiet medji jammontaw biss għal 45 % tal-kapaċità massima, filwaqt li spejjeż ogħla milli ppjanat u dewmien fil-kostruzzjoni huma n-norma minflok l-eċċezzjoni.
Is-sostenibbiltà hija baxxa, l-effettività tal-investimenti mhix adegwata u l-valur miżjud tal-UE huwa f'riskju minħabba l-fatt li għal tlieta minn seba' linji kkompletati l-ammont ta' passiġġieri huwa baxx u dan iwassal għal riskju għoli li l-nfiq ta' EUR 2.7 biljun f'kofinanzjament mill-UE ma jkunx effettiv. Barra minn hekk, għal 9 linji u meded minn 14, l-ammont potenzjali ta' passiġġieri mhuwiex għoli biżżejjed, u għad hemm fis-seħħ 11 000 regola nazzjonali, għalkemm il-Qorti kienet diġà talbet fl-2010 li jitneħħew dawn l-ostakli kemm tekniċi kif ukoll amministrattivi.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

©Unjoni Ewropea, 2018.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.